IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.6.2021
COM(2021) 347 final

2021/0171 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-krediti għall-konsumatur

{SEC(2021) 281 final} - {SWD(2021) 170 final} - {SWD(2021) 171 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Id-Direttiva 2008/48/KE dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur ("id-Direttiva dwar il-Kreditu għall-Konsumatur" jew "id-Direttiva"), emendata fl-2011, fl-2014, fl-2016 u fl-2019[1], stabbiliet qafas armonizzat tal-UE għall-kreditu għall-konsumatur, biex jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' suq intern li jiffunzjona mingħajr xkiel fil-kreditu għall-konsumatur u jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur sabiex tiġi żgurata l-kunfidenza tiegħu.

Evalwazzjoni REFIT[2] fl-2018-2019 sabet li l-objettivi tad-Direttiva tal-2008, jiġifieri l-iżgurar ta' standards għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur u t-trawwim tal-iżvilupp ta' suq intern għall-kreditu, għadhom rilevanti fil-kuntest ta' xenarju regolatorju li huwa frammentat b'mod sinifikanti madwar l-UE u li ntlaħqu biss parzjalment. Din il-frammentazzjoni, flimkien mal-inċertezza legali minħabba l-kliem mhux preċiż ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva, ifixklu l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern għall-kreditu għall-konsumatur u ma jiżgurawx livell konsistentement għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

Mill-adozzjoni tad-Direttiva tal-2008, id-diġitalizzazzjoni biddlet b'mod profond il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u d-drawwiet tal-konsumaturi b'mod ġenerali, li issa jridu proċess aktar faċli u aktar mgħaġġel biex jiksbu l-kreditu u spiss jagħmlu dan online. Din taffettwa wkoll is-settur tas-self, li kulma jmur qed jiġi dejjem aktar diġitalizzat. Atturi ġodda tas-suq, bħal pjattaformi ta' self bejn il-pari, qed joffru ftehimiet ta' kreditu f'forom differenti. Tfaċċaw prodotti ġodda, bħall-kreditu ta' terminu qasir bi prezz għoli. Id-diġitalizzazzjoni ħolqot ukoll modi ġodda ta' żvelar ta' informazzjoni b'mod diġitali u ta' valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumaturi bl-użu ta' sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet u *data* mhux tradizzjonali.

Il-kriżi tal-COVID-19 u l-miżuri ta' konfinament li rriżultaw xekklu wkoll l-ekonomija tal-UE u kellhom impatt kbir fuq is-suq tal-kreditu u l-konsumaturi, speċjalment dawk vulnerabbli, u b'hekk ħafna unitajiet domestiċi tal-UE saru aktar vulnerabbli finanzjarjament. Min-naħa l-oħra, il-kriżi aċċellerat ukoll it-trasformazzjoni diġitali. Matul il-kriżi tal-COVID-19, l-Istati Membri adottaw sensiela ta' miżuri ta' salvataġġ li jfittxu li jtaffu l-piż finanzjarju taċ-ċittadini u tal-unitajiet domestiċi, bħal moratorji għall-ħlas lura tas-self li ġeneralment ġew estiżi għall-kreditu għall-konsumatur.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni ħabbret rieżami tad-Direttiva dwar Ftehim ta' Kreditu għall-Konsumatur fil-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2020. Fil-Programm ta' Ħidma rivedut adottat fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, id-data tal-adozzjoni tar-rieżami ġiet posposta għat-tieni trimestru tal-2021[3].

---

1 Bid-Direttiva 2011/90/UE, id-Direttiva 2014/17/UE, ir-Regolament (UE) 2016/1011 u r-Regolament (UE) 2019/1243.

2 Ir-riżultati tal-Evalwazzjoni ġew ippubblikati fl-2020. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Evalwazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE dwar il-ftehim ta' kreditu għall-konsumatur, Brussell, 5.11.2020, SWD(2020) 254 final.

3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Programm ta' Ħidma Aġġustat tal-Kummissjoni 2020, Unjoni li tistinka għal aktar, COM(2020) 440 final.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti tkun garantita fil-proposta.

It-termini inġusti f'kuntratti mal-konsumatur huma rregolati mid-Direttiva 93/13/KEE dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, li tipprevedi li klawżoli kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment ma għandhomx jorbtu lill-konsumaturi jekk, għall-kuntrarju tar-rekwiżit ta' "*bona fide*", dawn jikkawżaw żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u fl-obbligi tal-konsumaturi minn naħa waħda u l-bejjiegħa u l-fornituri min-naħa l-oħra, għad-detriment tal-konsumaturi. Dan ir-rekwiżit ġenerali huwa ssupplimentat minn lista ta' eżempji ta' klawżoli li jistgħu jitqiesu bħala inġusti. Id-Direttiva 93/13/KEE tapplika b'mod parallel ma' regoli oħra dwar il-protezzjoni tal-konsumatur skont id-dritt tal-Unjoni.

Id-Direttiva 2002/65/KE li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji tirregola l-krediti għall-konsumatur attwalment eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kreditu għall-Konsumatur li jinbiegħu mill-bogħod, eż. online. Id-Direttiva bħalissa qed tiġi rieżaminata, kif imħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020.

Ir-reklamar qarrieqi huwa rregolat mid-Direttiva 2005/29/KE dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u d-Direttiva 2006/114/KE dwar reklamar qarrieqi u komparattiv li tapplika għar-relazzjonijiet bejn in-negozjanti. Madankollu, dawn ir-regoli la jqisu l-ispeċifiċitajiet tal-kreditu għall-konsumatur u lanqas ma jindirizzaw il-ħtieġa li l-konsumaturi jkunu jistgħu jqabblu r-reklamar.

Ir-Regolament (UE) 2016/679 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, "GDPR") jistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-ipproċessar ta' *data* personali, it-tisħiħ tad-drittijiet fundamentali tal-individwi u l-kjarifika tar-regoli għall-kumpaniji u għall-korpi pubbliċi. Il-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-*data*, l-akkuratezza u l-limitazzjoni tal-ħżin kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-GDPR jirregolaw l-użu tad-*data* biex jitwettqu l-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja. Mingħajr ma tiddevja mill-GDPR, din il-proposta għandha l-għan li tindirizza t-tħassib identifikat fl-ipproċessar ta' *data* personali li huwa speċifiku għall-prattiki osservati fis-suq tal-kreditu għall-konsumatur, jiġifieri l-użu ta' sorsi alternattivi ta' *data* għall-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja jew it-trasparenza tal-valutazzjonijiet imwettqa bl-użu ta' tekniki ta' tagħlim awtomatiku.

Il-konsistenza ma' leġiżlazzjoni oħra, bħall-emendi introdotti, fost l-oħrajn, fid-Direttiva 2005/29/KE bid-Direttiva (UE) 2019/2161 dwar l-infurzar aħjar u mmodernizzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, tkun garantita wkoll fil-proposta, li tinkludi dispożizzjonijiet f'konformità ma' dik id-Direttiva.

Fl-2020, il-Kummissjoni adottat pakkett tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Dan jinkludi Att dwar is-Servizzi Diġitali li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (id-Direttiva dwar il-Kummerċ elettroniku) u li jintroduċi qafas orizzontali għas-servizzi intermedjarji, u Att dwar is-Swieq Diġitali li jintroduċi regoli għal pjattaformi li jaġixxu bħala "gwardjani" fis-settur diġitali.

Fl-2021, il-Kummissjoni ppubblikat ukoll Proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali[4], biex tippromwovi l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) iżda wkoll biex tindirizza r-riskji assoċjati ma' ċerti użi tal-IA.

[4] COM(2021) 206 final.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

L-objettivi tal-proposta huma konsistenti mal-politiki u l-objettivi tal-UE.

Il-proposta hija konsistenti ma' leġiżlazzjoni u politiki oħra tal-UE u tikkomplementahom, b'mod partikolari fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur, bħad-Direttiva 2011/83/UE dwar drittijiet tal-konsumatur, id-Direttiva 2013/11 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim tal-konsumaturi u d-Direttiva 2014/17/UE dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali, li tirregola ftehimiet ta' kreditu ipotekarju (id-Direttiva dwar il-Kreditu Ipotekarju).

Fl-2018, il-Kummissjoni ppubblikat ukoll Proposta għal Direttiva dwar is-servizzjanti tal-kreditu, ix-xerrejja tal-kreditu u l-irkupru tal-kollateral[5], li bħalissa qed jiġi nnegozjat mill-koleġiżlaturi.

F'Settembru 2020, il-Kummissjoni adottat pakkett ta' finanzjament diġitali, li jinkludi strateġija għall-finanzi diġitali u proposti leġiżlattivi dwar il-kriptoassi u r-reżiljenza diġitali, għal settur finanzjarju kompetittiv tal-UE li jagħti lill-konsumaturi aċċess għal prodotti finanzjarji innovattivi filwaqt li jiżgura l-protezzjoni tal-konsumatur u l-istabbiltà finanzjarja. B'mod konsistenti, din il-proposta għandha l-għan li timmodernizza r-regoli dwar il-kreditu għall-konsumatur sabiex tindirizza l-bidliet li ġabet magħha d-diġitalizzazzjoni. Tikkomplementa wkoll ir-Regolament (UE) 2020/1503 dwar fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji, peress li dak ir-regolament ma japplikax għal servizzi ta' finanzjament kollettiv għall-konsumaturi.

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE/it-Trattat) jipprevedi azzjoni biex jiġu żgurati l-istabbiliment u l-funzjonament ta' suq intern b'livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi, kif ukoll il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Il-forniment transfruntier ta' kreditu għall-konsumatur għadu mfixkel minn diversi ostakli.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika tad-direttiva proposta hija l-Artikolu 114 tat-TFUE dwar il-kompletament tas-suq intern, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Artikolu 169 tat-TFUE[6]. Huwa jagħti lill-UE s-setgħa li tadotta miżuri għall-approssimazzjoni tar-regoli nazzjonali dwar l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Billi toħloq livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, il-proposta għandha l-għan li tgħin lis-suq intern jiffunzjona mingħajr xkiel.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenzi mhux esklużivi)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika jekk il-proposta ma taqax taħt il-kompetenzi esklużivi tal-UE[7].

L-objettivi tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar mill-UE.

It-Trattat jipprevedi azzjoni biex jiġu żgurati l-istabbiliment u l-funzjonament ta' suq intern b'livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi, kif ukoll il-forniment liberu tas-servizzi. Suq

[5] COM/2018/0135 final.

[6] L-Artikolu 169 tat-TFUE jiddikjara li l-objettivi tal-promozzjoni tal-interessi tal-konsumaturi u l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur jistgħu jintlaħqu permezz ta' miżuri adottati skont l-Artikolu 114 tat-TFUE.

[7] L-Artikolu 3 tat-TFUE jelenka l-oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

bħal dan għall-kreditu għall-konsumatur għadu limitat minħabba diversi ostakli. Dawn l-ostakli jirrestringu l-livell ta' attività transfruntiera tal-provvista u tad-domanda, u b'hekk inaqqsu l-kompetizzjoni u konsegwentement l-għażla għall-konsumaturi.

L-azzjoni tal-UE tiżgura livell konsistentement għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u qafas legali aktar ċar u armonizzat għan-negozji, li jnaqqas l-ostakli għall-għoti ta' kreditu fi Stati Membri oħra (permezz ta' forniment transfruntier dirett jew l-istabbiliment ta' sussidjarji).

Bid-diġitalizzazzjoni, u d-dħul potenzjali ta' atturi diġitali ġodda fis-suq tal-kreditu, il-forniment transfruntier tal-kreditu huwa mistenni li jiżdied. Dan se jżid il-ħtieġa u l-effettività ta' regoli komuni tal-UE idonei għall-era diġitali biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-UE.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu strettament meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħha. Hija ma tirregolax l-aspetti kollha tal-għoti ta' self u t-teħid ta' self iżda tiffoka fuq aspetti ewlenin tat-tranżazzjoni ta' kreditu għall-konsumatur sabiex tiffaċilita l-iżvilupp tal-forniment ta' servizzi transfruntiera u tipproteġi lill-konsumaturi f'dan il-kuntest.

Ir-regoli proposti ġew soġġetti għal test tal-proporzjonalità biex tiġi żgurata regolamentazzjoni xierqa u proporzjonata. Dawn se jinvolvu kostijiet għall-fornituri iżda jirrappreżentaw ukoll approċċ ambizzjuż li jibqa' validu fil-futur u li jwassal għal benefiċċji ogħla għall-konsumaturi u għas-soċjetà b'mod ġenerali.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument magħżul huwa Direttiva li tħassar id-Direttiva 2008/48/KE.

Direttiva hija vinkolanti fir-rigward tar-riżultat tal-kisba tal-funzjonament tas-suq intern, iżda tħalli lill-awtoritajiet nazzjonali l-għażla tal-forma u tal-metodi.[8] Id-Direttiva proposta se tissostitwixxi d-Direttiva tal-2008 iżda se żżomm ħafna mill-elementi tagħha. Dan se jippermetti lill-Istati Membri jemendaw il-leġiżlazzjoni fis-seħħ (b'riżultat tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE) sa fejn ikun meħtieġ biex tiġi żgurata l-konformità, filwaqt li jillimita l-impatt ta' tali riforma fuq is-sistemi leġiżlattivi tagħhom. Id-Direttiva proposta hija strument ta' armonizzazzjoni sħiħa fl-oqsma li hija tkopri, madankollu f'ċerti oqsma xi għażliet regolatorji tħallew f'idejn l-Istati Membri.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2014, il-Kummissjoni ppreżentat rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva[9], li għalih wettqet eżerċizzju ta' xiri bil-moħbi u għamlet stħarriġ fost il-konsumaturi biex tivvaluta l-konformità mad-Direttiva. Ir-rapport ikkonkluda li kien hemm il-ħtieġa li l-infurzar tad-Direttiva jkompli jiġi ssorveljat.

Fl-2020, il-Kummissjoni ppreżentat rapport ieħor dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva[10], biex tippreżenta r-riżultati ewlenin tal-Evalwazzjoni REFIT tal-2018–2019[11] kif ukoll it-

[8] L-Artikolu 288 tat-TFUE.

[9] Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur, 14.5.2014, COM(2014) 259 final.

[10] Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur, 5.11.2020, COM(2020) 963 final.

tagħlimiet meħuda mill-applikazzjoni tad-Direttiva minn meta ġiet adottata. Ir-rapport enfasizza li l-objettivi tad-Direttiva tal-2008 għadhom rilevanti u li din kienet parzjalment effettiva fl-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u l-ħolqien ta' suq intern li jiffunzjona mingħajr xkiel. Ir-raġunijiet għaliex id-Direttiva kienet biss parzjalment effettiva huma kemm id-Direttiva nnifisha (pereżempju, kliem mhux preċiż ta' wħud mill-artikoli) kif ukoll fatturi esterni, bħall-applikazzjoni prattika u l-infurzar tagħha fl-Istati Membri u aspetti tas-suq tal-kreditu għall-konsumatur li hija ma tkoprix. L-evalwazzjoni identifikat għadd ta' nuqqasijiet relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, id-definizzjonijiet u t-termini tagħha li xi drabi ma humiex ċari, l-obbligi ta' informazzjoni mhux adattati għall-midja diġitali, nuqqas ta' ċarezza fid-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja li jirriżulta fi protezzjoni insuffiċjenti għall-konsumaturi u differenzi fl-infurzar.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

F'dawn l-aħħar ftit snin, il-Kummissjoni wettqet diversi attivitajiet ta' konsultazzjoni dwar ir-regoli applikabbli għall-kreditu għall-konsumatur fil-livell tal-UE. Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati għall-Evalwazzjoni REFIT, li r-riżultati tagħha ġew ippubblikati fl-2020, u għall-valutazzjoni tal-impatt imwettqa għar-Rieżami REFIT tad-Direttiva. Bħala parti mill-Evalwazzjoni REFIT u mir-Rieżami REFIT, saru żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi[12] minbarra forom oħra ta' konsultazzjoni (stħarriġ fost il-konsumaturi, intervisti mal-partijiet ikkonċernati u stħarriġ fosthom, kwestjonarji mmirati mibgħuta lill-awtoritajiet nazzjonali,[13] laqgħat bilaterali, workshops, laqgħat tal-gruppi ta' esperti ddedikati mill-Istati Membri, konsultazzjoni mal-Grupp tal-Utenti tas-Servizzi Finanzjarji, kif ukoll diskussjonijiet *ad hoc* matul is-Summits annwali tal-Konsumaturi).

Il-Parlament Ewropew organizza wkoll seduta f'Marzu 2021 dwar ir-rieżami tad-Direttiva, u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ippubblika Rapport ta' Informazzjoni fl-2019 dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kreditu għall-Konsumatur[14].

Grupp ta' awtoritajiet tal-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC) (membri tan-network CPC) wettaq ukoll kontroll tal-konformità kkoordinat tar-reklamar u l-offerti online għax-xiri ta' prodotti ta' kreditu għall-konsumatur fi Frar/Marzu 2021[15].

Il-proċess estensiv ta' konsultazzjoni għamilha possibbli li jiġu identifikati l-opinjonijiet prinċipali tal-partijiet ikkonċernati dwar il-kwistjonijiet ewlenin. Il-feedback tal-partijiet ikkonċernati identifika d-diġitalizzazzjoni tas-suq bħala l-fattur ewlieni li għandu jitqies fil-proċess ta' rieżami. L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi huma favur reviżjoni estensiva tad-Direttiva, biex jiġu indirizzati diversi problemi identifikati fir-rieżami relatati mal-kamp ta' applikazzjoni inadegwat tad-Direttiva, il-prattiki ta' self irresponsabbli, l-informazzjoni eċċessiva, l-użu tad-*data* u dejn eċċessiv, b'mod partikolari fil-kuntest tal-COVID-19. Ir-rispondenti fil-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati u fl-Istati Membri jaqblu li l-

---

11 Ir-riżultati tal-Evalwazzjoni ġew ippubblikati fl-2020. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Evalwazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE dwar il-ftehim ta' kreditu għall-konsumatur, 5.11.2020, SWD(2020) 254 final.

12 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/1844-Evaluation-of-the-Consumer-Credit-Directive/public-consultation_mt
https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12465-Consumer-Credit-Agreement-review-of-EU-rules/public-consultation_mt

13 Minbarra l-istħarriġ u l-intervisti mal-awtoritajiet nazzjonali, ġew żviluppati tliet kwestjonarji speċifikament għall-entitajiet tas-Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim (ADR) u għall-membri taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC) u għaċ-ċentri taċ-Ċentri tal-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC).

14 Int/884-KESE-2019-01055-00-00-ri-ra.

15 Mini-sweep on consumer credit, 2021.

informazzjoni li jirċievu l-konsumaturi fl-istadji tar-reklamar u prekuntrattwali jeħtieġ li tiġi ssimplifikata u għandha tirrifletti l-użu dejjem akbar ta' apparati diġitali, jekk trid tilħaq l-objettiv tagħha li tipproteġi lill-konsumatur. Ir-rappreżentanti tan-negozju huma ferm favur l-istabbiltà regolatorja u l-interventi mhux regolatorji, jew bidliet immirati fid-Direttiva biex din tiġi adattata għall-iżviluppi tad-diġitalizzazzjoni. Huma jipproponu s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' żvelar tal-informazzjoni, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà fil-proċess ta' valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. L-awtoritajiet nazzjonali ġeneralment jappoġġaw emenda leġiżlattiva. Diversi Stati Membri jidhru li jiffavorixxu bidliet leġiżlattivi estensivi biex jiġu indirizzati l-problemi identifikati, filwaqt li oħrajn jirrakkomandaw approċċ aktar immirat. Il-maġġoranza tal-awtoritajiet nazzjonali jirrikonoxxu li l-armonizzazzjoni tar-regoli tappoġġa l-iżvilupp tas-suq transfruntier. Il-partijiet ikkonċernati kollha japprezzaw il-benefiċċji tas-servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn għall-konsumaturi u l-krediturivulnerabbli, peress li dawn is-servizzi jippermettu lill-krediturijirkupraw id-djun b'mod effettiv.

Il-kontribut li wasal ġie miġbur fil-qosor u użat biex titħejja l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta, kif ukoll biex jiġi vvalutat l-impatt ta' regoli ġodda fuq il-partijiet ikkonċernati.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Il-Kummissjoni użat ukoll sensiela ta' studji u rapporti dwar kwistjonijiet relatati ma' għoti ta' self u teħid ta' self responsabbli. Dawn jinkludu l-istudju tal-ICF li jappoġġa l-Valutazzjoni tal-Impatt tad-Direttiva (2021)[16]; l-istudju tal-ICF li jappoġġa l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kreditu għall-Konsumatur (2020)[17]; l-istudju tal-imġiba ta' LE Europe *et al.* dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ mill-bogħod ta' servizzi finanzjarji għall-konsumatur (2019)[18]; l-istudju CIVIC dwar il-kejl tad-detriment għall-konsumatur fl-Unjoni Ewropea (2017)[19]; u l-istudju CIVIC dwar id-dejn eċċessiv tal-unitajiet domestiċi Ewropej (2013)[20].

Il-Kummissjoni wettqet ukoll immappjar tal-approċċi nazzjonali għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja skont id-Direttiva dwar il-Kreditu għall-Konsumatur fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni tal-2017 dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur[21], f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, u ppubblikatu fl-2018[22].

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta.

L-għanijiet ġenerali tar-Rieżami REFIT kienu li jitnaqqas id-detriment għall-konsumatur u r-riskji ta' teħid ta' self f'suq li qed jinbidel, li jiġi ffaċilitat il-forniment transfruntier ta' kreditu

16 ICF, Study on possible impacts of a revision of the CCD, 2021 (li għandu jiġi ppubblikat flimkien mal-proposta).

17 ICF, Evaluation of Directive 2008/48/EC on credit agreements for consumers, 2020.

18 LE Europe, VVA Europe, Ipsos NV, ConPolicy u Time.lex, Behavioural study on the digitalisation of the marketing and distance selling of retail financial services, 2019.

19 CIVIC Consulting, Study on measuring consumer detriment in the European Union, 2017.

20 CIVIC Consulting, The over-indebtedness of European households: updated mapping of the situation, nature and causes, effects and initiatives for alleviating its impact, 2013.

21 COM(2017) 0139 final.

22 Mapping of national approaches in relation to creditworthiness assessment under Directive 2008/48/EC on credit agreements for consumers: https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/mapping_national_approaches_creditworthiness_assessment.pdf

għall-konsumatur u li tingħata spinta lill-kompetittività tas-suq intern. Dan kollu huwa konformi mal-objettivi oriġinali tad-Direttiva.

L-għażliet ivvalutati biex jintlaħqu l-objettivi kienu: xenarju ta' ebda bidla fil-politika (Għażla 0 – linja bażi), intervent mhux regolatorju (Għażla 1); emenda mmirata tad-Direttiva, li tiffoka fuq li tagħmel id-dispożizzjonijiet attwali tagħha aktar ċari u aktar effettivi (Għażla 2); emenda estensiva tad-Direttiva biex jiġu inklużi dispożizzjonijiet ġodda f'konformità mad-dritt eżistenti tal-UE (Għażla 3a) jew biex jiġu inklużi dispożizzjonijiet ġodda li jmorru lil hinn mid-dritt eżistenti tal-UE (Għażla 3b). Abbażi tal-valutazzjoni tal-impatt, l-Għażla 3a ġiet identifikata bħala l-għażla preferuta, ikkomplementata b'ċerti miżuri kosteffettivi meħuda minn għażliet oħra.

L-għażla ppreferuta tikkonsisti f'emenda tad-Direttiva biex tinkludi dispożizzjonijiet ġodda, f'konformità mal-acquis eżistenti tal-UE. Permezz ta' sommarju qasir tal-elementi ewlenin tal-għażla ppreferuta, ġew inklużi l-miżuri li ġejjin: l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva biex tkopri self ta' inqas minn EUR 200, kreditu mingħajr imgħax, il-faċilitajiet kollha ta' overdraft u l-ftehimiet kollha ta' lokazzjoni, kif ukoll ftehimiet ta' kreditu konklużi permezz ta' pjattaformi ta' self bejn il-pari; l-emenda tad-definizzjoni ta' diversi termini ewlenin; l-għoti ta' spjegazzjonijiet adegwati lill-konsumaturi; it-tnaqqis tal-ammont ta' informazzjoni li għandha tingħata lill-konsumaturi fir-reklamar b'enfasi fuq informazzjoni ewlenija meta tingħata permezz ta' ċerti mezzi; aktar dettalji dwar kif u meta l-informazzjoni prekuntrattwali tiġi ppreżentata lill-konsumaturi biex jiġi żgurat li din il-preżentazzjoni ssir b'mod aktar effettiv; il-projbizzjoni ta' kaxxi mmarkati minn qabel; il-projbizzjoni ta' bejgħ abbinat; standards dwar is-servizzi ta' konsulenza; il-projbizzjoni ta' bejgħ mhux mitlub ta' prodotti ta' kreditu; l-istabbiliment tal-obbligu fuq l-Istati Membri li jistabbilixxu limiti massimi fuq ir-rati tal-imgħax, ir-rata perċentwali annwali ta' imposta jew il-kost totali tal-kreditu; l-istabbiliment ta' regoli tal-kondotta tal-operazzjonijiet u l-obbligu tal-fornituri tal-kreditu u tal-intermedjarji tal-kreditu li jiżguraw li l-membri tal-persunal ikollhom is-sett xieraq ta' ħiliet u għarfien; l-indikazzjoni li l-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja jenħtieġ li jitwettqu abbażi ta' informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi finanzjarji u ekonomiċi, meħtieġa, suffiċjenti u proporzjonata; id-dispożizzjoni dwar l-użu ta' sorsi alternattivi ta' *data* biex jitwettqu valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja li tirrifletti l-prinċipji tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (UE) 2016/679; l-obbligu fuq l-Istati Membri li jippromwovu l-edukazzjoni finanzjarja; l-obbligu fuq l-Istati Membri li jadottaw miżuri biex jinkoraġġixxu lill-krediturijeżerċitaw tolleranza raġonevoli; it-titjib tad-disponibbiltà tas-servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn; it-titjib tal-kundizzjonijiet għall-infurzar bl-introduzzjoni ta' artikolu dwar l-awtoritajiet kompetenti; regola ta' 4 % (multa massima minima) kif stabbilita fid-Direttiva Omnibus (UE) 2019/2161 għal każijiet ta' ksur transfruntier mifruxa, hija inkluża fir-rigward tal-penali.

L-għażla preferuta ġiet ivvalutata bħala effettiva ħafna fil-kisba tal-objettivi tal-inizjattiva, filwaqt li tiżgura livell għoli ta' koerenza mal-leġiżlazzjoni tal-UE u effiċjenza f'termini tal-impatti ekonomiċi u soċjali vvalutati. Hija mistennija li jkollha impatt pożittiv fuq il-protezzjoni tal-konsumatur, tnaqqas id-detriment, tibni l-fiduċja u ttejjeb l-inklużjoni soċjali. X'aktarx li ssaħħaħ il-kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri u bejniethom, billi tnaqqas il-frammentazzjoni tal-qafas legali attwali. Il-miżuri kwantifikati skont l-għażla ppreferuta jinvolvu tnaqqis fid-detriment għall-konsumatur ta' madwar EUR 2 biljun fil-perjodu 2021-2030. Minbarra dawn il-miżuri kwantifikati, din l-għażla tkun tinvolvi l-benefiċċji ta' miżuri oħra bħal limiti massimi fuq ir-rata perċentwali annwali ta' imposta/rati tal-imgħax li jitqiesu li huma ta' benefiċċju kbir għall-konsumaturi u għas-soċjetà, iżda ma setgħux jiġu kkwantifikati, u tagħmel l-għażla preferuta aktar vijabbli. L-impatt fuq is-soċjetà jitqies li huwa wkoll pożittiv ħafna, bis-saħħa ta' miżuri li jipprevjenu u jindirizzaw id-dejn eċċessiv, u

b'hekk itejbu l-inklużjoni soċjali. Dawn il-miżuri jinkludu t-tisħiħ tal-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja, miżuri ta' tolleranza u servizzi ta' konsulenza. Għal kull EUR 1 li jintefaq fuq parir dwar id-dejn, dan huwa mistenni li jipprovdi bejn EUR 1,4–5,3 f'benefiċċji ekwivalenti, l-aktar minħabba li jiġu evitati l-kostijiet soċjali tad-dejn eċċessiv.

Il-forniturі ta' kreditu jġorru l-biċċa l-kbira tal-kostijiet ta' implimentazzjoni tad-Direttiva l-ġdida. Xi miżuri jkunu aktar għaljin għall-forniturі li bħalissa joffru prodotti mhux koperti mid-Direttiva (eż. limiti massimi fuq ir-rata tal-imgħax, ir-rata perċentwali annwali tal-imposta jew il-kost totali tal-kreditu). Il-kost tal-miżuri kwantifikati għall-banek huwa stmat li huwa bejn EUR 1,4 biljun u EUR 1,5 biljun. Huwa mistenni li l-kostijiet se jgħaddu għand il-konsumaturi (għalkemm ma kienx possibbli li jiġi aċċertat sa liema punt).

Il-protezzjoni tal-konsumaturi li jagħtu kreditu permezz ta' pjattaformi ta' self bejn il-pari mhijiex indirizzata peress li ma taqbilx mal-loġika tal-proposta. Għalhekk, il-protezzjoni tal-konsumaturi li jinvestu permezz ta' dawn il-pjattaformi, u r-responsabbiltajiet tal-pjattaformi fil-konfront tal-konsumaturi se jiġu vvalutati f'kuntest ieħor u, jekk xieraq, segwiti minn proposta legali.

- **Idoneità u simplifikazzjoni regolatorja**

Ir-Rieżami REFIT huwa inkluż fit-taqsima REFIT tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni. Il-proposta tkun tinvolvi kostijiet għan-negozji, iżda hija mistennija wkoll li tnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom, bis-saħħa ta' aktar ċarezza legali. Diġà qed jiġu implimentati diversi miżuri f'xi Stati Membri, u għalhekk in-negozji f'dawk l-Istati Membri ma humiex se jiffaċċjaw kostijiet addizzjonali sinifikanti.

Il-proposta tissimplifika ċerti rekwiżiti ta' informazzjoni u għandha l-għan li tadatta r-rekwiżiti għall-użu diġitali. B'mod speċifiku, il-proposta se tnaqqas il-kostijiet tar-reklamar għall-forniturі/intermedjarji tal-kreditu fuq ċerti midja eż. ir-radju, filwaqt li tiżgura li l-konsumaturi jiksbu informazzjoni aktar ċara li tkun aktar faċli biex tiġi pproċessata u mifhuma. Il-potenzjal għas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għar-reklamar tal-kreditu għall-konsumatur fuq ix-xandir bir-radju jista' jiġi stmat għal EUR 1,4 miljun fis-sena, li jammonta għal EUR 14-il miljun matul il-perjodu 2021–2030.

L-adattament tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għall-użu diġitali b'mod partikolari permezz ta' Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur għandu kost inizjali. Madankollu, fuq medda twila ta' żmien, dan inaqqas il-piż fuq in-negozji, li jistgħu jipprovdu l-Formola sħiħa ta' Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur permezz tal-email, mingħajr ma jkollhom jadattawha għall-iskrins diġitali. Peress li madwar terz tal-konsumaturi daħlu fi ftehim ta' kreditu online, dan it-tnaqqis fil-piż jista' fl-aħħar mill-aħħar ikollu impatt pożittiv fuq aktar minn 25 miljun self bankarju personali kull sena.

Fir-rigward tat-tnaqqis fil-piż għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-grad ogħla ta' ċarezza legali u l-qafas regolatorju simplifikat huma mistennija jnaqqsu n-numru ta' lmenti u jżidu l-livell ta' ċertezza u konformità, u jagħmlu l-proċeduri ta' infurzar aktar effiċjenti. Miżuri speċifiċi biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni u jittejbu l-kundizzjonijiet għall-infurzar tad-Direttiva huma mistennija wkoll li jirriżultaw f'titjib fl-effiċjenza fl-infurzar tal-obbligi tad-Direttiva.

L-impatti speċifiċi fuq l-SMEs ma ġewx identifikati bħala sinifikanti, u għalhekk ma ġewx ivvalutati separatament.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, hija

tfittex li tiżgura rispett sħiħ għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, id-dritt għall-proprjetà, in-nondiskriminazzjoni, il-protezzjoni tal-ħajja tal-familja u dik professjonali, u l-protezzjoni tal-konsumatur skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali għall-finijiet ta' din id-Direttiva se jikkonforma mar-Regolament (UE) 2016/679. Dan jinkludi li jenħtieġ li tingħabar u tiġi pproċessata b'mod ieħor biss dik id-*data* li tkun adegwata, rilevanti u limitata għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi vvalutata l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur.

Se tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità jew il-post ta' residenza, jew kwalunkwe raġuni msemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea meta ssir talba għal ftehim ta' kreditu, jiġi konkluż jew miżmum tali ftehim fl-UE, għall-benefiċċju kemm tal-krediturі kif ukoll tal-konsumaturi.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE jew tal-aġenziji tal-UE, u tħalli barra l-kostijiet amministrattivi normali marbuta mal-iżgurar tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE, peress li ma jinħoloq l-ebda kumitat ġdid u ma jsir l-ebda impenn finanzjarju.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttiva riveduta, jekk tiġi adottata, wara d-dħul fis-seħħ tagħha. Il-Kummissjoni se tkun prinċipalment inkarigata mill-monitoraġġ tal-impatt tad-Direttiva, abbażi tad-*data* pprovduta mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mill-fornituri ta' kreditu, li se tkun ibbażata fuq sorsi ta' *data* eżistenti fejn possibbli biex jiġu evitati piżijiet addizzjonali fuq il-partijiet ikkonċernati differenti.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Is-sommarju li ġej għandu l-għan li jiffaċilita l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet billi jiddeskrivi s-sustanza ewlenija tad-Direttiva. L-Artikolu 1 (suġġett) jiddikjara li d-Direttiva għandha l-għan li tarmonizza aspetti tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar ċerti ftehimiet ta' kreditu għall-konsumaturi u servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

L-Artikolu 2 (kamp ta' applikazzjoni) jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, li jkopri ċerti ftehimiet ta' kreditu għall-konsumaturi u servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Xi eżenzjonijiet permessi mill-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/48/KE jibqgħu validi, iżda dawk li jikkonċernaw l-ammonti minimi, il-ftehimiet ta' lokazzjoni b'għażla li jinxtraw oġġetti jew servizzi, il-faċilitajiet ta' overdraft, il-kreditu mingħajr rata tal-imgħax u mingħajr imposti jew il-kreditu li jrid jitħallas lura fi żmien tliet xhur b'imposti insinifikanti biss, jeħtieġ li jitneħħew.

L-Artikolu 3 (definizzjonijiet) jiddefinixxi t-termini użati f'din il-proposta. Kemm jista' jkun, id-definizzjonijiet ġew allinjati ma' dawk f'testi oħra tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva 2014/17/KE dwar ftehimiet ta' kreditu għall-konsumaturi relatati ma' proprjetà immobbli residenzjali. Madankollu, minħabba l-ispeċifiċitajiet ta' din id-Direttiva, xi whud tfasslu għall-ħtiġijiet ta' din il-proposta.

L-Artikolu 4 (konverżjoni tal-ammonti espressi f'euro f'munita nazzjonali) jistabbilixxi regoli għall-konverżjoni tal-ammonti espressi f'euro fid-Direttiva f'munita nazzjonali.

L-Artikolu 5 (obbligu li tingħata informazzjoni mingħajr ħlas lill-konsumaturi) jinkludi obbligu li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni mingħajr ħlas f'konformità mad-Direttiva.

L-Artikolu 6 (nondiskriminazzjoni) jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-konsumaturi legalment residenti fl-Unjoni ma jiġux iddiskriminati abbażi tan-nazzjonalità, tar-residenza tagħhom jew minħabba kwalunkwe raġuni kif imsemmi fl-Artikolu 21 tal-Karta meta jitolbu, jikkonkludu jew ikollhom ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv fl-UE.

L-Artikolu 7 (reklamar u kummerċjalizzazzjoni ta' ftehimiet ta' kreditu u ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv) jintroduċi prinċipji ġenerali għall-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' reklamar.

L-Artikolu 8 (informazzjoni standard li għandha tiġi inkluża fir-reklamar ta' ftehimiet ta' kreditu u ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv) jistabbilixxi l-forma u l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-reklamar. L-informazzjoni standard tikkonċerna karatteristiċi ta' kreditu ewlenin. F'każijiet speċifiċi u ġustifikati fejn il-mezz użat biex tiġi kkomunikata l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-reklamar ma jippermettix il-wiri viżiv tagħha, bħal fir-reklamar bir-radju, tali informazzjoni jenħtieġ li titnaqqas biex jiġi evitat li tingħata informazzjoni żejda u jitnaqqas il-piż bla bżonn. Dawn id-dispożizzjonijiet jikkomplementaw l-obbligi tad-Direttiva 2002/65/KE li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi u d-Direttiva 2005/29/KE dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern.

L-Artikolu 9 (informazzjoni ġenerali) jirrikjedi li informazzjoni ġenerali ċara u li tinftiehem dwar il-ftehimiet ta' kreditu tkun magħmula disponibbli mill-krediturі jew, fejn applikabbli, mill-intermedjarji tal-kreditu jew mill-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv f'kull ħin.

L-Artikolu 10 (informazzjoni prekuntrattwali) joħloq obbligu għall-krediturі, għall-intermedjarji tal-kreditu jew għall-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li jagħtu lill-konsumaturi informazzjoni prekuntrattwali personalizzata abbażi tal-formola tal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur, u minbarra din għandhom jingħataw paġna waħda b'Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur li tiddeskrivi l-karatteristiċi ewlenin tal-kreditu inkwistjoni, biex tgħinhom iqabblu offerti differenti. L-għan huwa li jiġi żgurat li l-konsumaturi jaraw l-informazzjoni essenzjali kollha f'daqqa t'għajn, anki fuq skrin tal-mobile. Il-kontenut u t-tqassim tal-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur huma spjegati fid-dettall fl-Anness II, filwaqt li l-kontenut u t-tqassim tal-formola tal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur huma spjegati fid-dettall fl-Anness I. L-informazzjoni prekuntrattwali trid tingħata mill-inqas jum qabel ma l-konsumatur ikun marbut bi kwalunkwe ftehim ta' kreditu, jew bi ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jew offerta. Jekk l-informazzjoni prekuntrattwali tingħata inqas minn jum qabel ma l-konsumatur ikun marbut bi kwalunkwe ftehim ta' kreditu, ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jew offerta, il-krediturі, l-intermedjarji tal-kreditu jew il-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv iridu jfakkru lill-konsumaturi, jum wara li jiġi konkluż il-kuntratt, bil-possibbiltà li jirtiraw mill-ftehim ta' kreditu jew mill-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

L-Artikolu 11 (informazzjoni prekuntrattwali fir-rigward ta' ftehimiet ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 2(5) jew (6)) joħloq obbligu għall-krediturі u għall-intermedjarji tal-kreditu li jagħtu lill-konsumaturi informazzjoni prekuntrattwali personalizzata għal ċerti tipi ta' kreditu għall-konsumatur abbażi tal-formola tal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur, flimkien mal-paġna waħda ta' Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-

Kreditu għall-Konsumatur. Il-kontenut u t-tqassim tal-formola huma spjegati fid-dettall fl-Anness III. Għal ftehimiet ta' kreditu oħrajn, l-informazzjoni prekuntrattwali trid tingħata mill-inqas jum qabel ma l-konsumatur ikun marbut bi kwalunkwe ftehim ta' kreditu jew offerta, inkella l-krediturі u l-intermedjarji tal-kreditu jridu jfakkru lill-konsumaturi, jum wara li jiġi konkluż il-kuntratt, bil-possibbiltà li jirtiraw mill-ftehim ta' kreditu.

L-Artikolu 12 (spjegazzjonijiet adegwati) jirrikjedi li l-krediturі, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jispjegaw b'mod adegwat lill-konsumaturi l-ftehimiet ta' kreditu proposti, is-servizz ta' kreditu ta' finanzjarjament kollettiv u s-servizzi anċillari, sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw jekk humiex adattati għall-ħtiġijiet u s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom.

L-Artikolu 13 (offerti personalizzati abbażi ta' pproċessar awtomatizzat) idaħħal l-obbligu li l-konsumaturi jiġu infurmati meta jiġu ppreżentati b'offerti personalizzati abbażi ta' pproċessar awtomatizzat, inkluż tat-tfassil ta' profili.

L-Artikolu 14 (bejgħ abbinat u prattiki ta' ggruppar) jipprojbixxi l-bejgħ abbinat, sakemm ma jkunx jista' jintwera li dan ikun ta' benefiċċju ċar għall-konsumaturi meta jitqiesu kif xieraq id-disponibbiltà u l-prezzijiet tat-tipi ta' prodotti inkwistjoni, filwaqt li jippermetti l-prattiki ta' ggruppar.

L-Artikolu 15 (qbil inferit għall-akkwist ta' servizzi anċillari) jipprojbixxi l-inferenza tal-qbil tal-konsumatur permezz ta' għażliet prestabbiliti bħal kaxxi mmarkati minn qabel.

L-Artikolu 16 (servizzi ta' konsulenza) jistabbilixxi standards biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu konxji li l-kreditur, l-intermedjarju tal-kreditu jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jipprovdu pariri, mingħajr ma jiġi introdott l-ebda obbligu li jingħataw parir. Dan jintroduċi rekwiżit li jiġi kkunsidrat għadd suffiċjenti ta' ftehimiet ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv fis-suq u li jingħata parir f'konformità mal-profil tal-mutwatarju.

L-Artikolu 17 (projbizzjoni ta' bejgħ ta' kreditu mhux mitlub) jipprojbixxi kwalunkwe bejgħ mhux mitlub ta' kreditu, inklużi karti ta' kreditu approvati minn qabel mhux mitluba mibgħuta lill-konsumaturi jew iż-żieda unilaterali mill-kreditur tal-limitu ta' nfiq tal-overdraft/tal-karta ta' kreditu tal-konsumaturi, mingħajr talba minn qabel jew il-qbil espliċitu tagħhom.

L-Artikolu 18 (obbligu li tiġi vvalutata l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur) jirrikjedi li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jivvaluta l-kapaċità tal-konsumatur li jħallas lura l-kreditu, billi jqis l-interess tal-konsumatur u abbażi ta' informazzjoni meħtieġa u proporzjonata dwar l-introjtu u l-ispejjeż tal-konsumatur u ċirkostanzi finanzjarji u ekonomiċi oħra, mingħajr ma jeċċedi dak li huwa strettament meħtieġ biex iwettaq tali valutazzjoni. Jirrikjedi wkoll li l-kreditu jsir disponibbli għall-konsumatur meta r-riżultat tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jindika li l-obbligi li jirriżultaw mill-ftehim ta' kreditu jew mill-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv x'aktarx li jiġu ssodisfati kif meħtieġ skont dak il-ftehim f'ċirkostanzi speċifiċi u ġustifikati. Barra minn hekk, meta l-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja jkunu bbażati fuq ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili, il-konsumaturi għandhom id-dritt li jitolbu u jiksbu intervent uman min-naħa tal-kreditur, spjegazzjoni sinifikanti tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja, u li jesprimu l-fehma tagħhom u jikkontestaw din il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja.

L-Artikolu 19 (bażijiet tad-*data*) jintroduċi dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-krediturі jew il-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ikunu jistgħu jaċċessaw informazzjoni minn bażijiet ta' *data* rilevanti fuq bażi nondiskriminatorja.

L-Artikolu 20 (forma tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv) u l-Artikolu 21 (informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-ftehim ta' kreditu jew fil-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv) jistabbilixxu l-forma u l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fi ftehimiet ta' kreditu jew ftehimiet għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

L-Artikolu 22 (informazzjoni dwar il-modifika tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv) jistabbilixxi salvagwardji speċifiċi li għandhom jiġu stabbiliti għall-konsumaturi f'każ ta' modifika tal-ftehimiet ta' kreditu jew ftehimiet għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

L-Artikolu 23 (bidliet fir-rata tas-self) jistabbilixxi l-informazzjoni li għandha tingħata lill-konsumatur jekk ir-rata tas-self tinbidel.

L-Artikolu 24 (faċilitajiet ta' overdraft) jintroduċi dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jinżammu infurmati regolarment b'ċerti dettalji dwar il-faċilità ta' overdraft tagħhom.

L-Artikolu 25 (overrunning) jistabbilixxi r-regoli dwar overdrafts aċċettati taċitament li permezz tagħhom kreditur jagħmel disponibbli għall-konsumatur fondi li jaqbżu l-bilanċ kurrenti fil-kont kurrenti tal-konsumatur jew fil-faċilità ta' overdraft miftiehma. F'każ ta' overrunning eċċessiv, il-konsumatur għandu jiġi mgħarraf u infurmat bil-kundizzjonijiet li japplikaw.

L-Artikolu 26 (dritt ta' rtirar) jipproponi l-għażla għall-konsumaturi li jirtiraw minn ftehim ta' kreditu jew minn ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv taħt ċirkostanzi simili għal dawk imsemmija fid-Direttiva 2002/65/KE dwar il-kummerċjalizzazzjoni mill-bogħod ta' servizzi finanzjarji għall-konsumatur.

L-Artikolu 27 (ftehimiet ta' kreditu konnessi) jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar il-ftehimiet ta' kreditu konnessi u d-dritt ta' rtirar tal-konsumaturi.

L-Artikolu 28 (ftehimiet ta' kreditu bla skadenza fissa jew ftehimiet għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv) jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi biex jiġu tterminati ftehimiet bla skadenza fissa.

L-Artikolu 29 (ħlas lura antiċipat) jistabbilixxi d-dritt għall-konsumaturi li jeħilsu mill-obbligi tagħhom qabel id-data ta' skadenza. Fil-każ ta' ħlas lura antiċipat sħiħ jew parzjali, il-konsumatur huwa intitolat għal tnaqqis fil-kost totali tal-kreditu, filwaqt li l-kreditur huwa intitolat għal kumpens ġust u oġġettivament iġġustifikat għall-kostijiet possibbli direttament marbuta mal-ħlas lura antiċipat tal-kreditu.

L-Artikolu 30 (kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' imposta) jikkonċerna l-indikatur ewlieni użat biex jitqabblu l-prodotti ta' kreditu għall-konsumatur. Dan jirrikjedi, għall-prodotti ta' kreditu għall-konsumatur, l-użu tad-definizzjoni tar-rata perċentwali annwali ta' imposta (RPAI) użata fid-Direttiva 2008/48/KE. Id-dettalji tal-metodu ta' kalkolu tar-RPAI huma pprovduti fl-Anness IV u ġew stabbiliti dispożizzjonijiet għall-emendar tal-metodoloġija sabiex ikunu jistgħu jitqiesu l-iżviluppi tas-suq.

L-Artikolu 31 (limiti massimi fuq ir-rati tal-imgħax, rata perċentwali annwali ta' imposta u kost totali tal-kreditu lill-konsumatur) jintroduċi limiti massimi li għandhom jitqiegħdu fuq ir-rata tal-imgħax applikabbli għall-ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur, fuq ir-RPAI u/jew fuq il-kost totali tal-kreditu. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu limitu massimu speċifiku għal faċilità ta' kreditu rotanti.

L-Artikoli 32 (obbligi ta' kondotta kummerċjali meta jingħata kreditu lill-konsumaturi) u 33 (rekwiżiti ta' għarfien u kompetenza għall-persunal) jistipulaw kundizzjonijiet importanti

għall-krediturі, għall-intermedjarji tal-kreditu u għall-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv sabiex jiġi żgurat grad għoli ta' professjonaliżmu fil-provvista ta' kreditu għall-konsumatur, bħal rekwiżiti għall-politiki ta' remunerazzjoni u rekwiżiti biex ikun hemm l-għarfien u l-ħiliet xierqa.

L-Artikolu 34 (edukazzjoni finanzjarja) jintroduċi miżuri ta' edukazzjoni finanzjarja li għandhom jiġu promossi mill-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur, biex jittejjeb il-litteriżmu finanzjarju tal-konsumaturi, inkluż dwar prodotti mibjugħa b'mod diġitali.

L-Artikolu 35 (arretrati u miżuri ta' tolleranza) jintroduċi miżuri biex tiġi mħeġġa tolleranza raġonevoli qabel ma jinbdew il-proċedimenti ta' infurzar.

L-Artikolu 36 (servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn) jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn isiru disponibbli għall-konsumaturi.

L-Artikolu 37 (ammissjoni, reġistrazzjoni u superviżjoni ta' istituzzjonijiet mhux tal-kreditu) jistipula li l-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu jridu jkunu soġġetti għal proċessi ta' ammissjoni, reġistrazzjoni u superviżjoni adegwati. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-krediturі u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv kollha, kemm jekk istituzzjoni ta' kreditu kif ukoll jekk le, ikunu rregolati u ssorveljati b'mod adegwat.

L-Artikolu 38 (obbligi speċifiċi għall-intermedjarji tal-kreditu) fih dispożizzjonijiet għal miżuri speċjali fir-rigward tal-intermedjarji tal-kreditu.

L-Artikolu 39 (ċessjoni ta' drittijiet), li jikkorrispondi għall-Artikolu 17 tad-Direttiva 2008/48/KE, jiddikjara li ċerti drittijiet għandhom jinżammu fil-każ ta' ċessjoni lil parti terza tad-drittijiet tal-kreditur skont ftehim ta' kreditu, jew ċessjoni lil parti terza tal-ftehim ta' kreditu nnifsu. Ċessjonarju huwa mifhum bħala kwalunkwe persuna li lilha jkunu ġew ċeduti d-drittijiet tal-kreditur, fi kliem ieħor assiguratur tal-kreditu, aġenzija tal-ġbir tad-dejn, kumpanija ta' riskontar jew kumpanija ta' titolizzazzjoni eċċ.

L-Artikolu 40 (soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim), jipprovdi li l-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom aċċess għal proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim għas-soluzzjoni ta' tilwim bejn il-konsumaturi u l-krediturі, l-intermedjarji tal-kreditu jew il-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv dwar id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti minn din id-Direttiva, mingħajr ma ssir distinzjoni bejn tilwim kuntrattwali u prekuntrattwali. Jenħtieġ li dawn il-proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim u l-entitajiet li joffruhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti bid-Direttiva 2013/11/UE.

L-Artikolu 41 (awtoritajiet kompetenti) jeħtieġ lill-Istati Membri jaħtru awtoritajiet kompetenti speċifiċi biex jimplimentaw id-Direttiva.

L-Artikolu 42 (livell ta' armonizzazzjoni) u l-Artikolu 43 (natura imperattiva tad-Direttiva) jikkonfermaw il-prinċipju ta' armonizzazzjoni sħiħa kif ukoll in-natura imperattiva tad-Direttiva. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu intitolati li jkollhom fis-seħħ dispożizzjonijiet oħra fir-rigward tal-oqsma koperti mid-Direttiva sa fejn ikun fiha dispożizzjonijiet armonizzati f'dawk l-oqsma.

L-Artikolu 44 (penali) jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li jiġu applikati miżuri jew sanzjonijiet amministrattivi xierqa fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mad-Direttiva. Barra minn hekk, għal "ksur mifrux" u "ksur mifrux b'dimensjoni tal-UE", kif definit fir-Regolament CPC rivedut, l-Istati Membri se jkunu meħtieġa li jqiegħdu fid-dritt nazzjonali tagħhom multi ta' ammont massimu ta' mill-inqas 4 % tal-fatturat tal-kreditur, tal-intermedjarju tal-kreditu jew tal-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li jikser il-liġi fl-Istati Membri kkonċernati.

L-Artikolu 45 (eżerċizzju tad-delega) jistabbilixxi l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti biex ċerti partijiet tad-Direttiva jkunu jistgħu jiġu adattati, speċifikati jew aġġornati permezz ta' atti delegati.

L-Artikoli 46 (rieżami u monitoraġġ), 47 (revoka u miżuri tranżizzjonali), 48 (traspożizzjoni), 49 (dħul fis-seħħ) u 50 (destinatarji) fihom dispożizzjonijiet u kliem standard li ma jeħtieġu l-ebda kumment speċjali.

2021/0171 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-krediti għall-konsumatur

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[23],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] tistabbilixxi regoli fil-livell tal-Unjoni dwar il-ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur u s-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv għall-konsumaturi.

(2) Fl-2014, il-Kummissjoni ppreżentat rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE. Fl-2020, il-Kummissjoni ppreżentat it-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni biex tippreżenta r-riżultati ta' evalwazzjoni REFIT tad-Direttiva li kienet tinkludi konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

(3) Dawk ir-rapporti u l-konsultazzjonijiet żvelaw li d-Direttiva 2008/48/KE kienet parzjalment effettiva fl-iżgurar ta' standards għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur u fit-trawwim tal-iżvilupp ta' suq uniku għall-kreditu, u li dawn l-objettivi għadhom rilevanti. Ir-raġunijiet għaliex id-Direttiva kienet biss parzjalment effettiva jirriżultaw kemm mid-Direttiva nnifisha, bħal pereżempju kliem mhux preċiż ta' artikoli partikolari, kif ukoll minn fatturi esterni, bħall-iżviluppi marbuta mad-diġitalizzazzjoni, l-applikazzjoni prattika u l-infurzar fl-Istati Membri kif ukoll mill-fatt li ċerti aspetti tas-suq tal-kreditu għall-konsumatur mhux koperti mid-Direttiva.

(4) Id-diġitalizzazzjoni kkontribwiet għal żviluppi tas-suq li ma kinux previsti fiż-żmien meta ġiet adottata d-Direttiva 2008/48/KE. Fil-fatt, l-iżviluppi teknoloġiċi rapidi rreġistrati mid-Direttiva tal-2008 ġabu bidliet sinifikanti fis-suq tal-kreditu għall-

23 …

24 Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).

konsumatur, kemm min-naħa tal-provvista kif ukoll min-naħa tad-domanda, bħall-ħolqien ta' prodotti ġodda u l-evoluzzjoni tal-imġiba u l-preferenzi tal-konsumatur.

(5) Il-kliem mhux preċiż ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/48/KE, li jippermettu lill-Istati Membri jadottaw dispożizzjonijiet diverġenti li jmorru lil hinn minn dawk previsti f'dik id-Direttiva, irriżultaw f'qafas regolatorju frammentat fl-Unjoni kollha f'għadd ta' aspetti ta' kreditu għall-konsumatur.

(6) Is-sitwazzjoni *de facto* u *de jure* li tirriżulta minn dawk id-differenzi nazzjonali f'xi każijiet twassal għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fost il-krediturifl-Unjoni u toħloq ostakli għas-suq intern. Is-sitwazzjoni tillimita l-kapaċità tal-konsumaturi li jibbenefikaw minn offerta li qed tiżdied gradwalment ta' kreditu transfruntier, li hija mistennija li tkompli tikber bħala riżultat tad-diġitalizzazzjoni. Dawk id-distorsjonijiet u restrizzjonijiet jista' mbagħad ikollhom konsegwenzi f'termini ta' domanda mnaqqsa għal oġġetti u servizzi. Is-sitwazzjoni twassal ukoll għal livell inadegwat u mhux konsistenti ta' protezzjoni għall-konsumaturi fl-Unjoni kollha.

(7) F'dawn l-aħħar snin, il-kreditu offrut lill-konsumaturi evolva u ddiversifika b'mod konsiderevoli. Tfaċċaw prodotti ta' kreditu ġodda, b'mod partikolari fl-ambjent online, u l-użu tagħhom qed ikompli jiżviluppa. Dan qajjem inċertezza legali fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE għal prodotti ġodda bħal dawn.

(8) Din id-Direttiva tikkomplementa r-regoli stabbiliti fid-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25] li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li jiġi ċċarat li f'każ ta' kunflitt bejn id-dispożizzjonijiet, jenħtieġ li tapplika d-dispożizzjoni ta' din id-Direttiva bħala *lex specialis*.

(9) F'konformità mal-Artikolu 26 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), is-suq intern jikkonsisti f'żona li fiha jiġu żgurati l-moviment liberu tal-oġġetti u tas-servizzi u l-libertà tal-istabbiliment. Jenħtieġ li l-iżvilupp ta' qafas legali aktar trasparenti u effiċjenti għall-kreditu għall-konsumatur iżid il-fiduċja tal-konsumaturi u jiffaċilita l-iżvilupp ta' attivitajiet transfruntiera.

(10) Sabiex ikun hemm titjib tal-funzjonament tas-suq intern għall-krediti għall-konsumaturi, jeħtieġ li jiġi previst qafas tal-Unjoni armonizzat f'għadd ta' oqsma ċentrali. Fid-dawl tas-suq tal-kreditu għall-konsumaturi li qed jiżviluppa, b'mod partikolari fl-ambjent online, u taż-żieda fil-mobbiltà taċ-ċittadini Ewropej, leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tħares 'il quddiem u li kapaċi tadatta ruħha għal forom futuri ta' kreditu u li tagħti lill-Istati Membri l-livell xieraq ta' flessibbiltà fl-implimentazzjoni tagħhom se tgħin biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji.

(11) L-Artikolu 169(1) u l-Artikolu 169(2)(a) tat-TFUE jipprovdi li l-Unjoni għandha tikkontribwixxi biex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur permezz ta' miżuri adottati skont l-Artikolu 114 tat-TFUE. L-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") jipprovdi li l-politiki tal-Unjoni għandhom jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

(12) Huwa importanti li l-konsumaturi jibbenefikaw minn livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li l-moviment liberu tal-offerti ta'

[25] Id-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE u d-Direttivi 97/7/KE u 98/27/KE (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 16).

kreditu jsir bl-aħjar kundizzjonijiet kemm għal dawk li joffru l-kreditu kif ukoll għal dawk li jkollhom bżonnu, b'attenzjoni dovuta għal sitwazzjonijiet speċifiċi fl-Istati Membri.

(13) Armonizzazzjoni sħiħa hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi kollha fl-Unjoni jgawdu livell għoli u ekwivalenti ta' protezzjoni tal-interessi tagħhom u biex jinħoloq suq intern li jiffunzjona tajjeb. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jitħallewx iżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali li jiddevjaw minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din id-Direttiva. Madankollu, tali restrizzjoni jenħtieġ li tapplika biss fejn hemm dispożizzjonijiet armonizzati f'din id-Direttiva. Fejn tali dispożizzjonijiet armonizzati ma jeżistux, jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jżommu jew jintroduċu leġiżlazzjoni nazzjonali. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibilità li jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali dwar obbligazzjoni *in solidum* tal-bejjiegħ jew fornitur tas-servizzi u l-kreditur. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-kanċellazzjoni ta' kuntratt għall-bejgħ ta' oġġetti jew il-provvista ta' servizzi fejn il-konsumatur jeżerċita d-dritt tiegħu ta' rtirar mill-ftehim ta' kreditu jew mill-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. F'dan ir-rigward l-Istati Membri, fil-każ ta' ftehim ta' kreditu bla skadenza fissa, jenħtieġ li jitħallew jistipulaw perjodu minimu li għandu jgħaddi bejn il-mument meta l-kreditur jitlob ir-rimborż u l-jum li fih il-kreditu għandu jiġi rimborżat.

(14) Id-definizzjonijiet li jinsabu f'din id-Direttiva jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-armonizzazzjoni. L-obbligu tal-Istati Membri li jimplimentaw din id-Direttiva jenħtieġ għalhekk li jkun limitat għall-kamp ta' applikazzjoni tagħha kif iddeterminat b'dawk id-definizzjonijiet. Madankollu, jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għal oqsma mhux koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. B'hekk Stat Membru jista' jżomm jew jintroduċi leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkorrispondi għal din id-Direttiva jew għal uħud mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-ftehimiet ta' kreditu li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, pereżempju dwar ftehimiet ta' kreditu li mal-konklużjoni tagħhom il-konsumatur jintalab jiddepożita oġġett bħala garanzija fil-kustodja tal-kreditur u fejn ir-responsabbiltà tal-konsumatur tkun strettament limitata għal dak l-oġġett mirhun. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu japplikaw din id-Direttiva wkoll għal kreditu konness, li ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' ftehim ta' kreditu konness f'din id-Direttiva. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-ftehimiet ta' kreditu konnessi jistgħu jiġu applikati għal ftehimiet ta' kreditu li jservu biss parzjalment biex jiffinanzjaw kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew il-provvista ta' servizz.

(15) Għadd ta' Stati Membri applikaw id-Direttiva 2008/48/KE għal oqsma mhux koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha sabiex itejbu l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur. Fil-fatt, diversi ftehimiet ta' kreditu li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva jistgħu jkunu ta' detriment għall-konsumaturi, inkluż self ta' terminu qasir bi prezz għoli li l-ammont tiegħu jkun tipikament aktar baxx mil-limitu minimu ta' EUR 200 stabbilit mid-Direttiva 2008/48/KE. F'dan il-kuntest, u bil-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u biex jiġi ffaċilitat is-suq tal-kreditu għall-konsumatur transfruntier, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jkopri xi ftehimiet li kienu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE, bħall-ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur taħt l-ammont

ta’ EUR 200. Bl-istess mod, prodotti oħra li jistgħu jkunu ta’ detriment, minħabba l-kostijiet għoljin li jinvolvu jew tariffi għoljin f’każ ta’ ħlasijiet maqbuża, jenħtieġ li jkunu koperti minn din id-Direttiva, biex tiġi żgurata trasparenza akbar u protezzjoni aħjar tal-konsumatur, li jirriżultaw f’kunfidenza akbar tal-konsumatur. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-ftehimiet ta’ lokazzjoni, il-ftehimiet ta’ kreditu fil-forma ta’ faċilità ta’ overdraft u fejn il-kreditu għandu jitħallas lura fi żmien xahar, u l-ftehimiet ta’ kreditu fejn il-kreditu jingħata mingħajr imgħax u mingħajr ebda imposta oħra, inklużi skemi ta’ Ixtri Issa u Ħallas Aktar Tard, jiġifieri għodod finanzjarji diġitali ġodda li jħallu lill-konsumaturi jixtru oġġetti jew servizzi u jħallsuhom maż-żmien, u l-ftehimiet ta’ kreditu li skont it-termini tagħhom il-kreditu għandu jitħallas lura fi żmien tliet xhur u jitħallsu biss imposti insinifikanti ma jiġux esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva. Barra minn hekk, jenħtieġ li kull ftehim ta’ kreditu sa EUR 100 000 jiġi inkluż fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-limitu massimu tal-ftehimiet ta’ kreditu skont din id-Direttiva jiżdied biex jitqies l-indiċjar biex isir aġġustament għall-effetti tal-inflazzjoni mill-2008 u fis-snin li ġejjin.

(16) Il-finanzjament kollettiv qed isir dejjem aktar forma ta’ finanzjament disponibbli għall-konsumaturi, tipikament għal spejjeż jew investimenti żgħar. Ir-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] jeskludi mill-kamp ta’ applikazzjoni tiegħu servizzi ta’ finanzjament kollettiv, inklużi dawk li jiffaċilitaw l-għoti ta’ kreditu, li jiġu pprovduti lill-konsumaturi kif definit fid-Direttiva 2008/48/KE. F’dan il-kuntest, din id-Direttiva għandha l-għan li tikkomplementa r-Regolament (UE) 2020/1503 billi tirrimedja din l-esklużjoni billi jkun hemm ċarezza legali dwar ir-reġim legali applikabbli għas-servizzi ta’ finanzjament kollettiv meta konsumatur ifittex li jieħu kreditu permezz ta’ fornitur tas-servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv.

(17) Fornitur tas-servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv jopera pjattaforma diġitali miftuħa għall-pubbliku sabiex ilaqqa’ jew jiffaċilita t-tlaqqigħ ta’ selliefa prospettivi ma’ konsumaturi li jkunu qegħdin ifittxu finanzjament. Tali finanzjament jista’ jieħu l-forma ta’ kreditu għall-konsumatur. Meta l-forniturі ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv jipprovdu kreditu direttament lill-konsumaturi, id-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva li jikkonċernaw lill-krediturі japplikaw għalihom. Meta l-forniturі ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv jiffaċilitaw l-għoti ta’ kreditu bejn krediturі li jaġixxu fl-eżerċizzju tal-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħhom, u l-konsumaturi, jenħtieġ li l-obbligi għall-krediturі skont din id-Direttiva japplikaw għal dawk il-krediturі. F’tali sitwazzjoni, il-forniturі ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv jaġixxu bħala intermedjarji tal-kreditu, għalhekk jenħtieġ li l-obbligi għall-intermedjarji tal-kreditu skont din id-Direttiva japplikaw għalihom.

(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li wħud mid-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva japplikaw għall-forniturі ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv, li jaġixxu f’tali kapaċità u mhux bħala krediturі jew intermedjarji tal-kreditu, fejn jiffaċilitaw l-għoti ta’ kreditu bejn, minn naħa waħda, persuni li jagħtu kreditu lill-konsumatur barra mill-eżerċizzju tal-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħhom, u min-naħa l-oħra, il-konsumaturi. F’dan il-kuntest, il-fornitur tas-servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv jenħtieġ li jikkonforma ma’ ċerti regoli u obbligi ta’ din id-Direttiva inkluż l-

[26] Ir-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Ottubru 2020 dwar forniturі Ewropej ta’ servizzi ta’ finanzjament kollettiv għan-negozji, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L 347, 20.10.2020, p. 1).

obbligu li jwettaq valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja u r-regoli dwar l-informazzjoni prekuntrattwali. Jenħtieġ li persuni li jagħtu kreditu mhux fl-eżerċizzju tal-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħhom, lill-konsumaturi permezz ta' pjattaforma ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ma jkunux soġġetti għal obbligi għall-krediturі skont din id-Direttiva.

(19) Fil-każ ta' ftehimiet ta' kreditu speċifiċi li għalihom huma applikabbli biss xi dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jirregolaw, fid-dritt nazzjonali tagħhom, tali tipi ta' ftehimiet ta' kreditu fir-rigward ta' aspetti oħra mhux armonizzati minn din id-Direttiva.

(20) Il-ftehimiet għall-provvista fuq bażi kontinwa ta' servizzi jew għall-provvista ta' oġġetti tal-istess tip, fejn il-konsumatur iħallas għalihom għat-tul ta' żmien tal-provvista tagħhom permezz ta' pagamenti rateali, jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli, f'termini ta' interessi tal-partijiet kuntrattwali involuti u l-modalitajiet u prestazzjoni tat-tranżazzjonijiet, minn ftehimiet ta' kreditu koperti minn din id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li tali ftehimiet ma jitqisux bħala ftehimiet ta' kreditu għall-finijiet ta' din id-Direttiva. Tali ftehim jinkludi, pereżempju, kuntratt ta' assigurazzjoni fejn l-assigurazzjoni titħallas permezz ta' pagamenti rateali mensili.

(21) Il-ftehimiet ta' kreditu li jkopru l-għoti ta' kreditu garantit bi proprjetà immobbli u l-ftehimiet ta' kreditu li l-għan tagħhom huwa li jiffinanzjaw l-akkwist jew iż-żamma ta' drittijiet ta' proprjetà fl-art jew f'bini eżistenti jew ipproġettat jenħtieġ li jkunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva peress li tali ftehimiet huma rregolati mid-Direttiva 2014/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27]. Madankollu, krediti mhux garantiti li l-għan tagħhom huwa r-rinnovazzjoni ta' proprjetà immobbli residenzjali, inklużi dawk li jinvolvu ammont totali ta' kreditu ta' aktar minn EUR 100 000, jenħtieġ li ma jkunux esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(22) Din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika irrispettivament minn jekk il-kreditur ikunx persuna ġuridika jew persuna fiżika. Madankollu, jenħtieġ li din id-Direttiva ma taffettwax id-dritt tal-Istati Membri li jillimitaw il-provvista ta' kreditu għall-konsumaturi lill-persuni ġuridiċi biss jew lil ċerti persuni ġuridiċi.

(23) Ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jenħtieġ li japplikaw għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi (l-intermedjarji tal-kreditu) li, fl-eżerċizzju tal-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħhom, għal tariffa, jippreżentaw jew joffru ftehimiet ta' kreditu għall-konsumaturi, jassistu lill-konsumaturi billi jagħmlu ħidma preparatorja rigward ftehimiet ta' kreditu jew jikkonkludu ftehimiet ta' kreditu mal-konsumaturi f'isem il-kreditur.

(24) Jenħtieġ li l-informazzjoni lill-konsumaturi, bħal informazzjoni prekuntrattwali jew informazzjoni ġenerali, tingħata mingħajr ħlas.

(25) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"). B'mod partikolari, din id-Direttiva tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet għall-protezzjoni tad-*data* personali, għall-proprjetà, għan-nondiskriminazzjoni, għall-

[27] Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34).

protezzjoni tal-ħajja tal-familja u dik professjonali, u għall-protezzjoni tal-konsumatur skont il-Karta.

(26) Jenħtieġ li l-konsumaturi legalment residenti fl-Unjoni ma jiġux iddiskriminati minħabba n-nazzjonalità jew il-post tar-residenza tagħhom, jew għal xi raġuni oħra msemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta meta jitolbu, jikkonkludu jew ikollhom ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv fl-Unjoni.

(27) Jenħtieġ li l-konsumaturi jkunu protetti kontra prattiki inġusti jew qarrieqa, b'mod partikolari fir-rigward tal-informazzjoni mogħtija mill-kreditur, mill-intermedjarju tal-kreditu jew mill-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, f'konformità mad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28]. Dik id-Direttiva tkompli tapplika għall-ftehimiet ta' kreditu u għas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u għax-xogħlijiet bħala "xibka ta' sikurezza" li tiżgura li jkun jista' jinżamm livell komuni għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur kontra prattiki kummerċjali inġusti fis-setturi kollha, inkluż billi tikkomplementa u liġijiet oħrajn tal-Unjoni.

(28) Ir-reklamar għandu t-tendenza li jiffoka fuq prodott jew diversi prodotti partikolari, filwaqt li jenħtieġ li l-konsumaturi jkunu jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom bl-għarfien sħiħ tal-firxa ta' prodotti offruti. F'dak ir-rigward, l-informazzjoni ġenerali għandha rwol importanti fl-edukazzjoni tal-konsumatur fir-rigward tal-firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi disponibbli u l-karatteristiċi prinċipali tagħhom. Għaldaqstant, il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jkollhom fi kwalunkwe ħin aċċess għall-informazzjoni ġenerali dwar il-prodotti ta' kreditu disponibbli. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni prekuntrattwali personalizzata.

(29) Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-reklamar ta' ftehimiet ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv kif ukoll ċerti elementi ta' informazzjoni standard li għandhom jingħataw lill-konsumaturi sabiex ikunu jistgħu, b'mod partikolari, iqabblu offerti differenti. Tali informazzjoni jenħtieġ li tingħata b'mod ċar, konċiż u prominenti permezz ta' eżempju rappreżentattiv. L-informazzjoni standard jenħtieġ li tintwera fil-bidu u b'mod li jispikka, b'mod ċar u f'format attraenti. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tkun tista' tinqara faċilment u tiġi adattata biex jitqiesu r-restrizzjonijiet tekniċi ta' ċerti mezzi bħal skrins tal-mobiles. Il-kundizzjonijiet promozzjonali temporanji, bħal rata introduttorja b'rata tal-imgħax aktar baxxa għax-xhur inizjali tal-ftehim ta' kreditu jew tas-servizz ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jiġu identifikati b'mod ċar bħala tali. Il-konsumaturi jenħtieġ li jaraw l-informazzjoni essenzjali kollha mad-daqqa t'għajn, anki meta jarawha fuq l-iskrin ta' mobile. In-numru tat-telefon u l-email tal-kreditur u, fejn applikabbli, tal-intermedjarju tal-kreditu u tal-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jiġu kkomunikati wkoll lill-konsumatur biex dan ikun jista' jikkuntattja lill-kreditur, lill-intermedjarju tal-kreditu jew lill-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv malajr u b'mod effiċjenti. Jenħtieġ li jiġi pprovdut limitu massimu fejn ma jkunx possibbli li jiġi indikat l-ammont totali ta'

[28] Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali") (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

kreditu bħala s-somom totali disponibbli, b'mod partikolari fejn ftehim ta' kreditu jagħti lill-konsumatur il-libertà ta' ġbid b'limitazzjoni rigward l-ammont. Il-limitu massimu jenħtieġ li jindika l-ogħla limitu ta' kreditu li jista' jsir disponibbli lill-konsumatur. F'każijiet speċifiċi u ġustifikati, sabiex jittejjeb il-fehim tal-konsumatur tal-informazzjoni mogħtija fir-reklamar ta' ftehimiet ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv fejn il-mezz użat ma jippermettix li r-reklamar jintwera b'mod viżiv, bħal fil-każ tar-reklamar fuq ir-radju, l-ammont ta' informazzjoni mogħtija jista' jitnaqqas. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu liberi li jirregolaw ir-rekwiżiti ta' informazzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom fir-rigward ta' reklamar ta' ftehimiet ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li ma jkunx jinkludi informazzjoni dwar il-kost tal-kreditu.

(30) Sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu d-deċiżjonijiet tagħhom b'għarfien sħiħ tal-fatti, jenħtieġ li dawn jirċievu informazzjoni adegwata, għall-kunsiderazzjoni bir-reqqa fil-kumditàu l-konvenjenza tagħhom, mill-inqas jum qabel il-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, inkluża informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u l-kost tal-kreditu u dwar l-obbligi tagħhom, kif ukoll spjegazzjonijiet adegwati tagħhom. Dawn ir-regoli jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE[29].

(31) L-informazzjoni prekuntrattwali jenħtieġ li tiġi pprovduta permezz tal-formola tal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur. Sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jifhmu u jqabblu l-offerti, jenħtieġ li tiġi pprovduta formola tal-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur li tiġbor fil-qosor l-element ewlieni tal-kreditu flimkien mal-formola tal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur, li permezz tagħha l-konsumaturi jenħtieġ li jaraw l-informazzjoni essenzjali kollha mad-daqqa t'għajn anki fuq l-iskrin ta' mobile. Jenħtieġ li l-informazzjoni tkun ċara, tinqara faċilment u adattata għar-restrizzjonijiet tekniċi ta' ċerti mezzi bħal skrins tal-mobiles. Din jenħtieġ li tintwera b'mod adegwat u xieraq fuq il-mezzi differenti, biex jiġi żgurat li kull konsumatur ikun jista' jaċċessa l-informazzjoni fuq bażi ugwali u f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30].

(32) Biex jiġi żgurat li l-offerti jkunu trasparenti u komparabbli kemm jista' jkun, jenħtieġ li l-informazzjoni prekuntrattwali tinkludi, b'mod partikolari, ir-rata perċentwali annwali ta' imposta applikabbli għall-kreditu, stabbilita bl-istess mod fl-Unjoni kollha. Billi f'dan l-istadju r-rata perċentwali annwali ta' imposta tista' tiġi indikata biss b'eżempju, tali eżempju jenħtieġ li jkun rappreżentattiv. Għalhekk, dan jenħtieġ li jikkorrispondi, pereżempju, għall-medja tat-tul ta' żmien u l-ammont totali ta' kreditu mogħti għat-tip ta' ftehim ta' kreditu jew ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv taħt konsiderazzjoni u, jekk applikabbli, għall-oġġetti mixtrija. Meta jkun qed jiġi ddeterminat l-eżempju rappreżentattiv, jenħtieġ li l-frekwenza ta' ċerti tipi ta' ftehim ta' kreditu jew ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv f'suq partikolari tiġi kkunsidrata wkoll. Fir-rigward tar-rata tas-self, il-frekwenza tal-pagamenti rateali u l-kapitalizzazzjoni tal-imgħax, jenħtieġ li l-krediturijużaw il-metodu ta' kalkolu tas-soltu tagħhom għall-kreditu għall-konsumatur ikkonċernat. F'każ li l-informazzjoni

[29] Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29).

[30] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

prekuntrattwali tingħata anqas minn jum qabel ma l-konsumatur ikun marbut bi kwalunkwe ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, jenħtieġ li l-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ifakkru lill-konsumaturi, jum wara l-konklużjoni tal-kuntratt, bil-possibbiltà li jirtiraw mill-ftehim ta' kreditu.

(33) Jenħtieġ li l-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur jinkludi l-kostijiet kollha, inkluż interessi, kummissjonijiet, taxxi, tariffi għall-intermedjarji tal-kreditu u kwalunkwe tariffa oħra li l-konsumatur għandu jħallas b'rabta mal-ftehim ta' kreditu, minbarra l-kostijiet notarili. L-għarfien reali tal-kreditur dwar il-kostijiet jenħtieġ li jkun valutat b'mod oġġettiv, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tal-professjonalità stabbiliti f'din id-Direttiva.

(34) Jenħtieġ li l-ftehimiet tal-kreditu u s-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li fihom rata tas-self hija perjodikament riveduta f'konformità mal-bidliet li jseħħu f'rata ta' referenza msemmija fil-ftehim ta' kreditu jew s-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ma jkunux ikkunsidrati bħala ftehimiet tal-kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv b'rata fissa tas-self.

(35) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprojbixxu lill-kreditur jew lill-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv milli jirrikjedi lill-konsumatur, fir-rigward tal-ftehim ta' kreditu jew tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, jiftaħ kont bankarju jew jikkonkludi ftehim fir-rigward ta' servizz anċillari ieħor jew iħallas l-ispejjeż jew it-tariffi għal tali kontijiet bankarji jew servizzi anċillari oħrajn. F'dawk l-Istati Membri fejn tali offerti kkombinati huma permessi, jenħtieġ li l-konsumaturi jkunu informati qabel il-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv dwar kwalunkwe servizz anċillari, li huwa obbligatorju l-ewwel nett għall-kisba tal-kreditu jew dwar it-termini u l-kundizzjonijiet offruti. Il-kostijiet pagabbli għal dawk is-servizzi anċillari, b'mod partikolari primjums tal-assigurazzjoni, jenħtieġ li jkunu inklużi fil-kost totali tal-kreditu. Alternattivament, jekk l-ammont ta' tali kostijiet ma jkunx jista' jiġi ddeterminat minn qabel, il-konsumaturi jenħtieġ li jingħataw informazzjoni adegwata dwar l-eżistenza ta' kostijiet fi stadju prekuntrattwali. Il-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jkun preżunt li għandu għarfien dwar il-kostijiet tas-servizzi anċillari li joffri lill-konsumatur huwa stess jew f'isem parti terza, sakemm il-prezz tagħhom ma jkunx jiddependi fuq il-karatteristiċi speċifiċi jew is-sitwazzjoni tal-konsumatur.

(36) Għal tipi speċifiċi ta' ftehim ta' kreditu, madankollu, huwa xieraq, sabiex fl-istess ħin jiġi żgurat livell adegwat ta' protezzjoni tal-konsumatur mingħajr ma jitpoġġa piż eċċessiv fuq krediturі jew, fejn applikabbli, intermedjarji tal-kreditu, li jiġu ristretti r-rekwiżiti ta' informazzjoni prekuntrattwali filwaqt li jitqies il-karattru speċifiku ta' tipi ta' ftehim bħal dawn.

(37) Il-konsumatur jenħtieġ li jingħata informazzjoni komprensiva qabel jikkonkludi l-ftehim ta' kreditu jew l-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, irrispettivament minn jekk intermedjarju tal-kreditu jkunx involut jew le fil-kummerċjalizzazzjoni tal-kreditu. Għalhekk, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni prekuntrattwali jenħtieġ li japplikaw ukoll għall-intermedjarji tal-kreditu. Madankollu, fejn fornituri ta' oġġetti u servizzi jaġixxu bħala intermedjarji tal-kreditu f'kapaċità anċillari, ma hux xieraq li jiġi impost fuqhom l-obbligu legali li

jagħtu l-informazzjoni prekuntrattwali f'konformità ma' din id-Direttiva. Il-forniturі ta' oġġetti u servizzi jistgħu, pereżempju, jitqiesu li jkunu qegħdin jaġixxu bħala intermedjarji tal-kreditu f'kapaċità anċillari jekk l-attività tagħhom bħala intermedjarji tal-kreditu ma tkunx l-għan prinċipali tal-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħhom. F'dawk il-każijiet, xorta jinkiseb livell suffiċjenti ta' protezzjoni tal-konsumatur peress li l-kreditur jenħtieġ li jkun responsabbli biex jiżgura li l-konsumatur jirċievi l-informazzjoni prekuntrattwali sħiħa, jew mingħand l-intermedjarju tal-kreditu, meta jaqblu hekk il-kreditur u l-intermedjarju, jew b'xi mod xieraq ieħor.

(38) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jirregolaw il-karattru potenzjalment vinkolanti tal-informazzjoni li għandha tingħata lill-konsumatur qabel il-konklużjoni ta' ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u l-perjodu ta' żmien li matulu l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv ikun marbut bih.

(39) Minkejja l-informazzjoni prekuntrattwali li għandha tingħata, il-konsumatur xorta waħda jista' jeħtieġ għajnuna addizzjonali biex jiddeċiedi liema ftehim ta' kreditu jew servizz ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, mill-firxa ta' prodotti proposti, ikun l-aktar adattat għall-ħtiġijiet u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-krediturі u, fejn applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu u l-forniturі ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jipprovdu din l-assistenza b'rabta mal-prodotti ta' kreditu li joffru lill-konsumatur, billi jipprovdu spjegazzjonijiet adegwati dwar l-informazzjoni rilevanti, inklużi b'mod partikolari l-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti proposti lill-konsumatur b'mod personalizzat sabiex il-konsumatur ikun jista' jifhem l-effetti li dawn jistgħu jkollhom fuq is-sitwazzjoni ekonomika tiegħu. Il-krediturі u, meta applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu u l-forniturі ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jadattaw il-mod li bih jingħataw dawn l-ispjegazzjonijiet għaċ-ċirkostanzi li fihom jiġi offrut il-kreditu u l-bżonn tal-konsumatur għal assistenza, filwaqt li jitqiesu l-għarfien u l-esperjenza tal-konsumatur dwar il-kreditu u n-natura tal-prodotti ta' kreditu individwali. Jenħtieġ li dawn l-ispjegazzjonijiet fihom infushom ma jikkostitwixxux rakkomandazzjoni personali.

(40) Kif enfasizzat fil-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)[31], is-sistemi tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) jistgħu jintużaw faċilment f'diversi setturi tal-ekonomija u tas-soċjetà, inkluż dawk transfruntiera, u jistgħu jiċċirkolaw madwar l-Unjoni. F'dan il-kuntest, il-krediturі, l-intermedjarji tal-kreditu u l-forniturі ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jitħallew jippersonalizzaw il-prezz tal-offerti tagħhom għal konsumaturi speċifiċi jew kategoriji speċifiċi ta' konsumaturi abbażi tat-teħid tad-deċiżjonijiet awtomatizzat u t-tfassil ta' profili tal-imġiba tal-konsumatur li jippermettulhom jivvalutaw il-kapaċità tal-akkwist tal-konsumatur. Għalhekk, il-konsumaturi jenħtieġ li jiġu infurmati b'mod ċar meta l-prezz ippreżentat lilhom ikun personalizzat abbażi ta' pproċessar awtomatizzat, sabiex ikunu jistgħu jqisu r-riskji potenzjali fid-deċiżjoni ta' akkwist tagħhom.

(41) Bħala regola ġenerali, il-bejgħ abbinat jenħtieġ li ma jkunx permess sakemm is-servizz jew prodott finanzjarju offrut flimkien mal-ftehim ta' kreditu jew mas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ma jkunx jista' jiġi offrut separatament peress li jkun

[31] COM/2021/206 final.

jagħmel parti integrata bis-sħiħ tal-kreditu, pereżempju fil-każ ta' faċilità ta' overdraft. Filwaqt li, jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-krediturijew il-forniturijew tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ikunu jistgħu jirrikjedu li l-konsumatur ikollu polza tal-assigurazzjoni rilevanti sabiex jiggarantixxi l-ħlas lura tal-kreditu jew jassigura l-valur tal-garanzija, il-konsumatur jenħtieġ li jkollu l-opportunità li jagħżel il-fornitur tal-assigurazzjoni tiegħu stess. Dan jenħtieġ li ma jippreġudikax il-kundizzjonijiet ta' kreditu stabbiliti mill-kreditur jew mill-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, dment li l-polza tal-assigurazzjoni ta' dak il-fornitur ikollha livell ekwivalenti ta' garanzija bħall-polza tal-assigurazzjoni proposta jew offruta mill-kreditur jew mill-forniturijew tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jistandardizzaw, kompletament jew parzjalment, il-kopertura provduta mill-kuntratti tal-assigurazzjoni sabiex jiffaċilitaw it-tqabbil bejn offerti differenti għall-konsumaturi li jkunu jixtiequ jagħmlu dan it-tqabbil.

(42) Is-servizzi anċillari jenħtieġ li jiġu ppreżentati b'mod ċar u trasparenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li ma jkunx possibbli li jiġi inferit il-ftehim tal-konsumatur għal tali servizzi anċillari, iżda tali ftehim jenħtieġ li jkun att affermattiv ċar li jistabbilixxi indikazzjoni mogħtija liberament, speċifika, infurmata u mhux ambigwa tal-approvazzjoni tal-konsumatur. F'dan il-kuntest, is-silenzju, il-kaxxi mmarkati minn qabel jew in-nuqqas ta' attività jenħtieġ li ma jikkostitwixxux ftehim.

(43) L-għoti ta' pariri fil-forma ta' rakkomandazzjoni personalizzata ("servizzi ta' konsulenza") huwa attività li tista' tkun abbinata ma' aspetti oħra tal-għoti jew l-intermedjazzjoni tal-kreditu. Għaldaqstant, sabiex ikunu f'pożizzjoni li jifhmu n-natura tas-servizzi pprovduti lilhom, il-konsumaturi jenħtieġ li jiġu mgħarrfa dwar x'jikkostitwixxi tali servizzi ta' konsulenza u dwar jekk ikunux qed jiġu pprovduti, jew jistgħux jiġu pprovduti jew le. Minħabba l-importanza li l-konsumaturi jagħtu lill-użu tat-termini "konsulenza" u "konsulenti", jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jipprojbixxu l-użu ta' dawk it-termini, jew ta' termini simili, meta jkunu qed jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza lill-konsumaturi mill-krediturijew mill-intermedjarji tal-kreditu jew mill-forniturijew ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Huwa xieraq li jiġi żgurat li l-Istati Membri jimponu salvagwardji meta l-konsulenza tiġi deskritta bħala indipendenti sabiex jiġi żgurat li l-firxa ta' prodotti kkunsidrati u l-arranġamenti dwar ir-remunerazzjoni jkunu proporzjonati mal-aspettattivi tal-konsumaturi ta' tali konsulenza. Meta jipprovdi servizzi ta' konsulenza, il-kreditur, l-intermedjarju tal-kreditu jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jagħti indikazzjoni ta' jekk ir-rakkomandazzjoni hijiex se tkun ibbażata biss fuq il-firxa ta' prodotti tiegħu stess jew fuq firxa wiesgħa ta' prodotti mis-suq kollu, sabiex il-konsumatur ikun jista' jifhem il-bażi li fuqha ssir ir-rakkomandazzjoni. Barra minn hekk, il-kreditur, l-intermedjarju tal-kreditu jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jagħti indikazzjoni tat-tariffa pagabbli mill-konsumatur għas-servizzi ta' konsulenza jew tal-metodu użat għall-kalkolu tagħha, meta l-ammont ma jkunx jista' jiġi aċċertat fil-mument tal-iżvelar.

(44) Il-bejgħ ta' kreditu li ma jkunx intalab mill-konsumaturi jista' f'xi każijiet ikun assoċjat ma' prattiki li huma ta' ħsara għall-konsumatur. F'dan ir-rigward, il-bejgħ mhux mitlub ta' kreditu, inklużi karti ta' kreditu approvati minn qabel mhux mitluba mibgħuta lill-konsumaturi, jew iż-żieda unilaterali tal-limitu tal-overdraft jew tal-karti ta' kreditu, jenħtieġ li jkunu pprojbiti.

(45) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri xierqa biex jippromwovu prattiki responsabbli matul il-fażijiet kollha tar-relazzjoni ta' kreditu filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-suq ta' kreditu tagħhom. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu, pereżempju, l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi, kif ukoll edukazzjoni dwar is-suġġett li tinkludi twissijiet rigward ir-riskji f'każ ta' nuqqas ta' ħlas jew ta' dejn eċċessiv. Fis-suq tal-kreditu li qed jespandi, b'mod partikolari, huwa importanti li l-krediturі jenħtieġ li ma jkunux involuti f'għoti ta' self irresponsabbli jew jagħtu kreditu mingħajr valutazzjoni minn qabel tal-affidabbiltà kreditizja. L-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu s-superviżjoni meħtieġa biex jevitaw imġiba bħal din tal-krediturі u jenħtieġ li jiddeterminaw il-mezzi meħtieġa biex jissanzjonaw tali mġiba. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar ir-riskju ta' kreditu tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32], il-krediturі jew il-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jġorru r-responsabbiltà li jivverifikaw individwalment l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur. Għal dan il-għan jenħtieġ li l-krediturі jew il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jitħallew jużaw informazzjoni mogħtija mill-konsumatur mhux biss matul it-tħejjija tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv inkwistjoni, iżda anki matul relazzjoni kummerċjali fuq perjodu ta' żmien twil. Il-konsumaturi jenħtieġ li jaġixxu wkoll bi prudenza u jirrispettaw l-obbligi kuntrattwali tagħhom.

(46) Huwa essenzjali li jiġu valutati u verifikati l-kapaċità u l-propensità tal-konsumatur li jħallas lura l-kreditu qabel ma jiġi konklużż ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Dik il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jenħtieġ li ssir fl-interess tal-konsumatur, biex jiġu evitati prattiki ta' self irresponsabbli u dejn eċċessiv, u jenħtieġ li tqis il-fatturi kollha meħtieġa u rilevanti li jistgħu jinfluwenzaw il-kapaċità tal-konsumatur li jħallas lura l-kreditu. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu joħorġu gwida addizzjonali dwar kriterji u metodi addizzjonali għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' konsumatur, pereżempju billi jistabbilixxu limiti fuq il-proporzjonijiet bejn is-self u l-valur jew bejn is-self u l-introjtu.

(47) Il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jenħtieġ li tkun ibbażata fuq informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika, inklużi d-dħul u l-ispejjeż, tal-konsumatur. Il-linji gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar l-oriġini u l-monitoraġġ ta' self (EBA/GL/2020/06) jipprovdu linji gwida dwar liema kategoriji ta' *data* jistgħu jintużaw għall-ipproċessar ta' *data* personali għall-finijiet tal-affidabbiltà kreditizja, li jinkludu evidenza tal-introjtu jew ta' sorsi oħra ta' ħlas lura, informazzjoni dwar assi u obbligazzjonijiet finanzjarji, jew informazzjoni dwar impenji finanzjarji oħra. Jenħtieġ li d-*data* personali, bħal *data* personali li tinsab fuq pjattaformi tal-midja soċjali jew *data* dwar is-saħħa, inkluża *data* dwar il-kanċer, ma tintużax meta titwettaq valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. Il-konsumaturi jenħtieġ li jagħtu informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika tagħhom sabiex jiffaċilitaw il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. Fil-prinċipju, il-kreditu jenħtieġ li jsir disponibbli biss għall-konsumatur meta r-riżultat tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jindika li l-obbligi li jirriżultaw mill-ftehim ta' kreditu jew mill-ftehim għall-

[32] Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv x'aktarx li jiġu ssodisfati kif meħtieġ skont dak il-ftehim. Madankollu, jekk tali valutazzjoni tkun negattiva, il-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jista' eċċezzjonalment jagħmel il-kreditu disponibbli f'ċirkostanzi speċifiċi u ġustifikati, bħal meta jkollu relazzjoni fit-tul mal-konsumatur, jew fil-każ ta' self għall-finanzjament ta' spejjeż eċċezzjonali tal-kura tas-saħħa, self għall-istudenti jew self għall-konsumaturi b'diżabilità. F'tali każ, meta jkun qed jiġi deċiż jekk il-kreditu għandux isir disponibbli għall-konsumatur jew le, il-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jqis l-ammont u l-għan tal-kreditu, u l-probabbiltà li l-obbligi li jirriżultaw mill-ftehim jiġu ssodisfati.

(48) Il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali), tistabbilixxi li s-sistemi tal-IA użati għall-evalwazzjoni tal-kreditu jew l-affidabbiltà kreditizja ta' persuni fiżiċi jenħtieġ li jiġu kklassifikati bħala sistemi tal-IA ta' riskju għoli, peress li jiddeterminaw l-aċċess ta' dawk il-persuni għar-riżorsi finanzjarji jew għas-servizzi essenzjali bħas-servizzi tal-akkomodazzjoni, tal-elettriku u tat-telekomunikazzjoni. Fid-dawl ta' dawk l-interessi kbar, kull meta l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tinvolvi pproċessar awtomatizzat, il-konsumatur jenħtieġ li jkollu d-dritt li jikseb intervent uman min-naħa tal-kreditur jew tal-forniturі ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Il-konsumatur jenħtieġ li jkollu wkoll id-dritt li jikseb spjegazzjoni sinifikanti tal-valutazzjoni magħmula u tal-funzjonament tal-ipproċessar awtomatizzat użat, inkluż fost l-oħrajn il-varjabbli ewlenin, il-loġika u r-riskji involuta kif ukoll dritt li jesprimi l-fehma tiegħu u li jikkontesta l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja u id-deċiżjoni.

(49) Sabiex jivvaluta l-istatus ta' kreditu ta' konsumatur, jenħtieġ li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jikkonsulta wkoll bażijiet tad-*data* dwar il-kreditu. Iċ-ċirkostanzi legali u attwali jistgħu jirrikjedu li tali konsultazzjonijiet ivarjaw fl-ambitu tagħhom. Biex tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni fost il-krediturі jew il-forniturі ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, jenħtieġ li dawn ikollhom aċċess għal bażijiet tad-*data* privati jew pubbliċi dwar il-kreditu li jikkonċernaw il-konsumaturi fi Stat Membru fejn ma jkunux stabbiliti b'kundizzjonijiet nondiskriminatorji meta mqabbla ma' krediturі jew forniturі ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv f'dak l-Istat Membru. L-Istati Membri jenħtieġ li jiffaċilitaw l-aċċess transfruntier għal bażijiet tad-*data* privati jew pubbliċi, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33]. Sabiex tissaħħaħ ir-reċiproċità, jenħtieġ li l-bażijiet tad-*data* dwar il-kreditu jżommu bħala minimu informazzjoni dwar pagamenti arretrati tal-konsumaturi, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali.

(50) Fejn deċiżjoni għal rifjut ta' applikazzjoni għal kreditu tkun ibbażata fuq il-konsultazzjoni ta' bażi tad-*data* dwar il-kreditu, jenħtieġ li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jinforma lill-konsumatur dwar dan il-fatt u dwar l-informazzjoni miżmuma dwaru fil-bażi tad-*data* kkonsultata.

(51) Din id-Direttiva ma tirregolax kwistjonijiet tad-dritt kuntrattwali marbutin mal-validità ta' ftehimiet ta' kreditu jew ftehimiet għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta'

[33] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

finanzjament kollettiv. Għalhekk, f'dak il-qasam, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali li jkunu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jirregolaw ir-reġim legali li jirregola l-offerta għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, b'mod partikolari meta din għandha tingħata u l-perjodu li matulu tkun torbot lill-kreditur jew lill-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Jekk tali offerta ssir fl-istess ħin tal-informazzjoni prekuntrattwali prevista minn din id-Direttiva, din jenħtieġ li tingħata, bħal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ikun jixtieq jagħti lill-konsumatur, f'dokument separat. Dak id-dokument separat jista' jiġi anness mal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur.

(52) Il-ftehim ta' kreditu u l-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jkun fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa, ċara u konċiża, biex il-konsumatur ikun jista' jkun jaf id-drittijiet u l-obbligi tiegħu skont dak il-ftehim ta' kreditu.

(53) Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 93/13/KEE, u għall-obbligi prekuntrattwali skont dik id-Direttiva, u sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, il-konsumatur jenħtieġ li jiġi ppreżentat, fi żmien debitu u qabel kwalunkwe modifika fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, b'deskrizzjoni tal-bidliet proposti u, fejn applikabbli, il-ħtieġa għall-kunsens tal-konsumatur jew tal-bidliet introdotti *ex lege*; l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' dawk il-bidliet; il-mezzi għall-ilment disponibbli għall-konsumatur kif ukoll il-perjodu ta' żmien għall-konsumatur biex iressaq ilment u l-isem u l-indirizz tal-awtorità kompetenti fejn jista' jitressaq l-ilment. Il-modifika ta' kuntratt jenħtieġ li ma taffettwa l-ebda dritt tal-konsumatur, inklużi drittijiet ta' informazzjoni skont din id-Direttiva.

(54) Sabiex tiġi żgurata trasparenza sħiħa l-konsumatur jenħtieġ li jingħata l-informazzjoni dwar ir-rata tas-self, kemm fi stadju prekuntrattwali kif ukoll meta il-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jiġi konkluż. Matul ir-relazzjoni kuntrattwali, il-konsumatur jenħtieġ li jiġi infurmat ukoll bil-bidliet fir-rata tas-self varjabbli u bil-bidliet fil-ħlasijiet konsegwenti. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li ma jkunx relatat mal-informazzjoni lill-konsumatur li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-bidliet, jew jippreskrivu l-konsegwenzi tagħhom, minbarra l-bidliet dwar ħlasijiet, fir-rati tas-self u f'kundizzjonijiet ekonomiċi oħra li jirregolaw il-kreditu, pereżempju regoli li jipprovdu li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jista' jbiddel ir-rata tas-self biss meta jkun hemm raġuni valida għal tali bidla jew li l-konsumatur jista' jittermina l-kuntratt fil-każ tal-bidla fir-rata tas-self jew f'kundizzjoni ekonomika speċifika oħra li tikkonċerna l-kreditu.

(55) F'każ ta' overrunning sinifikanti li jaqbeż perjodu ta' xahar, jenħtieġ li l-kreditur jagħti mingħajr dewmien informazzjoni dwar l-overrunning lill-konsumatur, li tinkludi l-ammont involut, ir-rata tas-self u kwalunkwe penali, imposta jew imgħax applikabbli fuq l-arretrati. F'każ ta' overruning regolari, jenħtieġ li l-kreditur joffri servizzi ta' konsulenza lill-konsumatur, fejn disponibbli, biex jgħin lill-konsumaturi jidentifikaw alternattivi inqas għaljin, jew biex il-konsumaturi jiġu ggwidati għal servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn.

(56) Il-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom dritt ta' rtirar mingħajr penali u mingħajr ebda obbligu li jipprovdu ġustifikazzjoni. Madankollu, jenħtieġ li d-dritt ta' rtirar ma jintużax b'*mala fide*.

(57) Meta konsumatur jirtira minn ftehim ta' kreditu jew minn ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li b'konnessjoni miegħu l-konsumatur ikun irċieva oġġetti, b'mod partikolari minn xiri b'pagamenti rateali jew minn ftehim ta' kiri jew ta' lokazzjoni li jipprevedi obbligu ta' xiri, din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regolamentazzjoni mill-Istati Membri ta' kwistjonijiet dwar ir-ritorn tal-oġġetti jew kwalunkwe kwistjoni relatata.

(58) F'xi każijiet, id-dritt nazzjonali diġà jipprovdi li l-fondi ma jistgħux isiru disponibbli għall-konsumatur qabel skadenza speċifika. F'dawk il-każijiet, il-konsumaturi jistgħu jkunu jixtiequ jiżguraw li jirċievu l-oġġetti jew is-servizzi mixtrija kmieni. Għalhekk fil-każ ta' ftehimiet ta' kreditu konnessi, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jipprovdu eċċezzjonalment li, jekk il-konsumatur ikun jixtieq espliċitament konsenja kmieni tal-oġġetti jew is-servizzi mixtrija, l-iskadenza għall-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar tista' titnaqqas sabiex tkun l-istess bħall-iskadenza li qabilha l-fondi ma jistgħux isiru disponibbli.

(59) Fil-każ ta' ftehim ta' kreditu konnessi, teżisti relazzjoni ta' interdipendenza bejn ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi u l-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv konkluż għal dan il-għan. Għaldaqstant, fejn il-konsumatur jeżerċita d-dritt ta' rtirar fir-rigward tal-ftehim ta' xiri, abbażi tad-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li l-konsumatur ma jibqax marbut aktar bil-ftehim ta' kreditu konness. Dan jenħtieġ li ma jaffettwax id-dritt nazzjonali applikabbli għall-ftehimiet ta' kreditu konnessi f'każijiet fejn ftehim ta' xiri jkun ġie annullat jew fejn il-konsumatur ikun eżerċita d-dritt li jirtira abbażi tad-dritt nazzjonali. Jenħtieġ li lanqas ma jaffettwa d-drittijiet tal-konsumaturi mogħtija mid-dritt nazzjonali li permezz tiegħu ma għandu jittieħed l-ebda impenn mill-konsumatur u l-fornitur tal-oġġetti u s-servizzi, u lanqas ma jsir kwalunkwe ħlas bejn dawk il-persuni sakemm il-konsumatur ma jkunx iffirma l-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv sabiex jiffinanzja x-xiri ta' oġġetti jew servizzi.

(60) Il-partijiet kontraenti jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jwettqu terminazzjoni standard ta' ftehim ta' kreditu bla skadenza fissa. Barra minn hekk, fejn ikun miftiehem fil-ftehim ta' kreditu jew fil-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, il-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jkollu d-dritt li jissospendi d-dritt tal-konsumatur li jiġbed kreditu minn ftehim ta' kreditu bla skadenza fissa għal raġunijiet oġġettivament ġustifikati. Tali raġunijiet jistgħu jinkludu pereżempju is-suspett ta' użu mhux awtorizzat jew frawdolenti tal-kreditu jew żieda sinifikanti tar-riskju li l-konsumatur ma jkunx jista' jwettaq l-obbligu tiegħu li jħallas lura l-kreditu. Din id-Direttiva jenħtieġ li ma taffettwax id-dritt kuntrattwali nazzjonali li jirregola d-drittijiet tal-partijiet kontraenti li jitterminaw il-ftehim ta' kreditu abbażi ta' ksur tal-kuntratt.

(61) B'ċerti kundizzjonijiet, il-konsumatur jenħtieġ li jitħalla jfittex rimedji kontra l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv f'każ ta' problemi relatati mal-ftehim ta' xiri. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeterminaw sa liema punt u b'liema kundizzjonijiet il-konsumatur huwa meħtieġ li jfittex ir-rimedji kontra l-fornitur, b'mod partikolari billi jibda proċedimenti kontra l-fornitur, qabel ma jkun f'pożizzjoni li jfittixhom kontra l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Il-konsumaturi jenħtieġ li ma jiġux

imċaħħda mid-drittijiet tagħhom skont id-dritt nazzjonali li jagħtu obbligazzjoni *in solidum* lill-bejjiegħ jew lill-fornitur tas-servizzi u lill-kreditur jew lill-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

(62) Il-konsumatur jenħtieġ li jkollu d-dritt li jeħles mill-obbligi tiegħu qabel id-data miftiehma fil-ftehim ta' kreditu. Kif ipprovdut mis-sentenza *Lexitor* tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE[34], id-dritt tal-konsumatur għal tnaqqis fil-kost totali tal-kreditu f'każ ta' ħlas lura antiċipat tal-kreditu jinkludi l-kostijiet kollha imposti fuq il-konsumatur. Fil-każ ta' ħlas lura antiċipat, il-kreditur jenħtieġ li jkun intitolat għal kumpens ġust u oġġettivament ġustifikat għall-kostijiet direttament marbutin mal-ħlas lura antiċipat, filwaqt li jitqies ukoll it-tfaddil possibbli magħmul mill-kreditur bħala konsegwenza. Madankollu, sabiex jiġi ddeterminat il-metodu tal-kalkolu tal-kumpens, huwa importanti li jiġu rispettati diversi prinċipji. Il-kalkolu tal-kumpens dovut lill-kreditur jenħtieġ li jkun trasparenti u komprensibbli għall-konsumaturi diġà fl-istadju prekuntrattwali u fi kwalunkwe każ matul it-twettiq tal-ftehim ta' kreditu. Barra minn hekk, il-metodu ta' kalkolu jenħtieġ li jkun faċli biex jiġi applikat mill-krediturі u jenħtieġ li jiġi ffaċilitat il-kontroll superviżorju tal-kumpens mill-awtoritajiet kompetenti. Għalhekk, u minħabba l-fatt li kreditu għall-konsumatur ma jkunx iffinanzjat minn mekkaniżmi ta' finanzjament fit-tul, minħabba d-durata u l-volum tiegħu, il-livell massimu għall-kumpens jenħtieġ li jkun stipulat f'termini ta' ammont b'rata fissa. Dan l-approċċ jirrifletti n-natura speċifika tal-krediti għall-konsumaturi u jenħtieġ li ma jippreġudikax l-approċċ fir-rigward ta' prodotti oħrajn li jkunu ffinanzjati minn mekkaniżmi ta' finanzjament fit-tul, bħal self ipotekarju b'rata fissa.

(63) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jipprovdu li l-kumpens għall-ħlas lura antiċipat jista' jintalab mill-kreditur biss bil-kundizzjoni li l-ammont li jkun tħallas lura fi żmien 12-il xahar jaqbeż limitu definit mill-Istati Membri. Meta jiġi ffissat dak il-limitu, li jenħtieġ li ma jkunx jaqbeż l-EUR 10 000, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw l-ammont medju ta' krediti tal-konsumatur fis-suq tagħhom.

(64) Sabiex jiġu promossi l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi fl-Unjoni kollha, huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-komparabbiltà tal-informazzjoni relatata mar-rati perċentwali annwali ta' imposta fl-Unjoni kollha.

(65) L-iffissar ta' limiti massimi fuq ir-rati tal-imgħax, fuq ir-rati perċentwali annwali ta' imposta u jew fuq il-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur huwa prattika komuni f'għadd ta' Stati Membri. Dan l-iffissar ta' limitu massimu wera li huwa ta' benefiċċju għall-konsumaturi. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu r-reġim legali attwali tagħhom. Madankollu, fi sforz biex tiżdied il-protezzjoni tal-konsumatur mingħajr ma jiġu imposti limiti bla bżonn fuq l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġu introdotti limiti massimi fuq ir-rati tal-imgħax, fuq ir-rati perċentwali annwali ta' imposta u/jew fuq il-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur l-Unjoni kollha.

(66) Hemm differenzi sostanzjali fil-liġijiet tad-diversi Stati Membri fir-rigward tal-kondotta kummerċjali fl-għoti ta' ftehimiet ta' kreditu jew fil-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Filwaqt li tiġi rikonoxxuta d-diversità fit-tipi ta' atturi involuti fl-intermedjazzjoni tal-kreditu, ċerti standards fil-livell tal-Unjoni huma essenzjali sabiex ikun żgurat livell għoli ta' professjonalità u servizz.

---

34 Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Settembru 2019, Lexitor, C-383/18, ECLI:EU:C:2019:702.

(67) Il-qafas applikabbli tal-Unjoni jenħtieġ li jagħti lill-konsumaturi l-kunfidenza li l-krediturі, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jqisu l-interessi tal-konsumatur, abbażi tal-informazzjoni li jkollu l-kreditur, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv f'dak il-ħin u abbażi ta' suppożizzjonijiet raġonevoli dwar ir-riskji għas-sitwazzjoni tal-konsumatur tul it-terminu tal-ftehim ta' kreditu propost jew tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv proposti. Aspett ewlieni fl-iżgurar tal-kunfidenza tal-konsumatur huwa r-rekwiżit li jkun żgurat grad għoli ta' ġustizzja, onestà u professjonalità fl-industrija, ġestjoni adegwata tal-kunflitti ta' interess inklużi dawk relatati ma' remunerazzjoni, u l-ħtieġa li jingħata parir fl-aħjar interess tal-konsumatur.

(68) Huwa xieraq li jkun żgurat li l-persunal rilevanti tal-krediturі, tal-intermedjarji tal-kreditu u tal-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ikollhom livell xieraq ta' għarfien u kompetenza sabiex jintlaħaq livell għoli ta' professjonalità. Għalhekk, jenħtieġ li jkun meħtieġ li tingħata prova tal-għarfien u l-kompetenza rilevanti fil-livell tal-kumpanija, abbażi tar-rekwiżiti minimi ta' għarfien u kompetenza. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jintroduċu jew iżommu tali rekwiżiti li japplikaw għal persuni fiżiċi individwali. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-persunal direttament involut fl-attivitajiet skont din id-Direttiva jinkludi kemm persunal li jkollu kuntatt mal-klijent kif ukoll dak amministrattiv, inkluż il-maniġment, li jwettqu rwol importanti fil-proċess tal-ftehim ta' kreditu jew is-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Il-persuni b'funzjonijiet ta' sostenn li ma jkunux relatati mal-proċess tal-ftehim ta' kreditu jew tas-servizzi tal-kreditu ta' finanzjament kollettiv, inkluż il-persunal tar-riżorsi umani u l-persunal tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, jenħtieġ li ma jitqiesx bħala persunal skont din id-Direttiva. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri biex jappoġġaw s-sensibilizzazzjoni dwar ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva ta' krediturі żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u jiffaċilitaw il-konformità tagħhom, bħal kampanji ta' informazzjoni, gwidi għall-utenti u skemi ta' taħriġ għall-impjegati.

(69) Sabiex tiżdied il-ħila tal-konsumaturi li jagħmlu deċiżjonijiet informati dwar is-self u dwar l-immaniġġjar responsabbli tad-dejn, l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu miżuri biex jappoġġaw l-edukazzjoni tal-konsumaturi rigward is-self responsabbli u l-immaniġġjar tad-dejn b'mod partikolari fir-rigward ta' ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur. Dan l-obbligu jista' jitwettaq filwaqt li jitqies il-qafas ta' kompetenza finanzjarja żviluppat mill-Unjoni flimkien mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Huwa partikolarment importanti li tingħata gwida lill-konsumaturi li jieħdu kreditu għall-konsumatur għall-ewwel darba, u b'mod speċjali fuq għodod diġitali. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni jenħtieġ li tidentifika eżempji tal-aħjar prattika biex tiffaċilita l-iżvilupp ulterjuri ta' miżuri biex titjieb is-sensibilizzazzjoni finanzjarja tal-konsumaturi. Il-Kummissjoni tista' tippubblika dawn l-eżempji tal-aħjar prattiki f'koordinazzjoni ma' rapporti simili mfassla fid-dawl ta' atti leġiżlattivi oħra tal-Unjoni.

(70) Minħabba l-konsegwenzi sinifikanti għall-krediturі, il-konsumaturi u potenzjalment l-istabbiltà finanzjarja tal-proċedimenti ta' infurzar, huwa xieraq li l-krediturі jiġu mħeġġa jittrattaw b'mod proattiv ir-riskju ta' kreditu emerġenti fi stadju bikri u li jistabbilixxu l-miżuri neċessarji biex jiġi żgurat li l-krediturі jeżerċitaw tolleranza raġonevoli u jagħmlu tentattivi raġonevoli biex isolvu s-sitwazzjoni permezz ta' mezzi oħra qabel ma jibdew il-proċedimenti ta' infurzar. Fejn possibbli, jenħtieġ li jinstabu soluzzjonijiet li jqisu, fost elementi oħra, iċ-ċirkostanzi individwali tal-konsumatur, l-

interessi u d-drittijiet tal-konsumatur, il-kapaċità tiegħu li jħallas lura l-kreditu u l-ħtieġa raġonevoli għal spejjeż tal-għajxien, u li jillimitaw l-ispejjeż għall-konsumaturi f'każ ta' inadempjenza. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jipprevjenux lill-partijiet fi ftehim ta' kreditu milli jaqblu b'mod espliċitu li t-trasferiment lill-kreditur ta' oġġetti koperti bi ftehim ta' kreditu konness jew bid-dħul mill-bejgħ ta' tali oġġetti jkun biżżejjed biex jitħallas lura l-kreditu.

(71) Il-miżuri ta' tolleranza jistgħu jinkludu rifinanzjament totali jew parzjali ta' ftehim ta' kreditu jew modifika tat-termini u l-kundizzjonijiet preċedenti ta' ftehim ta' kreditu. Tali modifika tista' tinkludi, fost l-oħrajn: estensjoni tat-terminu tal-ftehim ta' kreditu; bidla fit-tip tal-ftehim ta' kreditu; differiment tal-ħlas ta' parti mill-pagamenti rateali jew tal-pagamenti rateali kollha għal perjodu; bidla fir-rata tal-imgħax; offerta ta' moratorju fuq il-pagamenti; ħlasijiet lura parzjali; kambju tal-munita; u kanċellazzjoni parzjali u konsolidazzjoni tad-dejn.

(72) Il-konsumaturi li jiffaċċjaw diffikultajiet biex jissodisfaw l-impenji finanzjarji tagħhom jistgħu jibbenefikaw minn għajnuna speċjalizzata għall-immaniġġjar tad-djun tagħhom. L-objettiv tas-servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn huwa li jgħinu lill-konsumaturi jiffaċċjaw problemi finanzjarji u jiggwidawhom biex iħallsu lura, kemm jista' jkun, id-djun pendenti tagħhom, filwaqt li jżommu livell ta' ħajja deċenti u jippreservaw id-dinjità tagħhom. Din l-assistenza personalizzata u indipendenti pprovduta minn operaturi professjonali li ma jkunux krediturі, intermedjarji tal-kreditu, fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jew servizzjanti tal-kreditu, tista' tinkludi konsulenza legali, immaniġġjar tal-flus u tad-dejn kif ukoll assistenza soċjali u psikoloġika. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li s-servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn ipprovduti minn operaturi professjonali indipendenti jsiru disponibbli, direttament jew indirettament, għall-konsumaturi, u li fejn possibbli, il-konsumaturi li jiffaċċjaw diffikultajiet biex iħallsu lura d-djun tagħhom jiġu riferuti għal servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn qabel ma jinbdew dawk il-proċedimenti ta' infurzar. L-Istati Membri jibqgħu liberi li jżommu jew jintroduċu rekwiżiti speċifiċi għal tali servizzi.

(73) Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-istabbiltà tas-suq, u sakemm ikun hemm aktar armonizzazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkunu stabbiliti miżuri xierqa għar-regolamentazzjoni jew is-superviżjoni tal-krediturі u tal-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

(74) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu jkunu soġġetti għal proċess ta' ammissjoni adegwat, li jinkludi ir-reġistrazzjoni tal-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu f'reġistru u l-arranġamenti għas-superviżjoni minn awtorità kompetenti.

(75) Din id-Direttiva tirregola biss ċerti obbligi tal-intermedjarji tal-kreditu fir-rigward tal-konsumaturi. Jenħtieġ għalhekk li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jżommu jew jintroduċu obbligi addizzjonali fuq l-intermedjarji tal-kreditu, inklużi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom intermedjarju tal-kreditu jista' jirċievi tariffi mingħand konsumatur li jkun talab is-servizz tiegħu.

(76) Jenħtieġ li ċ-ċessjoni tad-drittijiet tal-kreditur skont ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ma jkollhiex l-effett li tpoġġi lill-konsumatur f'qagħda inqas favorevoli. Il-konsumatur jenħtieġ wkoll jiġi mgħarraf sew meta l-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jiġi ċedut lil parti terza. Madankollu, fejn il-kreditur oriġinali, bi ftehim maċ-ċessjonarju, ikompli jonora l-ftehim ta' kreditu fir-rigward tal-

konsumatur, il-konsumatur ma jkollux interess partikolari li jiġi mgħarraf biċ-ċessjoni. Għalhekk, rekwiżit fil-livell tal-Unjoni li l-konsumatur jiġi mgħarraf biċ-ċessjoni f'każijiet bħal dawn, ikun eċċessiv.

(77) L-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu liberi li jżommu jew jintroduċu regoli nazzjonali li jipprevedu forom kollettivi ta' komunikazzjoni meta dan ikun meħtieġ għal finijiet marbutin mal-effettività ta' tranżazzjonijiet kumplessi bħat-titolizzazzjonijiet jew il-likwidazzjoni ta' assi li jseħħu fil-likwidazzjoni amministrattiva obbligatorja tal-banek.

(78) Il-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom aċċess għal proċeduri effettivi u adegwati ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim għas-soluzzjoni ta' tilwim li jirriżulta mid-drittijiet u l-obbligi stabbiliti b'din id-Direttiva, bl-użu ta' entitajiet eżistenti fejn xieraq. Tali aċċess huwa diġà żgurat mid-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35] f'dak li jirrigwarda t-tilwim kuntrattwali rilevanti. Madankollu, jenħtieġ li l-konsumaturi jkollhom ukoll aċċess għal proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim fil-każ ta' tilwim prekuntrattwali dwar id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti b'din id-Direttiva, pereżempju, fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni prekuntrattwali, is-servizzi ta' konsulenza u l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja kif ukoll fir-rigward tal-informazzjoni mogħtija mill-intermedjarji li jkunu remunerati mill-kredituri u għalhekk ma jkollhom l-ebda relazzjoni kuntrattwali diretta mal-konsumaturi. Tali proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim u l-entitajiet li joffruhom jenħtieġ li jkunu konformi mar-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti bid-Direttiva 2013/11/UE.

(79) L-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru l-awtoritajiet kompetenti li jkollhom is-setgħa jiżguraw l-infurzar ta' din id-Direttiva u jiżguraw li dawk l-awtoritajiet kompetenti jingħataw setgħat ta' investigazzjoni u ta' infurzar u riżorsi adegwati neċessarji għat-twettiq ta' dmirijiethom. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti jenħtieġ li jikkooperaw ma' xulxin kull meta meħtieġ bil-għan li jwettqu d-dmirijiet tagħhom skont din id-Direttiva.

(80) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-penali sabiex jiġi indirizzat il-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u jiżguraw li dawn ikunu implimentati. Filwaqt li l-għażla tal-penali tibqa' fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri, il-penali previsti jenħtieġ li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(81) Ir-regoli nazzjonali attwali dwar il-penali jvarjaw b'mod sinifikanti fl-Unjoni kollha. B'mod partikolari, mhux l-Istati Membri kollha jiżguraw li multi effettivi, proporzjonati u dissważivi jistgħu jiġu imposti fuq kummerċjanti li huma responsabbli għal każijiet ta' ksur mifruxa jew każijiet ta' ksur mifruxa b'dimensjoni tal-Unjoni. Biex ikun żgurat li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fir-rigward tal-każijiet ta' ksur mifruxa u tal-każijiet ta' ksur mifruxa b'dimensjoni tal-Unjoni li jkunu soġġetti għal miżuri kkoordinati ta' investigazzjoni u ta' infurzar f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36], jenħtieġ li jiġu introdotti multi bħala element ta' penali għal tali ksur. Biex jiġi żgurat li l-multi jkollhom effett ta' deterrent, jenħtieġ li

[35] Id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 63).

[36] Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1).

l-Istati Membri jistabbilixxu fid-dritt nazzjonali tagħhom il-multa massima għal tali ksur f'livell li jkun mill-inqas 4 % tal-fatturat annwali tal-kreditur, tal-intermedjarju tal-kreditu jew tal-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv fl-Istat Membru kkonċernat jew fl-Istati Membri kkonċernati. F'ċerti każijiet, dawk il-kummerċjanti jistgħu jkunu wkoll grupp ta' kumpaniji.

(82) Biex jissaħħu t-trasparenza u l-kunfidenza tal-konsumaturi, l-awtorità kompetenti tista' tiżvela lill-pubbliku kwalunkwe penali amministrattiva li tiġi imposta għal ksur tal-miżuri adottati skont din id-Direttiva, sakemm tali żvelar ma jippreġudikax serjament is-swieq finanzjarji jew jikkawża dannu sproporzjonat lill-partijiet involuti.

(83) Billi l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti aspetti tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrigwardaw il-kreditu għall-konsumaturi, ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri, meta jitqies l-iżvilupp tas-suq fid-dawl tad-diġitalizzazzjoni u l-għan li tiġi ffaċilitata l-provvista transfruntiera ta' kreditu iżda pjuttost jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

(84) Biex jiġu emendati elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ tingħata s-setgħa biex tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' suppożizzjonijiet addizzjonali għall-kalkoli tal-rata perċentwali annwali ta' imposta. B'mod partikolari huwa importanti li waqt il-ħidma preparatorja, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[37]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(85) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni[38], l-Istati Membri impenjaw ruħhom li, f'każijiet iġġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom tkun akkumpanjata b'dokument wieħed jew aktar li jispjega r-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti hija ġġustifikata.

(86) Meta jitqies l-għadd ta' emendi li jeħtieġ li jsiru fid-Direttiva 2008/48/KE minħabba l-evoluzzjoni fis-settur tal-kreditu għall-konsumatur u fl-interessi taċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, dik id-Direttiva jenħtieġ li tiġi rrevokata u ssostitwita b'din id-Direttiva.

(87) L-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva minn [*OP: daħħal id-data: sitt xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni*]. Madankollu, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi diffiċli li ħolqot il-pandemija tal-

[37] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
[38] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

COVID-19 u l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw l-impriżi mikro, żgħar u medji, jenħtieġ li dawn l-impriżi jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Għalhekk, fir-rigward tal-impriżi mikro, żgħar u medji, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva minn [*OP: daħħal id-data: 18-il xahar mill-iskadenza tat-traspożizzjoni*].

(88) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725[39] u ta opinjoni fil-XX XXXX[40],

[39] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

[40] …

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni għall-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-krediti għall-konsumatur fil-forma ta' ċerti ftehimiet ta' kreditu għall-konsumaturi u servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv għall-konsumaturi.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tapplika għall-ftehimiet ta' kreditu.

   L-Artikoli 1, 2 u 3, l-Artikoli 5 sa 10, l-Artikoli 12 sa 23, l-Artikoli 26, 27 u 28, l-Artikoli 30 sa 33, l-Artikolu 37 u l-Artikoli 39 sa 50 għandhom japplikaw ukoll għas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv fejn dawk is-servizzi mhumiex ipprovduti minn kreditur jew intermedjarju tal-kreditu.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal dawn li ġejjin:

   (a) ftehimiet ta' kreditu li jkunu garantiti b'ipoteka jew b'garanzija komparabbli oħra normalment użata fi Stat Membru fuq proprjetà immobbli residenzjali jew iggarantiti bi dritt relatat ma' proprjetà immobbli residenzjali;

   (b) ftehimiet ta' kreditu li l-fini tagħhom ikun l-akkwist jew iż-żamma tad-drittijiet ta' proprjetà fl-art jew f'bini eżistenti jew ipproġettat;

   (c) ftehimiet ta' kreditu li jinvolvu ammont totali ta' kreditu ta' aktar minn EUR 100 000;

   (d) ftehimiet ta' kreditu fejn il-kreditu jingħata minn impjegatur lill-impjegati tiegħu bħala attività sekondarja bla imgħax jew offruti b'rati perċentwali annwali ta' imposta aktar baxxi minn dawk prevalenti fis-suq u li ma jkunux offruti lill-pubbliku ġenerali;

   (e) ftehimiet ta' kreditu li jkunu konklużi ma' ditti ta' investiment kif definit fl-Artikolu 4(1), punt (1) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] jew ma' istituzzjonijiet ta' kreditu kif definit fl-Artikolu 4(1), punt (1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42] sabiex investitur ikun jista' jwettaq tranżazzjoni relatata ma' strument finanzjarju wieħed jew aktar minn dawk elenkati fit-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE, fejn id-ditta ta' investiment jew l-istituzzjoni ta' kreditu li tagħti l-kreditu tkun involuta f'dik it-tranżazzjoni;

---

41 Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

42 Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

(f) ftehimiet ta' kreditu li jkunu r-riżultat ta' ftehim milħuq fil-qorti jew quddiem awtorità statutorja oħra;

(g) ftehimiet ta' kreditu li jirrigwardaw il-ħlas differit, mingħajr ħlas, ta' dejn eżistenti;

(h) ftehimiet ta' kreditu fejn il-konsumatur ikun mitlub jiddepożita oġġett bħala garanzija fil-kustodja tal-kreditur u l-obbligu tal-konsumatur ikun strettament limitat għal dak l-oġġett iddepożitat;

(i) ftehimiet ta' kreditu li jirrigwardaw self mogħti lil pubbliku ristrett b'dispożizzjoni statutorja b'fini ta' interess ġenerali u b'rati ta' imgħax aktar baxxi minn dawk prevalenti fuq is-suq jew mingħajr imgħax jew b'termini oħrajn li jkunu aktar favorevoli għall-konsumatur minn dawk prevalenti fis-suq.

(j) ftehimiet ta' kreditu eżistenti fi [*OP*: *daħħal id-data sitt xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni*]; Madankollu, l-Artikoli 23 u 24, l-Artikolu 25(1), it-tieni sentenza, l-Artikolu 25(2) u l-Artikoli 28 u 39 għandhom japplikaw għall-ftehimiet kollha ta' kreditu bla skadenza fissa eżistenti fi [*OP*: *daħħal id-data sitt xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni*].

3. Minkejja l-paragrafu 2(c), din id-Direttiva tapplika għal ftehimiet ta' kreditu mhux garantiti li jinvolvu ammont totali ta' kreditu ta' aktar minn EUR 100 000, fejn l-għan ta' dawk il-ftehimiet ta' kreditu jkun ir-rinnovazzjoni ta' proprjetà immobbli residenzjali.

4. Fil-każ ta' ftehim ta' kreditu fil-forma ta' overrunning, għandhom japplikaw l-Artikoli 1, 2, 3, l-Artikolu 25 u l-Artikoli 41 sa 50 biss.

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw li l-Artikoli 1, 2 u 3, l-Artikoli 7 u 8, l-Artikolu 11, l-Artikolu 19, l-Artikolu 20, l-Artikolu 21(1) il-punti (a) sa (h) u (l), l-Artikolu 21(3), l-Artikolu 23, l-Artikolu 25, l-Artikoli 28 sa 51 biss japplikaw għal ftehimiet ta' kreditu li jiġu konklużi minn organizzazzjoni li s-sħubija tagħha tkun ristretta għal persuni residenti jew impjegati f'post partikolari jew impjegati u impjegati rtirati ta' impjegatur partikolari, jew għal persuni li jissodisfaw kwalifiki oħra stabbiliti skont id-dritt nazzjonali bħala l-bażi għall-eżistenza ta' rabta komuni bejn il-membri u li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) tkun stabbilita għall-benefiċċju reċiproku tal-membri tagħha;

(b) ma tagħmilx profitti għal kwalunkwe persuna oħra jekk mhux membri tagħha;

(c) tissodisfa għan soċjali meħtieġ mid-dritt nazzjonali;

(d) tirċievi u tiġġestixxi t-tfaddil tal-membri tagħha biss u tipprovdi sorsi ta' kreditu lilhom biss;

(e) tipprovdi kreditu abbażi ta' rata perċentwali annwali ta' imposta li tkun aktar baxxa minn dik prevalenti fis-suq jew li jkun soġġett għal-limitu massimu stabbilit bid-dritt nazzjonali.

L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva l-ftehimiet ta' kreditu konklużi minn organizzazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu meta l-valur totali tal-ftehimiet ta' kreditu eżistenti kollha li tkun daħlet għalihom dik l-organizzazzjoni jkun insinifikanti fir-rigward tal-valur totali tal-ftehimiet ta' kreditu eżistenti kollha fl-Istat Membru li fih tkun ibbażata l-organizzazzjoni u l-valur totali tal-ftehimiet ta' kreditu eżistenti kollha li jkunu daħlu għalihom l-organizzazzjonijiet

kollha simili fl-Istat Membru jkun inqas minn 1 % tal-valur totali tal-ftehimiet ta' kreditu eżistenti kollha konklużi f'dak l-Istat Membru.

L-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw kull sena jekk il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe eżenzjoni bħal dik imsemmija fit-tieni subparagrafu għadhomx issodisfati u għandhom jieħdu azzjoni biex jirtiraw l-eżenzjoni fejn huma jqisu li ma baqgħux issodisfati.

6. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw li l-Artikoli 1, 2, 3, l-Artikoli 7 u 8, l-Artikolu 11, l-Artikolu 19, l-Artikolu 20, l-Artikolu 21(1) il-punti (a) sa (h), (l) u (r), l-Artikolu 21(3), l-Artikolu 23, l-Artikolu 25, l-Artikoli 28 sa 38 u l-Artikoli 40 sa 50 biss għandhom japplikaw għall-ftehimiet ta' kreditu li jipprevedu li l-arranġamenti għandhom jiġu miftiehma mill-kreditur u l-konsumatur fir-rigward ta' ħlas differit jew tal-metodi ta' ħlas lura, meta l-konsumatur ikun diġà inadempjenti fir-rigward tal-ftehim ta' kreditu inizjali u fejn il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) l-arranġament x'aktarx li jevita l-possibbiltà ta' proċedimenti legali dwar l-inadempjenza tal-konsumatur;

(b) il-konsumatur ma jkunx soġġett għal termini inqas favorevoli minn dawk stabbiliti fil-ftehim ta' kreditu inizjali jekk jaċċetta l-arranġament.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "konsumatur" tfisser persuna fiżika li taġixxi għall-finijiet li huma 'l barra min-negozju, mill-kummerċ jew mill-professjoni tagħha;

(2) "kreditur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tagħti jew twiegħed li tagħti kreditu fl-eżerċizzju tal-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħha;

(3) "ftehim ta' kreditu" tfisser ftehim li bih kreditur jagħti jew iwiegħed li jagħti lil konsumatur kreditu fil-forma ta' ħlas differit, self jew akkomodazzjoni finanzjarja simili oħra; ħlief għal ftehim għall-provvista fuq bażi kontinwa ta' servizzi jew il-provvista ta' oġġetti tal-istess xorta, fejn il-konsumatur iħallas għal tali servizzi jew oġġetti għat-tul ta' żmien tal-provvista tagħhom permezz ta' pagamenti rateali;

(4) "servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv" tfisser servizzi pprovduti minn pjattaforma ta' finanzjament kollettiv biex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' kreditu;

(5) "kost totali tal-kreditu għall-konsumatur" tfisser il-kostijiet kollha, inklużi interessi, kummissjonijiet, taxxi, u kwalunkwe tip ta' tariffi oħrajn li l-konsumatur għandu jħallas b'konnessjoni mal-ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u li huma magħrufin mal-kreditur, f'każ ta' ftehimiet ta' kreditu, jew mal-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, f'każ ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, ħlief għal kostijiet notarili; il-kostijiet relatati ma' servizzi anċillari fir-rigward tal-ftehim ta' kreditu jew is-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv huma inklużi wkoll fil-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur fejn, barra minn hekk, il-konklużjoni ta' kuntratt fir-rigward ta' servizzi anċillari huwa obbligatorju sabiex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb il-kreditu skont it-termini u l-kondizzjonijiet kummerċjalizzati;

(6) “ammont totali pagabbli mill-konsumatur” tfisser is-somma tal-ammont totali ta’ kreditu u l-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur;

(7) “rata perċentwali annwali ta’ imposta” jew “RPAI” tfisser il-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur espressa bħala perċentwali annwali tal-ammont totali ta’ kreditu, fejn applikabbli inklużi l-ispejjeż msemmija fl-Artikolu 30(2);

(8) “rata tas-self” tfisser ir-rata tal-imgħax espressa bħala perċentwali fiss jew varjabbli applikata fuq bażi annwali għall-ammont ta’ ġbid ta’ kreditu;

(9) “rata tas-self fissa” tfisser ir-rata tas-self li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv u l-konsumatur jaqblu dwarha fil-ftehim ta’ kreditu jew fil-ftehim għall-provvista ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv għat-tul ta’ żmien kollu tal-ftehim ta’ kreditu jew tas-servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv, jew diversi rati tas-self li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv u l-konsumatur jaqbel dwarhom fil-ftehim ta’ kreditu jew tas-servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv għal perjodi parzjali li għalihom ir-rati tas-self huma determinati esklużivament minn perċentwal speċifiku fiss. Jekk fil-ftehim ta’ kreditu jew fil-ftehim għall-provvista ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv ma jkunux determinati r-rati tas-self kollha, ir-rata tas-self għandha titqies bħala fissa biss għall-perjodi parzjali li għalihom ir-rati tas-self huma determinati esklużivament minn perċentwal speċifiku fiss miftiehma fil-konklużjoni tal-ftehim ta’ kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv;

(10) “ammont totali ta’ kreditu” tfisser il-limitu massimu jew is-somom totali disponibbli skont ftehim ta’ kreditu jew skont is-servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv;

(11) “mezz durabbli”” tfisser kull strument li jippermetti lill-konsumatur jaħżen informazzjoni indirizzata lilu personalment b’mod aċċessibbli għal referenza futura għal perjodu ta’ żmien adegwat għall-finijiet ta’ informazzjoni u li jippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni maħżuna;

(12) “intermedjarju tal-kreditu” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li ma tkunx qed taġixxi bħala kreditur jew nutar u li ma tkunx sempliċement qed tintroduċi, direttament jew indirettament, konsumatur lil-kreditur, u li, fl-eżerċizzju tal-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħha, għal tariffa li tista’ tkun f’forma pekunarja jew fi kwalunkwe forma ta’ kunsiderazzjoni finanzjarja oħra miftiehma:

(a) tippreżenta jew toffri ftehimiet ta’ kreditu għall-konsumaturi;

(b) tassisti lill-konsumaturi billi tagħmel ħidma preparatorja jew amministrazzjoni prekuntrattwali oħra fir-rigward ta’ ftehimiet ta’ kreditu minbarra kif imsemmi fil-punt (a); jew

(c) tikkonkludi ftehim ta’ kreditu mal-konsumaturi f’isem il-kreditur;

(13) “informazzjoni prekuntrattwali” tfisser l-informazzjoni li l-konsumatur jeħtieġ biex ikun jista’ jqabbel offerti ta’ kreditu differenti u jieħu deċiżjoni infurmata dwar jekk għandux jikkonkludi l-ftehim ta’ kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta’ servizzi ta’ finanzjament kollettiv;

(14) “tfassil ta’ profili” tfisser kwalunkwe forma ta’ pproċessar awtomatizzat ta’ *data* personali kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (4) tar-Regolament (UE) 2016/679;

(15) “mezz ta’ komunikazzjoni mill-bogħod” tfisser kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni mill-bogħod kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (e) tad-Direttiva 2002/65/KE;

(16) “bejgħ abbinat” tfisser l-offerta jew il-bejgħ ta’ ftehim ta’ kreditu jew servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv f’pakkett ma’ prodotti jew servizzi distinti finanzjarji oħra fejn il-ftehim ta’ kreditu jew is-servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv ma jkunux disponibbli għall-konsumatur b’mod separat;

(17) “prattiki ta’ ggruppar” tfisser l-offerta jew il-bejgħ ta’ ftehim ta’ kreditu jew servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv f’pakkett ma’ prodotti jew servizzi finanzjarji separati oħra fejn il-ftehim ta’ kreditu jew is-servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv isiru disponibbli wkoll għall-konsumatur b’mod separat iżda mhux neċessarjament bl-istess termini jew kundizzjonijiet bħal meta jiġu offruti abbinati flimkien ma’ dawk il-prodotti jew servizzi l-oħra;

(18) “servizzi ta’ konsulenza” tfisser ir-rakkomandazzjonijiet personali lil konsumatur rigward tranżazzjoni waħda jew aktar relatati ma’ ftehimiet ta’ kreditu jew servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv u li tikkostitwixxi attività separata mill-għoti ta’ kreditu u mill-attivitajiet ta’ intermedjarju tal-kreditu kif definit fil-punt (12);

(19) “faċilità ta’ overdraft” tfisser ftehim ta’ kreditu espliċitu li permezz tiegħu kreditur jagħmel disponibbli għall-konsumatur fondi li jaqbżu l-bilanċ kurrenti fil-kont kurrenti tal-konsumatur;

(20) “overrunning” tfisser overdraft aċċettat taċitament li permezz tiegħu kreditur jagħmel disponibbli għall-konsumatur fondi li jaqbżu l-bilanċ kurrenti fil-kont kurrenti tal-konsumatur jew fil-faċilità ta’ overdraft miftiehma;

(21) “ftehim ta’ kreditu konness” tfisser ftehim ta’ kreditu jew servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv fejn

(a) il-kreditu jew is-servizzi in kwistjoni jservu esklużivament biex jiffinanzja ftehim għall-provvista ta’oġġetti speċifiċi jew il-provvista ta’ servizz speċifiku, u

(b) dawk iż-żewġ ftehimiet jiffurmaw, minn perspettiva, oġġettiva unità kummerċjali; unità kummerċjali għandha titqies li teżisti meta l-fornitur jew il-fornitur tas-servizz innifsu jiffinanzja l-kreditu lill-konsumatur jew, jekk ikun iffinanzjat minn parti terza, meta l-kreditur jew il-fornitur juża s-servizzi tal-fornitur jew tal-fornitur tas-servizz b’konnessjoni mal-konklużjoni jew it-tħejjija tal-ftehim ta’ kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv, jew fejn l-oġġetti speċifiċi jew il-provvista ta’ servizz speċifiku hija espliċitament speċifikata fil-ftehim ta’ kreditu jew fis-servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv;

(22) “ħlas lura antiċipat” tfisser il-ħelsien sħiħ jew parzjali mill-obbligi tal-konsumatur skont ftehim ta’ kreditu jew servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv;

(23) “pjattaforma ta’ finanzjament kollettiv” tfisser pjattaforma ta’ finanzjament kollettiv kif definita fl-Artikolu 2(1)(d) tar-Regolament (UE) 2020/1503;

(24) “faċilità ta’ kreditu rotanti” tfisser forma ta’ ftehim ta’ kreditu maħruġ mill-kreditur li jipprovdi lill-konsumatur bil-kapaċità li jiġbed fondi, iħallas lura fondi, u jiġbed fondi mill-ġdid;

(25) “servizzi ta’ konsulenza dwar id-dejn” tfisser assistenza personalizzata ta’ natura teknika, legali jew psikoloġika pprovduta minn operaturi professjonali indipendenti lill-konsumaturi li jesperjenzaw jew li jistgħu jesperjenzaw diffikultajiet biex ilaħħqu mal-impenji finanzjarji tagħhom;

Artikolu 4

Konverżjoni ta’ ammonti espressi f’euro f’munita nazzjonali

1. Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, dawk l-Istati Membri li jikkonvertu l-ammonti espressi f’euro fil-munita nazzjonali tagħhom għandhom inizjalment jużaw f’dik il-konverżjoni r-rata tal-kambju prevalenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri jistgħu jaġġustaw l-ammonti li jirriżultaw mill-konverżjoni msemmija fil-paragrafu 1, dment li tali aġġustament ma jaqbiżx EUR 10.

Artikolu 5

Obbligu li tingħata informazzjoni mingħajr ħlas lill-konsumaturi

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, meta tingħata informazzjoni lill-konsumaturi f’konformità ma’ din d-Direttiva, tali informazzjoni tingħata mingħajr ħlas lill-konsumatur.

Artikolu 6

Nondiskriminazzjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati biex jingħata kreditu ma jiddiskriminax kontra konsumaturi legalment residenti fl-Unjoni abbażi tan-nazzjonalità jew tal-post tar-residenza tagħhom jew għal kwalunkwe raġuni kif imsemmi fl-Artikolu 21 tal-Karta Id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, meta dawk il-konsumaturi jitolbu, jikkonkludu jew ikollhom ftehim ta’ kreditu jew servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv fl-Unjoni.

KAPITOLU II

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TINGĦATA QABEL IL-KONKLUŻJONI TAL-FTEHIM TA’ KREDITU JEW TAL-FTEHIM GĦALL-PROVVISTA TA’ SERVIZZI TA’ KREDITU TA’ FINANZJAMENT KOLLETTIV

Artikolu 7

Reklamar u kummerċjalizzazzjoni ta’ ftehimiet ta’ kreditu u servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv

Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/29/KE, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kwalunkwe komunikazzjoni ta’ reklamar u kummerċjalizzazzjoni rigward ftehimiet ta’

kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv tkun ġusta, ċara u mhux qarrieqa. Il-kliem f'dawn il-komunikazzjonijiet ta' reklamar u kummerċjalizzazzjoni li jistgħu joħolqu aspettattivi foloz għall-konsumaturi fir-rigward tad-disponibbiltà jew il-kost ta' kreditu għandhom jiġu pprojbiti.

Artikolu 8

Informazzjoni standard li għandha tiġi inkluża fir-reklamar ta' ftehimiet ta' kreditu u servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li r-reklamar dwar ftehimiet ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li jindika rata tal-imgħax jew kwalunkwe ċifra relatata mal-kost tal-kreditu għall-konsumatur ikun jinkludi informazzjoni standard f'konformità ma' dan l-Artikolu.

   Dan l-obbligu ma għandux japplika fejn id-dritt nazzjonali jirrikjedi l-indikazzjoni tar-rata perċentwali annwali ta' imposta fir-reklamar dwar ftehimiet ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li ma jindikax rata tal-imgħax jew kwalunkwe ċifra relatata ma' kwalunkwe kost tal-kreditu għall-konsumatur fit-tifsira tal-ewwel subparagrafu.

2. L-informazzjoni standard għandha tkun tista' tinqara faċilment jew tinstema' b'mod ċar, kif xieraq, u adattata għar-restrizzjonijiet tekniċi tal-mezz użat għar-reklamar u għandha tispeċifika b'mod ċar, konċiż u prominenti, permezz ta' eżempju rappreżentattiv, l-elementi kollha li ġejjin:

   (a) ir-rata tas-self, fissa jew varjabbli jew it-tnejn li huma, flimkien mad-dettalji ta' kwalunkwe imposta inkluża fil-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur;

   (b) l-ammont totali tal-kreditu;

   (c) ir-rata perċentwali annwali ta' imposta;

   (d) fejn applikabbli, it-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu jew tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv;

   (e) fil-każ ta' kreditu fil-forma ta' ħlas differit għal oġġetti jew servizzi speċifiċi, il-prezz fi flus kontanti u l-ammont ta' kwalunkwe ħlas bil-quddiem;

   (f) fejn applikabbli, l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur u l-ammont tal-pagamenti rateali.

   F'każijiet speċifiċi u ġġustifikati fejn il-mezz użat biex tiġi kkomunikata l-informazzjoni standard imsemmija fl-ewwel subparagrafu ma jkunx jippermetti li l-informazzjoni tintwera b'mod viżiv, il-punti (e) u (f) f'dak is-subparagrafu ma għandhomx japplikaw.

3. Meta l-konklużjoni ta' kuntratt dwar servizz anċillari relatat mal-ftehim ta' kreditu jew mas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv tkun obbligatorja biex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb il-kreditu bit-termini u l-kundizzjonijiet kummerċjalizzati, u l-kost ta' dak is-servizz ma jkunx jista' jiġi ddeterminat minn qabel, l-informazzjoni standard għandha tispeċifika, flimkien mar-rata perċentwali annwali ta' imposta msemmija fil-paragrafu 2(c), b'mod ċar, konċiż u prominenti l-obbligu ta' dħul f'dak il-kuntratt.

Artikolu 9

Informazzjoni ġenerali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-krediturijew, fejn applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu jew il-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jagħmlu disponibbli informazzjoni ġenerali ċara u li tinftiehem dwar il-ftehimiet ta' kreditu u s-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv f'kull ħin fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor.

2. L-informazzjoni ġenerali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:

   (a) l-identità, l-indirizz ġeografiku, in-numru tat-telefon u l-email tal-emittent tal-informazzjoni;

   (b) l-għan li għalih il-kreditu jista' jintuża;

   (c) it-tul ta' żmien possibbli tal-ftehimiet ta' kreditu jew tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv;

   (d) it-tipi ta' rata tas-self disponibbli, b'indikazzjoni jekk tkunx fissa jew varjabbli jew it-tnejn, b'deskrizzjoni fil-qosor tal-karatteristiċi ta' rata fissa u varjabbli, inkluż l-implikazzjonijiet relatati għall-konsumatur;

   (e) eżempju rappreżentattiv tal-ammont totali ta' kreditu, il-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur, l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur u r-rata perċentwali annwali ta' imposta;

   (f) indikazzjoni ta' kostijiet ulterjuri possibbli, mhux inklużi fil-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur, li għandhom jitħallsu b'konnessjoni ma' ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv;

   (g) il-firxa ta' għażliet differenti disponibbli għar-rimborż tal-kreditu lill-kreditur, inklużi l-għadd, il-frekwenza u l-ammont tal-pagamenti rateali regolari;

   (h) deskrizzjoni tal-kundizzjonijiet direttament marbuta mal-ħlas lura antiċipat;

   (i) deskrizzjoni tad-dritt ta' rtirar;

   (j) indikazzjoni tas-servizzi anċillari li l-konsumatur huwa obbligat li jakkwista biex jikseb il-kreditu jew biex jiksbu bit-termini u l-kundizzjonijiet kummerċjalizzati, u, fejn applikabbli, kjarifika li s-servizzi anċillari jistgħu jinxtraw minn fornitur li ma jkunx il-kreditur; u

   (k) twissija ġenerali dwar il-konsegwenzi possibbli tan-nuqqas ta' konformità mal-impenji marbutin mal-ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

Artikolu 10

Informazzjoni prekuntrattwali

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, jagħtu lill-konsumatur l-informazzjoni prekuntrattwali meħtieġa biex iqabbel offerti differenti sabiex jieħu deċiżjoni infurmata dwar jekk jikkonkludix ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv abbażi tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' kreditu offruti mill-kreditur jew mill-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament

kollettiv u, fejn applikabbli, il-preferenzi espressi u l-informazzjoni mogħtija mill-konsumatur. Tali informazzjoni prekuntrattwali għandha tingħata lill-konsumatur mill-inqas jum qabel ma jkun marbut bi kwalunkwe ftehim ta' kreditu jew offerta, jew bi kwalunkwe ftehim jew offerta għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

F'każ li l-informazzjoni prekuntrattwali msemmija fl-ewwel subparagrafu tingħata inqas minn jum qabel ma l-konsumatur jkun marbut bil-ftehim ta' kreditu jew offerta, jew bi kwalunkwe ftehim jew offerta għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornitur tas-servizz ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jibagħtu tfakkira, fuq karta jew fuq kwalunkwe mezz durabbli ieħor lill-konsumatur dwar il-possibbiltà li jirtira mill-ftehim ta' kreditu u mis-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita għall-irtirar, f'konformità mal-Artikolu 26. Dik it-tfakkira lill-konsumatur għandha ssir mhux aktar tard minn jum wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu, tal-ftehim għall-provvista ta' servizz ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jew l-aċċettazzjoni tal-offerta ta' kreditu.

2. L-informazzjoni prekuntrattwali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor permezz tal-formola tal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur stabbilita fl-Anness I. L-informazzjoni kollha mogħtija fil-formola wkoll għandha tkun prominenti. Il-kreditur għandu jitqies li jkun issodisfa r-rekwiżiti ta' informazzjoni f'dan il-paragrafu u fl-Artikolu 3, il-paragrafi (1) u (2) tad-Direttiva 2002/65/KE jekk huwa jkun ipprovda l-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur.

3. L-informazzjoni prekuntrattwali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tispeċifika l-elementi kollha li ġejjin:

   (a) it-tip ta' kreditu;

   (b) l-identità, l-indirizz ġeografiku, in-numru tat-telefon u l-email tal-kreditur kif ukoll, fejn applikabbli, l-identità, l-indirizz ġeografiku, in-numru tat-telefon u l-email tal-intermedjarju tal-kreditu u tal-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv involuti;

   (c) l-ammont totali ta' kreditu u l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-ġbid ta' kreditu;

   (d) it-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu jew tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv;

   (e) fil-każ ta' kreditu fil-forma ta' ħlas differit għal oġġetti jew servizz speċifiċi u fil-każ ta' ftehimiet ta' kreditu konnessi, l-oġġetti jew is-servizzi speċifiċi u l-prezz fi flus kontanti tagħhom;

   (f) ir-rata tas-self, jew ir-rati tas-self kollha fejn japplikaw rati tas-self differenti f'ċirkostanzi differenti, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjoni ta' kull rata tas-self u, fejn ikun disponibbli, kwalunkwe indiċi jew rata ta' referenza applikabbli għal kull rata inizjali tas-self, kif ukoll il-perjodi, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-bidliet ta' kull rata tas-self;

   (g) ir-rata perċentwali annwali ta' imposta u l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur, spjegati permezz ta' eżempju rappreżentattiv li jsemmi s-suppożizzjonijiet kollha użati għall-kalkolu ta' dik ir-rata; Meta l-konsumatur ikun informa lill-kreditur jew lill-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta'

finanzjament kollettiv b'komponent wieħed jew aktar tal-kreditu preferut tiegħu, bħat-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u l-ammont totali ta' kreditu, il-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv għandu jqis dawk il-komponenti;

(h) fejn ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jipprovdu modi differenti ta' ġbid ta' kreditu b'imposti jew rati tas-self differenti u l-kreditur juża s-suppożizzjoni stabbilita fil-punt (b) tal-Parti II tal-Anness IV, indikazzjoni li mekkaniżmi oħrajn ta' ġbid ta' kreditu għat-tip rilevanti ta' ftehim ta' kreditu jistgħu jirriżultaw f'rati perċentwali annwali ogħla ta' imposta;

(i) l-ammont, l-għadd u l-frekwenza tal-ħlasijiet li jridu jsiru mill-konsumatur u, fejn xieraq, l-ordni li fiha l-ħlasijiet ikunu allokati għal bilanċi pendenti differenti b'rati tas-self differenti għall-finijiet tar-rimborż;

(j) fejn applikabbli, l-imposti għaż-żamma ta' kont wieħed jew ta' diversi kontijiet obbligatorji biex jiġu rreġistrati kemm it-tranżazzjonijiet ta' ħlas kif ukoll il-ġbid ta' kreditu, l-imposti għall-użu ta' mezz ta' ħlas kemm għat-tranżazzjonijiet ta' ħlas kif ukoll għall-ġbid ta' kreditu, kwalunkwe imposta oħra li tirriżulta mill-ftehim ta' kreditu u l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom kwalunkwe imposta tista' tiġi mibdula;

(k) fejn applikabbli, kwalunkwe kost pagabbli mill-konsumatur lil nutar mal-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv;

(l) l-obbligu, fejn hemm, li wieħed jidħol f'kuntratt dwar servizz anċillari relatat mal-ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, meta il-konklużjoni ta' tali kuntratt tkun obbligatorja biex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb il-kreditu bit-termini u l-kundizzjonijiet kummerċjalizzati;

(m) ir-rata tal-imgħax applikabbli fil-każ ta' ħlasijiet tard u l-arranġamenti għall-aġġustament tagħha, u, fejn applikabbli, kwalunkwe imposta pagabbli għall-inadempjenza;

(n) twissija dwar il-konsegwenzi meta ma jsirux ħlasijiet jew meta dawn isiru tard;

(o) fejn ikun applikabbli, il-garanziji meħtieġa;

(p) l-eżistenza ta' dritt ta' rtirar;

(q) id-dritt ta' ħlas lura antiċipat, u, fejn applikabbli, informazzjoni dwar id-dritt tal-kreditur għal kumpens u l-mod li bih dan il-kumpens jiġi ddeterminat;

(r) id-dritt tal-konsumatur li jiġi infurmat immedjatament u mingħajr ħlas, skont l-Artikolu 19(2), bir-riżultat ta' konsultazzjoni ta' bażi tad-*data* li ssir biex tiġi vvalutata l-affidabbiltà kreditizja tiegħu;

(s) id-dritt tal-konsumatur, kif stabbilit fil-paragrafu 8, li jingħata, fuq talba u mingħajr ħlas, kopja tal-abbozz tal-ftehim ta' kreditu jew tal-abbozz tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, dment li l-kreditur fiż-żmien tat-talba jkun lest li jipproċedi għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv mal-konsumatur;

(t) fejn applikabbli, indikazzjoni li l-prezz ġie personalizzat abbażi ta' pproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili;

(u) fejn applikabbli, il-perjodu ta' żmien li matulu l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ikun marbut bl-informazzjoni prekuntrattwali mogħtija f'konformità ma' dan l-Artikolu;

(v) il-possibilità li jintuża mekkaniżmu barra mill-qorti ta' lment u ta' rimedju għall-konsumatur u l-metodi biex ikollu aċċess għalih.

Meta l-ftehim ta' kreditu jew s-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jagħmlu referenza għal parametru referenzjarju kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43], l-isem tal-parametru referenzjarju u tal-amministratur tiegħu u l-implikazzjonijiet potenzjali għall-konsumatur għandhom jingħataw mill-kreditur jew fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu jew il-fornitur tas-servizz ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, lill-konsumatur f'dokument separat li jkun jista' jiġi anness mal-formola tal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur.

4. Fl-istess ħin li tiġi pprovduta l-formola tal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur lill-konsumatur, il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, għandu jagħti lill-konsumatur il-formola tal-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur stabbilita fl-Anness II, li jkun fiha l-informazzjoni prekuntrattwali li ġejja:

(a) l-ammont totali tal-kreditu;

(b) it-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv;

(c) ir-rata tas-self, jew ir-rati tas-self kollha jekk japplikaw rati ta' self differenti f'ċirkostanzi differenti;

(d) ir-rata perċentwali annwali ta' imposta u l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur;

(e) fil-każ ta' kreditu fil-forma ta' ħlas differit għal oġġetti jew servizz speċifiċi u fil-każ ta' ftehimiet ta' kreditu konnessi, l-oġġetti jew is-servizzi speċifiċi u l-prezz fi flus kontanti tagħhom;

(f) il-kostijiet fil-każ ta' ħlasijiet tard;

5. L-informazzjoni murija fil-formola tal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur u fil-formola tal-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur għandha tkun konsistenti. Din għandha tkun tinqara faċilment u tqis ir-restrizzjonijiet tekniċi tal-mezz li fuqu tintwera. L-informazzjoni għandha tintwera b'mod adegwat u xieraq fuq il-mezzi differenti.

Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li l-kreditur jista' jagħti lill-konsumatur għandha tingħata f'dokument separat li jkun jista' jiġi anness mal-formola tal-

[43] Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1).

Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur jew mal-formola tal-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur.

6. B'deroga mill-paragrafu 3, fil-każ ta' komunikazzjonijiet telefoniċi bil-vuċi, kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2002/65/KE, id-deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali tas-servizz finanzjarju li għandu jingħata skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 3(3), il-punt (b) ta' dik id-Direttiva għandha tinkludi tal-inqas l-elementi msemmija fil-paragrafu 3(c), (d), (e), (f) u (i) ta' dan l-Artikolu, flimkien mar-rata perċentwali annwali ta' imposta spjegata permezz ta' eżempju rappreżentattiv u l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur.

7. Jekk il-ftehim ikun ġie konkluż fuq it-talba tal-konsumatur bl-użu ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod li ma jippermettix li l-informazzjoni tingħata f'konformità ma' dan l-Artikolu, il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu jew l-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv għandhom jagħtu lill-konsumatur il-formola tal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur u l-formola tal-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur immedjatament wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

8. Fuq talba tal-konsumatur, il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv għandhom, minbarra l-formola tal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur u l-formola tal-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur, jagħtu lill-konsumatur kopja tal-abbozz tal-ftehim ta' kreditu, jew tal-abbozz tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv mingħajr ħlas, dment li l-kreditur fiż-żmien tat-talba jkun lest jipproċedi għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv mal-konsumatur.

9. Fil-każ ta' ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li permezz tagħhom il-ħlasijiet magħmula mill-konsumatur ma jwasslux għal amortizzament korrispondenti immedjat tal-ammont totali ta' kreditu, iżda jintużaw biex jikkostitwixxu kapital matul perjodi u b'kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim ta' kreditu, fil-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jew fi ftehim anċillari, il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu jew il-fornitur tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jinkludu fl-informazzjoni prekuntrattwali msemmija fil-paragrafu 1 dikjarazzjoni ċara u konċiża li tali ftehimiet ta' kreditu u servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ma jippreveduxgaranzija ta' ħlas lura tal-ammont totali ta' kreditu miġbud skont il-ftehim ta' kreditu jew is-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, sakemm garanzija bħal din ma tingħatax espressament.

10. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-forniturita' oġġetti jew servizzi li jkunu qed jaġixxu bħala intermedjarji tal-kreditu f'kapaċità anċillari. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-kreditur, jew fejn applikabbli, tal-intermedjarju tal-kreditu jew tal-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li jiżgura li l-konsumatur jirċievi l-informazzjoni prekuntrattwali msemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 11

Informazzjoni prekuntrattwali fir-rigward tal-ftehimiet ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 2(5) jew (6)

1. Għall-ftehimiet ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 2(5) jew (6), l-informazzjoni prekuntrattwali msemmija fl-Artikolu 10(1) għandha, b'deroga mill-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu, tingħata fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor permezz tal-formola tal-Informazzjoni Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur stabbilita fl-Anness III. L-informazzjoni kollha mogħtija f'dik il-formola għandha tkun daqstant prominenti. Il-kreditur għandu jitqies li jkun issodisfa r-rekwiżiti tal-informazzjoni f'dan il-paragrafu u fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva 2002/65/KE jekk huwa jkun ipprovda l-Informazzjoni Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur.

2. Għall-ftehimiet ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 2(5) jew (6), l-informazzjoni prekuntrattwali msemmija fl-Artikolu 10(1) għandha, b'deroga mill-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu, tispeċifika l-elementi kollha li ġejjin:

   (a) it-tip ta' kreditu;

   (b) l-identità, l-indirizz ġeografiku, in-numru tat-telefon u l-email tal-kreditur kif ukoll, fejn applikabbli, l-identità, l-indirizz ġeografiku, in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-email tal-intermedjarju tal-kreditu involut;

   (c) l-ammont totali tal-kreditu;

   (d) it-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu;

   (e) ir-rata tas-self u l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjoni ta' dik ir-rata, kwalunkwe indiċi jew rata ta' referenza applikabbli għar-rata tas-self inizjali, l-imposti applikabbli mill-ħin li fih il-ftehim ta' kreditu jiġi konkluż, u, fejn applikabbli, il-kundizzjonijiet li permezz tagħhom dawk l-imposti jistgħu jinbidlu;

   (f) ir-rata perċentwali annwali ta' imposta, spjegata permezz ta' eżempji rappreżentattivi li jsemmu s-suppożizzjonijiet kollha użati għall-kalkolu ta' dik ir-rata;

   (g) l-ammont, l-għadd u l-frekwenza tal-ħlasijiet li jridu jsiru mill-konsumatur u, fejn xieraq, l-ordni li fiha l-ħlasijiet ikunu allokati għal bilanċi pendenti differenti b'rati tas-self differenti għall-finijiet tar-rimborż;

   (h) il-kundizzjonijiet u l-proċedura għat-terminazzjoni tal-ftehim ta' kreditu;

   (i) id-dritt ta' ħlas lura antiċipat, u, fejn applikabbli, informazzjoni dwar id-dritt tal-kreditur għal kumpens u l-mod li bih dan il-kumpens jiġi ddeterminat.

   (j) fejn applikabbli, indikazzjoni li l-konsumatur jista' jintalab iħallas lura l-ammont totali tal-kreditu fi kwalunkwe ħin;

   (k) ir-rata tal-imgħax applikabbli fil-każ ta' ħlasijiet tard u l-arranġamenti għall-aġġustament tagħha, u, fejn applikabbli, kwalunkwe imposta pagabbli għall-inadempjenza;

   (l) id-dritt tal-konsumatur li jiġi infurmat immedjatament u mingħajr ħlas, skont l-Artikolu 19(2), bir-riżultat ta' konsultazzjoni ta' bażi tad-*data* li ssir biex tiġi vvalutata l-affidabbiltà kreditizja tiegħu;

   (m) fejn applikabbli, indikazzjoni li l-prezz ġie personalizzat abbażi ta' pproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili;

   (n) fejn applikabbli, il-perjodu ta' żmien li matulu l-kreditur ikun marbut bl-informazzjoni prekuntrattwali mogħtija f'konformità ma' dan l-Artikolu;

(o) il-possibilità li jintuża mekkaniżmu barra mill-qorti ta' lment u ta' rimedju għall-konsumatur u l-metodi biex ikollu aċċess għalih.

3. Fl-istess ħin li tiġi pprovduta l-formola tal-Informazzjoni Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur lill-konsumatur, il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu, għandhom jagħtu lill-konsumatur il-formola tal-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur stabbilita fl-Anness II.

4. L-informazzjoni murija fil-formola tal-Informazzjoni Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur u fil-formola tal-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur għandha tkun konsistenti. Din għandha tkun tinqara faċilment u tqis ir-restrizzjonijiet tekniċi tal-mezz li fuqu tintwera. L-informazzjoni għandha tintwera b'mod adegwat u xieraq fuq il-mezzi differenti.

5. B'deroga mill-paragrafu 2, fil-każ ta' komunikazzjonijiet telefoniċi bil-vuċi, kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2002/65/KE, id-deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali tas-servizz finanzjarju li għandu jingħata skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 3(3), il-punti (b) ta' dik id-Direttiva għandha tinkludi tal-inqas l-elementi msemmija fil-paragrafu 2(c) sa (f) u (l) ta' dan l-Artikolu.

6. Fuq talba tal-konsumatur, il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu għandhom, minbarra l-formola tal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur u l-formola tal-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur, jagħtu lill-konsumatur kopja tal-abbozz tal-ftehim ta' kreditu mingħajr ħlas, dment li l-kreditur fiż-żmien tat-talba jkun lest jipproċedi għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu mal-konsumatur.

7. Jekk il-ftehim ikun ġie konkluż fuq it-talba tal-konsumatur bl-użu ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod li ma jippermettix li l-informazzjoni tingħata f'konformità ma' dan l-Artikolu, il-kreditur għandu jagħti lill-konsumatur il-formola tal-Informazzjoni Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur u l-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur immedjatament wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu.

8. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-fornituri ta' oġġetti jew servizzi li jkunu qed jaġixxu bħala intermedjarji tal-kreditu f'kapaċità anċillari. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-kreditur, jew fejn applikabbli, tal-intermedjarju tal-kreditu li jiżgura li l-konsumatur jirċievi l-informazzjoni prekuntrattwali msemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 12

Spjegazzjonijiet adegwati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-krediturи u, fejn applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu u l-forniturи ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ikunu meħtieġa jagħtu spjegazzjonijiet adegwati lill-konsumatur dwar il-ftehimiet ta' kreditu jew is-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv proposti u kwalunkwe servizz anċillari li jippermettu lill-konsumatur jivvaluta jekk il-ftehimiet ta' kreditu jew is-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u s-servizzi anċillari proposti jkunux adatti għall-ħtiġijiet u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. L-ispjegazzjonijiet għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 10, 11 u 38;

(b) il-karatteristiċi essenzjali tal-ftehim ta' kreditu, tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jew tas-servizzi anċillari proposti;

(c) l-effetti speċifiċi li l-ftehim ta' kreditu, is-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jew is-servizzi anċillari proposti jista' jkollhom fuq il-konsumatur, inkluż il-konsegwenzi ta' inadempjenza fil-ħlas jew ta' ħlas tard mill-konsumatur;

(d) fejn is-servizzi anċillari jiġu ggruppati ma' ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, jekk kull komponent tal-grupp jistax jiġi tterminat separatament u l-implikazzjonijiet ta' tali terminazzjoni għall-konsumatur.

2. L-Istati Membri jistgħu jadattaw ir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-mod li bih għandhom jingħataw l-ispjegazzjonijiet u l-punt sa fejn għandhom jingħataw għal dawn li ġejjin:

(a) iċ-ċirkostanzi tas-sitwazzjoni li fiha jiġi offrut il-kreditu;

(b) il-persuna li lilha jiġi offrut il-kreditu;

(c) in-natura tal-kreditu offrut.

Artikolu 13

Offerti personalizzati abbażi ta' pproċessar awtomatizzat

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-krediturі, l-intermedjarji tal-kreditu u l-forniturі ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jinfurmaw lill-konsumaturi meta jiġu ppreżentati b'offerta personalizzata li tkun ibbażata fuq it-tfassil ta' profili jew tipi oħra ta' pproċessar awtomatizzat ta' *data* personali.

KAPITOLU III

BEJGĦ ABBINAR U PRATTIKI TA' GGRUPPAR, FTEHIM GĦAL SERVIZZI ANĊILLARI, SERVIZZI TA' KONSULENZA U BEJGĦ TA' KREDITU MHUX MITLUB

Artikolu 14

Bejgħ abbinat u prattiki ta' ggruppar

1. L-Istati Membri jistgħu jippermettu prattiki ta' ggruppar iżda għandhom jipprojbixxu l-bejgħ abbinat.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-krediturі jew lill-forniturі ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jitolbu lill-konsumatur jiftaħ jew iżomm kont ta' pagament jew ta' tfaddil, li l-uniku għan ta' tali kont ikun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) li jiġi akkumulat il-kapital biex jitħallas lura l-kreditu;

(b) li jiġi pprovdut il-kreditu;

(c) li jinġabru flimkien ir-riżorsi biex jinkiseb il-kreditu:

(d) li jipprovdi garanzija addizzjonali għall-kreditur f'każ ta' inadempjenza.

3. B’deroga mill-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni, l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-bejgħ abbinat meta l-kreditur jew il-fornitur ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv ikun jista’ juri lill-awtorità kompetenti li l-prodotti abbinati jew il-kategoriji ta’ prodotti offruti, fuq termini u kundizzjonijiet simili għal xulxin, jirriżultaw f’benefiċċju ċar għall-konsumaturi meta jitqiesu kif xieraq id-disponibbiltà u l-prezzijiet tal-prodotti rilevanti offruti fis-suq.

4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-krediturі jew lill-fornituri ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv jirrikjedu li l-konsumatur ikollu polza tal-assigurazzjoni rilevanti relatata mal-ftehim ta’ kreditu jew mas-servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv, filwaqt li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet ta’ proporzjonalità. F’każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur jew il-fornitur ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv ikun meħtieġ jaċċetta l-polza ta’ assigurazzjoni minn fornitur differenti mill-fornitur preferut tiegħu meta din il-polza jkollha livell ta’ garanzija ekwivalenti għal dik li jkun ippropona l-kreditur jew il-fornitur ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv, mingħajr ma jibdel il-kundizzjoni tal-offerta ta’ kreditu lill-konsumatur.

Artikolu 15

Qbil inferit għall-akkwist ta’ servizzi anċillari

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-krediturі, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv ma jinferux il-qbil tal-konsumatur mal-akkwist ta’ servizzi anċillari ppreżentati permezz ta’ għażliet prestabbiliti. L-għażliet prestabbiliti jinkludu kaxxi mmarkati minn qabel.

2. Il-qbil tal-konsumatur li jakkwista servizzi anċillari ppreżentati permezz ta’ kaxxi għandu jingħata permezz ta’ att affermattiv ċar li jistabbilixxi indikazzjoni mogħtija liberament, speċifika, infurmata u mhux ambigwa tal-qbil tiegħu mal-kontenut u s-sustanza assoċjati mal-kaxxi.

Artikolu 16

Servizzi ta’ konsulenza

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur, u fejn applikabbli l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornitur ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv jinfurmaw lill-konsumatur b’mod espliċitu, fil-kuntest ta’ tranżazzjoni partikolari, jekk ikunux qed jingħataw jew jistgħux jingħataw servizzi ta’ konsulenza lill-konsumatur.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li qabel ma jagħtu servizzi ta’ konsulenza jew qabel il-konklużjoni ta’ kuntratt għall-provvista ta’ tali servizzi, il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornitur ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv, jagħtu lill-konsumatur l-informazzjoni li ġejja fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor:

   (a) indikazzjoni ta’ jekk ir-rakkomandazzjoni hijiex se tkun ibbażata biss fuq il-firxa ta’ prodotti tagħhom stess jew fuq firxa wiesgħa ta’ prodotti mis-suq kollu f’konformità mal-paragrafu 3, il-punt (c).

   (b) fejn applikabbli, indikazzjoni tat-tariffa pagabbli mill-konsumatur għas-servizzi ta’ konsulenza jew tal-metodu użat għall-kalkolu tagħha, meta l-

ammont ta’ tali tariffa ma jkunx jista’ jiġi stabbilit fil-mument li tingħata l-informazzjoni.

L-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tista’ tingħata lill-konsumatur fil-forma ta’ informazzjoni prekuntrattwali addizzjonali f’konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(5).

3. Meta jiġu pprovduti servizzi ta’ konsulenza lill-konsumaturi, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-krediturі u, fejn applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv:

(a) jiksbu l-informazzjoni strettament neċessarja dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-konsumatur, il-preferenzi u l-objettivi relatati mal-ftehim ta’ kreditu jew is-servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv, sabiex il-kreditur, l-intermedjarju tal-kreditu jew il-fornituri ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv jirrakkomandaw ftehim ta’ kreditu jew servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv li huma adatti għall-konsumatur.

(b) jivvalutaw is-sitwazzjoni finanzjarja u l-ħtiġijiet tal-konsumatur abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-punt (a), li għandha tkun aġġornata fiż-żmien tal-valutazzjoni, filwaqt li jqisu suppożizzjonijiet raġonevoli dwar ir-riskji għas-sitwazzjoni finanzjarja tal-konsumatur matul it-terminu tal-ftehim ta’ kreditu jew tal-ftehimiet ta’ kreditu rakkomandati, jew tas-servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv;

(c) jikkunsidraw għadd kbir biżżejjed ta’ ftehimiet ta’ kreditu jew servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv fil-firxa tal-prodotti tagħhom u fuq dik il-bażi jirrakkomandaw ftehim ta’ kreditu jew diversi ftehimiet ta’ kreditu, jew servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv minn fost dik il-firxa ta’ prodotti li tkun adattata għall-ħtiġijiet, is-sitwazzjoni finanzjarja u ċ-ċirkostanzi personali tal-konsumatur;

(d) jaġixxu fl-aħjar interessi tal-konsumatur;

(e) jagħtu lill-konsumatur rekord fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor tar-rakkomandazzjoni mogħtija.

4. L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu l-użu tat-termini “konsulenza” u “konsulent” jew termini simili meta s-servizzi ta’ konsulenza jiġu kkummerċjalizzati u pprovduti lill-konsumaturi minn krediturі jew fejn applikabbli, intermedjarji tal-kreditu jew fornituri ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv.

Fejn l-Istati Membri ma jipprojbixxux l-użu tat-termini “konsulenza” u “konsulent” jew termini simili, huma għandhom jimponu l-kundizzjonijiet li ġejjin fuq l-użu tat-terminu “konsulenza indipendenti” jew “konsulent indipendenti” minn krediturі, intermedjarji tal-kreditu jew fornituri ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv li jagħtu servizzi ta’ konsulenza:

(a) il-krediturі u, fejn applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv għandhom iqisu għadd kbir biżżejjed ta’ ftehimiet ta’ kreditu jew servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv disponibbli fis-suq;

(b) l-intermedjarji tal-kreditu ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi ta’ konsulenza minn kreditur wieħed jew aktar.

Il-punt (b) tat-tieni subparagrafu għandu japplika biss meta l-għadd ta' krediturimeqjusa jkun inqas minn maġġoranza tas-suq.

L-Istati Membri jistgħu jimponu rekwiżiti aktar stretti għall-użu tat-termini "konsulenza indipendenti" jew "konsulent indipendenti" mill-krediturи u, fejn applikabbli, mill-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

5. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-krediturи u, fejn applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv iwissu lil konsumatur meta ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jistgħu jwasslu għal riskju speċifiku għall-konsumatur meta titqies is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi ta' konsulenza jistgħu jiġu pprovduti biss mill-krediturи u, fejn applikabbli, mill-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

L-Istati Membri jistgħu, b'deroga mill-ewwel subparagrafu, jippermettu lil persuni oħra għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu jipprovdu servizzi ta' konsulenza meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-servizzi ta' konsulenza jiġu pprovduti b'mod inċidentali waqt attività professjonali li tkun irregolata minn dispożizzjonijiet legali jew regolatorji jew minn kodiċi ta' etika li ma jeskludix il-provvista ta' dawk is-servizzi;

(b) is-servizzi ta' konsulenza jiġu pprovduti fil-kuntest tal-immaniġġjar tad-dejn eżistenti mill-prattikanti tal-insolvenza u dik l-attività ta' mmaniġġjar tkun regolata minn dispożizzjonijiet legali jew regolatorji;

(c) is-servizzi ta' konsulenza jiġu pprovduti fil-kuntest tal-immaniġġjar tad-dejn eżistenti minn fornituri tas-servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn pubbliċi jew volontarji li ma joperawx fuq bażi kummerċjali;

(d) is-servizzi ta' konsulenza jiġu pprovduti minn persuni li jkunu awtorizzati u ssorveljati minn awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 17

Projbizzjoni ta' bejgħ ta' kreditu mhux mitlub

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu kwalunkwe bejgħ ta' kreditu lill-konsumaturi mingħajr ma jkunu talbu dan minn qabel u mingħajr il-ftehim espliċitu tagħhom.

KAPITOLU IV

VALUTAZZJONI TAL-AFFIDABBILTÀ KREDITIZJA U AĊĊESS GĦAL BAŻI TAD-*DATA*

Artikolu 18

Obbligu li tiġi vvalutata l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, qabel il-konklużjoni ta' ftehim ta' kreditu, jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, il-kreditur jew, fejn applikabbli, il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament

kollettiv jagħmel valutazzjoni bir-reqqa tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur. Dik il-valutazzjoni għandha ssir fl-interess tal-konsumatur, biex jiġu evitati prattiki ta' self irresponsabbli u dejn eċċessiv, u għandha tqis kif xieraq il-fatturi rilevanti għall-verifika tal-prospett tal-konsumatur li jissodisfa l-obbligi tiegħu skont il-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

2. Il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja għandha titwettaq abbażi ta' informazzjoni rilevanti u preċiża dwar l-introjtu u l-ispejjeż tal-konsumatur u ċirkostanzi finanzjarji u ekonomiċi oħra li hija meħtieġa u proporzjonata bħal evidenza ta' introjtu jew sorsi oħra ta' ħlas lura, informazzjoni dwar assi u obbligazzjonijiet finanzjarji, jew informazzjoni dwar impenji finanzjarji oħra. L-informazzjoni għandha tinkiseb minn sorsi interni u esterni rilevanti, inkluż il-konsumatur u, fejn meħtieġ, abbażi ta' konsultazzjoni ta' bażi tad-*data* rilevanti msemmija fl-Artikolu 19.

   L-informazzjoni miksuba f'konformità ma' dan il-paragrafu għandha tiġi vverifikata kif xieraq, fejn meħtieġ permezz ta' referenza għal dokumentazzjoni verifikabbli b'mod indipendenti.

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur jew, fejn applikabbli, il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu finanzjament kollettiv jistabbilixxi proċeduri għall-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jiddokumenta u jżomm tali proċeduri.

   L-Istati Membri għandhom jirrikjedu wkoll li l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jiddokumenta u jżomm l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jagħmel il-kreditu disponibbli għall-konsumatur biss meta r-riżultat tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jindika li l-obbligi li jirriżultaw mill-ftehim ta' kreditu jew mill-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv x'aktarx li jiġu ssodisfati kif meħtieġ skont dak il-ftehim.

   Minkejja l-ewwel subparagrafi, fejn ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jindika li l-obbligi li jirriżultaw mill-ftehim ta' kreditu jew mill-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv x'aktarx li ma jiġux issodisfati kif meħtieġ skont dak il-kuntratt, il-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jista' eċċezzjonalment jagħmel il-kreditu disponibbli għall-konsumatur f'ċirkostanzi speċifiċi u ġġustifikati sew.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta kreditur jew fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jikkonkludi ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ma' konsumatur, il-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ma għandux sussegwentement jikkanċella jew jibdel il-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv għad-detriment tal-konsumatur fuq il-bażi li l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tkun twettqet b'mod skorrett. Dan il-paragrafu ma għandux japplika fejn jintwera li l-konsumatur b'mod konxju żamm jew iffalsifika l-informazzjoni mogħtija lill-kreditur jew lill-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv imsemmija fil-paragrafu 2.

6. Meta l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tkun tinvolvi l-użu ta' tfassil ta' profili jew ipproċessar awtomatizzat ieħor ta' *data* personali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumatur ikollu d-dritt li:

   (a) jitlob u jikseb intervent uman min-naħa tal-kreditur jew tal-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv biex jirrieżamina d-deċiżjoni;

   (b) jitlob u jikseb mill-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv spjegazzjoni ċara tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja, inkluż dwar il-loġika u r-riskji involuti fl-ipproċessar awtomatizzat ta' *data* personali kif ukoll is-sinifikat u l-effetti tiegħu fuq id-deċiżjoni;

   (c) jesprimi l-fehma tiegħu u jikkontesta l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja u d-deċiżjoni.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-applikazzjoni għall-kreditu tiġi miċħuda, il-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ikun meħtieġ jinforma lill-konsumatur mingħajr dewmien dwar ir-rifjut u, fejn applikabbli, dwar il-fatt li l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tkun ibbażata fuq l-ipproċessar awtomatizzat ta' *data*.

8. Meta l-partijiet jaqblu li jibdlu l-ammont totali ta' kreditu wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu, jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ikun meħtieġ li jivvaluta mill-ġdid l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur abbażi ta' informazzjoni aġġornata qabel ma tingħata kwalunkwe żieda sinifikanti fl-ammont totali ta' kreditu.

9. L-Istati Membri li l-leġiżlazzjoni tagħhom tirrikjedi li l-krediturі jew il-forniturі ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jivvalutaw l-affidabilità kreditizja tal-konsumaturi fuq il-bażi ta' konsultazzjoni tal-bażi tad-*data* rilevanti jistgħu jżommu dan ir-rekwiżit.

Artikolu 19

1. **Bażijiet tad-*data*** Kull Stat Membru għandu fil-każ ta' kreditu transfruntier jiżgura l-aċċess għal krediturі u forniturі tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv minn Stati Membri oħra għal bażijiet tad-*data* użati f'dak l-Istat Membru għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumaturi. Il-kundizzjonijiet għall-aċċess għal dawn il-bażijiet tad-*data* ma għandhomx ikunu diskriminatorji.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika kemm għall-bażijiet tad-*data* pubbliċi kif ukoll għal dawk privati.

3. Il-bażijiet tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom tal-anqas informazzjoni dwar il-pagamenti arretrati tal-konsumaturi.

4. Fejn applikazzjoni għall-kreditu tiġi miċħuda abbażi ta' konsultazzjoni ta' bażi tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jinforma lill-konsumatur immedjatament u mingħajr ħlas bir-riżultat ta' tali konsultazzjoni u bid-dettalji tal-bażi tad-*data* kkonsultata.

KAPITOLU V

FORMA U KONTENUT TAL-FTEHIMIET TA' KREDITU

Artikolu 20

Forma tal-ftehim ta' kreditu u tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-ftehimiet ta' kreditu jew il-ftehimiet għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jitfasslu fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor u li l-partijiet kontraenti kollha jingħataw kopja tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

2. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu regoli nazzjonali dwar il-validità tal-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kreditu jew ftehimiet għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li jkunu konformi mad-dritt tal-Unjoni.

Artikolu 21

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-ftehim ta' kreditu jew fil-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jispeċifika b'mod ċar u konċiż l-elementi kollha li ġejjin:

   (a) it-tip ta' kreditu;

   (b) l-identitajiet, l-indirizzi ġeografiċi, in-numri tat-telefon u l-email tal-partijiet kontraenti kif ukoll, fejn applikabbli, l-identità u l-indirizz ġeografiku tal-intermedjarju tal-kreditu u tal-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv involut;

   (c) l-ammont totali ta' kreditu u l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-ġbid ta' kreditu;

   (d) it-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv;

   (e) f'każ ta' kreditu fil-forma ta' ħlas differit għal oġġetti jew servizz speċifiċi u fil-każ ta' ftehimiet ta' kreditu konnessi, l-oġġetti jew is-servizzi speċifiċi u l-prezz fi flus kontanti tagħhom;

   (f) ir-rata tas-self, jew ir-rati tas-self kollha fejn japplikaw rati tas-self differenti f'ċirkostanzi differenti, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjoni ta' kull rata tas-self u, fejn ikun disponibbli, kwalunkwe indiċi jew rata ta' referenza applikabbli għal kull rata inizjali tas-self, kif ukoll il-perjodi, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-bidliet ta' kull rata tas-self;

   (g) ir-rata perċentwali annwali ta' imposta u l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur, ikkalkulati fil-ħin tal-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u indikazzjoni tas-suppożizzjonijiet kollha użati f'dak il-kalkolu;

   (h) l-ammont, l-għadd u l-frekwenza tal-ħlasijiet li jridu jsiru mill-konsumatur u, fejn xieraq, l-ordni li fiha l-ħlasijiet ikunu allokati għal bilanċi pendenti differenti b'rati tas-self differenti għall-finijiet tar-rimborż;

   (i) fejn ikun involut amortizzament ta' kapital ta' ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv b'tul ta' żmien fiss, id-dritt tal-konsumatur li jirċievi, fuq talba jew mingħajr ħlas, fi

kwalunkwe ħin fit-tul kollu tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, rendikont fil-forma ta' tabella ta' amortizzament;

(j) fejn imposti u imgħaxijiet ikollhom jitħallsu mingħajr amortizzament ta' kapital, rendikont li juri l-perjodi u l-kundizzjonijiet għall-ħlas tal-imgħax u ta' kwalunkwe imposta rikorrenti u mhux rikorrenti assoċjata;

(k) fejn applikabbli, l-imposti għaż-żamma ta' kont wieħed jew ta' diversi kontijiet obbligatorji biex jiġu rreġistrati kemm it-tranżazzjonijiet ta' ħlas kif ukoll il-ġbid ta' kreditu, l-imposti għall-użu ta' mezz ta' ħlas kemm għat-tranżazzjonijiet ta' ħlas kif ukoll għall-ġbid ta' kreditu, kwalunkwe imposta oħra li tirriżulta mill-ftehim ta' kreditu u mill-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, u l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom dawk l-imposti jistgħu jiġu mibdula;

(l) ir-rata tal-imgħax applikabbli f'każ ta' ħlasijiet tard kif applikabbli fiż-żmien tal-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu u tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u l-arranġamenti għall-aġġustament tagħha u, fejn applikabbli, kwalunkwe imposta pagabbli għall-inadempjenza;

(m) twissija dwar il-konsegwenzi meta ma jsirux ħlasijiet jew meta dawn isiru tard;

(n) fejn applikabbli, dikjarazzjoni li għandhom jitħallsu tariffi notarili;

(o) fejn applikabbli, il-garanziji u l-assigurazzjoni meħtieġa;

(p) l-eżistenza jew l-assenza ta' dritt ta' rtirar, il-perjodu li matulu dak id-dritt jista' jiġi eżerċitat u kundizzjonijiet oħra li jirregolaw l-eżerċizzju tiegħu, inkluża informazzjoni dwar l-obbligu tal-konsumatur stabbilit fl-Artikolu 26(3)(b) li jħallas il-kapital miġbud u l-imgħax, u l-ammont ta' imgħax pagabbli kuljum;

(q) informazzjoni dwar id-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 27 kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet;

(r) id-dritt ta' ħlas lura antiċipat stabbilit fl-Artikolu 29, il-proċedura għall-ħlas lura antiċipat, kif ukoll, fejn applikabbli, informazzjoni dwar id-dritt tal-kreditur għal kumpens u l-mod li bih dan il-kumpens jiġi ddeterminat;

(s) il-proċedura li għandha tiġi segwita fl-eżerċitar tad-dritt ta' terminazzjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv;

(t) il-possibilità li jintuża mekkaniżmu barra mill-qorti ta' lment u ta' rimedju għall-konsumatur u l-metodi biex ikollu aċċess għalih;

(u) fejn applikabbli, termini u kundizzjonijiet kuntrattwali oħrajn;

(v) fejn applikabbli, l-isem u l-indirizz tal-awtorità superviżorja kompetenti.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u adattata biex jitqiesu r-restrizzjonijiet tekniċi tal-mezz li fuqu tintwera. L-informazzjoni għandha tintwera b'mod adegwat u xieraq fuq il-mezzi differenti.

2. Fejn japplika l-paragrafu 1, il-punt (i), il-kreditur u, fejn applikabbli, il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv għandu jagħmel disponibbli għall-konsumatur, mingħajr ħlas u fi kwalunkwe ħin matul it-tul ta' żmien kollu tal-ftehim

ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, rendikont fil-forma ta' tabella ta' amortizzament.

It-tabella ta' amortizzament imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tindika l-ħlasijiet dovuti u l-perjodi u l-kundizzjonijiet relatati mal-ħlas ta' tali ammonti.

It-tabella ta' amortizzament għandu jkun fiha wkoll diżaggregazzjoni ta' kull ħlas lura li tispeċifika l-amortizzament tal-kapital, l-imgħax ikkalkulat fuq il-bażi tar-rata tas-self u, fejn applikabbli, kwalunkwe kost addizzjonali.

Fejn ir-rata tas-self ma tkunx fissa jew il-kostijiet addizzjonali jistgħu jinbidlu skont il-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, it-tabella ta' amortizzament għandha tindika, b'mod ċar u konċiż, li d-*data* li tinsab fit-tabella tibqa' valida biss sa meta dik ir-rata tas-self jew dawk il-kostijiet jinbidlu f'konformità mal-ftehim ta' kreditu jew mal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

3. Fil-każ ta' ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li permezz tiegħu l-ħlasijiet magħmula mill-konsumatur ma jwasslux għal amortizzament korrispondenti immedjat tal-ammont totali ta' kreditu, iżda jintużaw biex jikkostitwixxu kapital matul perjodi u bil-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim ta' kreditu, fil-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jew fi ftehim anċillari, minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv għandu jinkludi dikjarazzjoni ċara u konċiża li tali ftehimiet ta' kreditu jew ftehimiet għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ma jipprevedux garanzija ta' ħlas lura tal-ammont totali ta' kreditu miġbud skont il-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv sakemm ma tingħatax espressament garanzija bħal din.

KAPITOLU VI

MODIFIKI TAL-FTEHIM TA' KREDITU U BIDLIET FIR-RATA TAS-SELF

Artikolu 22

Informazzjoni dwar il-modifika tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv

Mingħajr preġudizzju għal obbligi oħra previsti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li qabel ma jimmodifika t-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim ta' kreditu, jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, il-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jikkomunika l-informazzjoni li ġejja lill-konsumatur:

(a) deskrizzjoni ċara tal-bidliet proposti u, fejn applikabbli, il-ħtieġa għall-kunsens tal-konsumatur jew tal-bidliet introdotti *ex lege*;

(b) l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' dawk il-bidliet;

(c) il-mezzi għall-ilmenti disponibbli għall-konsumatur dwar dawk il-modifiki;

(d) il-perjodu ta' żmien disponibbli għat-tressiq ta' kwalunkwe lment bħal dan;

(e) l-isem u l-indirizz tal-awtorità kompetenti fejn dak l-ilment ikun jista' jitressaq.

Artikolu 23

Bidliet fir-rata tas-self

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jinforma lill-konsumatur bi kwalunkwe bidla fir-rata tas-self, fuq karta jew mezz durabbli ieħor, qabel ma l-bidla tidħol fis-seħħ.

   L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi l-ammont tal-ħlasijiet li għandhom isiru wara d-dħul fis-seħħ tar-rata tas-self il-ġdida u, fejn l-għadd jew il-frekwenza tal-ħlasijiet jinbidlu, id-dettalji tagħhom.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-informazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu tista' tingħata lill-konsumatur perjodikament meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) il-partijiet ikunu qablu dwar tali informazzjoni perjodika fil-ftehim ta' kreditu jew fil-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv;

   (b) il-bidla fir-rata tas-self tkun ikkawżata minn bidla fir-rata ta' referenza;

   (c) ir-rata ta' referenza l-ġdida ssir disponibbli għall-pubbliku b'mezzi xierqa;

   (d) l-informazzjoni dwar ir-rata ta' referenza l-ġdida tkun disponibbli wkoll fil-bini tal-kreditur jew tal-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

KAPITOLU VII

FAĊILITAJIET TA' OVERDRAFT U OVERRUNNING

Artikolu 24

Faċilitajiet ta' overdraft

1. Meta kreditu jkun ingħata fil-forma ta' faċilità ta' overdraft, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur, matul it-tul ta' żmien kollu tal-ftehim ta' kreditu, iżomm lill-konsumatur infurmat regolarment permezz ta' rendikont, fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor, li jkun fih l-elementi li ġejjin:

   (a) il-perjodu preċiż li għalih jirreferi r-rendikont;

   (b) l-ammonti u d-dati ta' ġbid ta' kreditu;

   (c) il-bilanċ mir-rendikont preċedenti, u d-data tiegħu;

   (d) il-bilanċ il-ġdid;

   (e) id-dati u l-ammonti tal-ħlasijiet magħmula mill-konsumatur;

   (f) ir-rata tas-self applikata;

   (g) kwalunkwe imposta li ġiet applikata;

   (h) fejn applikabbli, l-ammont minimu li għandu jitħallas mill-konsumatur.

2. Meta kreditu jkun ingħata fil-forma ta' faċilità ta' overdraft, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur jinforma lill-konsumatur, fuq karta jew mezz durabbli ieħor, b'żidiet fir-rata tas-self jew fi kwalunkwe imposta pagabbli, qabel ma tidħol fis-seħħ il-bidla inkwistjoni.

B’deroga mill-ewwel subparagrafu, l-informazzjoni msemmija f’dak is-subparagrafu tista’ tingħata perjodikament bil-mod previst fil-paragrafu 1 meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-partijiet ikunu qablu dwar tali informazzjoni perjodika fil-ftehim ta’ kreditu;

(b) il-bidla fir-rata tas-self tkun ikkawżata minn bidla fir-rata ta’ referenza;

(c) ir-rata ta’ referenza l-ġdida ssir disponibbli għall-pubbliku b’mezzi xierqa;

(d) l-informazzjoni dwar ir-rata ta’ referenza l-ġdida tkun disponibbli wkoll fil-bini tal-kreditur.

Artikolu 25

Overrunning

1. Fil-każ ta’ ftehim għall-ftuħ ta’ kont kurrenti, fejn ikun hemm possibbiltà li l-konsumatur jingħata overrun, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur jinkludi tali informazzjoni f’dak il-ftehim, minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(2), il-punti (e). Il-kreditur għandu fi kwalunkwe każ jipprovdi lill-konsumatur b’din l-informazzjoni fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor fuq bażi regolari.

2. Fil-każ ta’ overrunning sinifikanti li jaqbeż perjodu ta’ xahar, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur jinforma lill-konsumatur mingħajr dewmien, fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor, dwar dawn kollha li ġejjin:

(a) l-overrunning;

(b) l-ammont involut;

(c) ir-rata tas-self;

(d) kwalunkwe penali, imposta jew imgħax fuq l-arretrati applikabbli.

Barra minn hekk, f’każ ta’ overrunning regolari, il-kreditur għandu joffri servizzi ta’ konsulenza lill-konsumatur, fejn disponibbli, jew jiggwida lill-konsumaturi lejn servizzi ta’ konsulenza dwar id-dejn.

3. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kwalunkwe regola tad-dritt nazzjonali li tirrikjedi lill-kreditur joffri tip ieħor ta’ prodott ta’ kreditu meta t-tul ta’ żmien tal-overrunning ikun sinifikanti.

KAPITOLU VIII

IRTIRAR, TERMINAZZJONI U ĦLAS LURA ANTIĊIPAT

Artikolu 26

Dritt ta’ rtirar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumatur jista’ jirtira mill-ftehim ta’ kreditu jew mill-ftehim għall-provvista ta’ servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv mingħajr ma jagħti raġuni fi żmien 14-il jum kalendarju.

Il-perjodu tal-irtirar imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jibda jew:

(a) mill-jum tal-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv; jew

(b) mill-jum li fih il-konsumatur jirċievi t-termini u l-kundizzjonijiet u l-informazzjoni kuntrattwali f'konformità mal-Artikoli 20 u 21, jekk dak il-jum ikun aktar tard mid-data msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu.

L-iskadenza msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha titqies li tkun ġiet issodisfata jekk in-notifika msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (a), tintbagħat mill-konsumatur lill-kreditur jew l-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv qabel ma tiskadi dik l-iskadenza.

2. Meta, fil-każ ta' ftehim ta' kreditu konness, il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fi [*data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*] diġà tipprovdi li l-fondi ma jistgħux isiru disponibbli għall-konsumatur qabel l-iskadenza ta' perjodu speċifiku, l-Istati Membri jistgħu, b'deroga mill-paragrafu 1, jipprovdi li l-perjodu msemmi f'dak il-paragrafu jista' jitnaqqas għall-istess tul ta' żmien ta' dak il-perjodu speċifiku fuq it-talba espliċita tal-konsumatur.

3. Jekk il-konsumatur jeżerċita d-dritt ta' rtirar, huwa għandu jieħu l-miżuri li ġejjin:

(a) jinnotifika lill-kreditur jew lill-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv f'konformità mal-informazzjoni mogħtija mill-kreditur jew mill-fornitur ta' servizzi ta' kreditu finanzjament kollettiv skont l-Artikolu 21(1), il-punt (p) fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor fl-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 1;

(b) iħallas lill-kreditur jew lill-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv il-kapital u l-imgħax akkumulat fuqu mid-data li fiha ngħibed il-kreditu sad-data li fiha l-kapital jitħallas lura, mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara li tintbagħat in-notifika msemmija fil-punt (a).

L-imgħax imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandu jiġi kkalkulat abbażi tar-rata tas-self miftiehma. Il-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ma għandu jkun intitolat għal ebda kumpens ieħor mill-konsumatur fil-każ ta' rtirar, ħlief kumpens għal kwalunkwe imposta mhux rimborżabbli mħallsa mill-kreditur jew mill-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv lil kwalunkwe korp amministrattiv pubbliku.

4. Meta servizz anċillari relatat mal-ftehim ta' kreditu jew mal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jiġi pprovdut mill-kreditur, mill-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jew minn parti terza fuq il-bażi ta' ftehim bejn dik il-parti terza u l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, il-konsumatur ma għandux jibqa' marbut bil-kuntratt ta' servizz anċillari jekk il-konsumatur jeżerċita d-dritt ta' rtirar mill-ftehim ta' kreditu jew mill-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv f'konformità ma' dan l-Artikolu.

5. Jekk il-konsumatur ikollu dritt ta' rtirar skont il-paragrafi 1, 3 u 4 ta' dan, l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2002/65/KE ma għandhomx japplikaw.

6. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għal ftehimiet ta' kreditu jew għal servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li skont id-dritt nazzjonali huma meħtieġa li jiġu konklużi

permezz tas-servizzi ta' nutar, dment li n-nutar jikkonferma li l-konsumatur ikollu l-garanzija tad-drittijiet previsti fl-Artikoli 10 u 11, u l-Artikolu 20 u 21.

7. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola tad-dritt nazzjonali li tistabbilixxi perjodu ta' żmien li matulu ma jistax jibda t-twettiq tal-kuntratt.

Artikolu 27

Ftehimiet ta' kreditu konnessi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li konsumatur li jkun eżerċita d-dritt ta' rtirar ibbażat fuq id-dritt tal-Unjoni, fir-rigward ta' kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew servizzi, ma jibqax marbut bi ftehim ta' kreditu konness.

2. Meta l-oġġetti jew is-servizzi koperti minn ftehim ta' kreditu konness ma jiġux fornuti, jew jiġu fornuti parzjalment biss, jew ma jkunux konformi mal-kuntratt għall-provvista tagħhom, il-konsumatur għandu jkollu d-dritt li jfittex rimedji kontra l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jekk il-konsumatur ikun fittex rimedji kontra l-fornitur iżda ma jkunx irnexxielu jikseb is-sodisfazzjon li għalih huwa intitolat f'konformità mad-dritt jew il-kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew servizzi. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw sa liema punt u b'liema kundizzjonijiet dawk ir-rimedji għandhom ikunu eżerċitabbli.

3. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola nazzjonali li tagħmel lill-kreditur jew lill-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv responsabbli *in solidum* fir-rigward ta' kwalunkwe pretensjoni li l-konsumatur jista' jkollu kontra l-fornitur fejn ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi mill-fornitur ikun ġie ffinanzjat minn ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

Artikolu 28

Ftehimiet ta' kreditu bla skadenza fissa jew ftehimiet għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumatur jista' jaffettwa terminazzjoni standard ta' ftehim ta' kreditu bla skadenza fissa jew ta' ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv mingħajr ħlas u fi kwalunkwe ħin, sakemm il-partijiet ma jkunux qablu dwar perjodu ta' avviż. Tali perjodu ma għandux jaqbeż xahar.

   L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, fejn ikun miftiehem fil-ftehim ta' kreditu jew fil-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, jista' jaffettwa t-terminazzjoni standard ta' ftehim ta' kreditu bla skadenza fissa jew ta' ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv billi jagħti lill-konsumatur avviż ta' mill-inqas xahrejn fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, fejn ikun miftiehem fil-ftehim ta' kreditu jew fil-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jista', għal raġunijiet ġustifikati b'mod oġġettiv, jittermina d-dritt tal-konsumatur li jiġbed kreditu minn ftehim ta' kreditu bla skadenza fissa. Il-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv għandu jinforma lill-konsumatur dwar

it-terminazzjoni u r-raġunijiet għaliha fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor, fejn possibbli qabel it-terminazzjoni u mhux aktar tard minn immedjatament wara, sakemm l-għoti ta' tali informazzjoni ma jkunx ipprojbit mid-dritt nazzjonali jew tal-Unjoni jew ma jkunx imur kontra l-objettivi tal-politika pubblika jew tas-sigurtà pubblika.

Artikolu 29

Ħlas lura antiċipat

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumatur ikun fi kwalunkwe ħin intitolat għal ħlas lura antiċipat. F'każijiet bħal dawn, il-konsumatur għandu jkun intitolat għal tnaqqis fil-kost totali tal-kreditu, li jikkonsisti fl-imgħax u l-kostijiet għat-tul taż-żmien li jifdal tal-kuntratt. Meta jiġi kkalkulat dak it-tnaqqis, għandhom jitqiesu l-kostijiet kollha imposti fuq il-konsumatur mill-kreditur.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur, fil-każ ta' ħlas lura antiċipat, ikun intitolat għal kumpens ġust u oġġettivament ġustifikat għal kostijiet possibbli marbuta direttament mal-ħlas lura antiċipat, dment li l-ħlas lura antiċipat jaqa' f'perjodu li għalih ir-rata tas-self hija fissa.

   Il-kumpens imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma jistax jaqbeż il-1 % tal-ammont ta' kreditu soġġett għal ħlas lura antiċipat meta l-perjodu ta' żmien bejn il-ħlas lura antiċipat u t-terminazzjoni miftiehma tal-ftehim ta' kreditu jaqbeż sena. Fejn dak il-perjodu ma jaqbiżx sena, il-kumpens ma għandux jaqbeż il-0,5 % tal-ammont ta' kreditu soġġett għal ħlas lura antiċipat.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur ma jkunx intitolat għall-kumpens imsemmi fil-paragrafu 2 meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-ħlas lura jkun sar skont kuntratt ta' assigurazzjoni maħsub biex jipprovdi garanzija ta' ħlas lura ta' kreditu;

   (b) il-kreditu jingħata fil-forma ta' faċilità ta' overdraft;

   (c) il-ħlas lura jaqa' f'perjodu li għalih ir-rata tas-self ma tkunx fissa.

4. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li:

   (a) il-kreditur ikun intitolat biss għall-kumpens imsemmi fil-paragrafu 2 sakemm l-ammont tal-ħlas lura antiċipat jaqbeż il-limitu stabbilit fid-dritt nazzjonali, li ma għandux jaqbeż EUR 10 000 fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar;

   (b) il-kreditur jista' jitlob eċċezzjonalment kumpens ogħla jekk ikun jista' juri li t-telf imġarrab minħabba l-ħlas lura antiċipat jaqbeż l-ammont iddeterminat f'konformità mal-paragrafu 2.

5. Meta l-kumpens mitlub mill-kreditur jaqbeż it-telf reali imġarrab minħabba l-ħlas lura antiċipat, il-konsumatur għandu jkun intitolat għal tnaqqis korrispondenti.

   Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, it-telf għandu jikkonsisti fid-differenza bejn ir-rata tal-imgħax miftiehma inizjalment u r-rata tal-imgħax li biha l-kreditur jista' jsellef l-ammont soġġett għal ħlas lura antiċipat fis-suq fiż-żmien ta' dak il-ħlas lura, u għandu jqis l-impatt tal-ħlas lura antiċipat fuq il-kostijiet amministrattivi.

6. Il-kumpens imsemmi fil-paragrafu 2 ma għandu fl-ebda każ jaqbeż l-ammont ta' imgħax li l-konsumatur kien ikollu jħallas matul il-perjodu bejn il-ħlas lura antiċipat u d-data miftiehma tat-terminazzjoni tal-ftehim ta' kreditu.

KAPITOLU IX

RATA PERĊENTWALI ANNWALI TA' IMPOSTI U LIMITI MASSIMI FUQ IR-RATI U L-KOSTIJIET

Artikolu 30

Kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' imposta

1. Ir-rata perċentwali annwali ta' imposta għandha tiġi kkalkulata f'konformità mal-formula matematika stabbilita fil-Parti I tal-Anness IV. Hija tammonta fuq bażi annwali, għall-valur preżenti tal-impenji kollha (ġbid ta' kreditu, ħlas lura u imposti), futuri jew eżistenti, miftiehma mill-kreditur jew mill-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u mill-konsumatur.

2. Għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata perċentwali annwali tal-imposta, għandu jiġi ddeterminat il-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur, bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe imposta pagabbli mill-konsumatur għan-nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe wieħed mill-impenji tiegħu stabbiliti fil-ftehim ta' kreditu jew fil-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u imposti minbarra l-prezz tax-xiri li, għax-xiri ta' oġġetti jew servizzi, ikun obbligat iħallas kemm jekk it-tranżazzjoni ssir fi flus kontanti jew bi kreditu.

   Il-kostijiet taż-żamma ta' kont li jirreġistra kemm it-tranżazzjonijiet ta' ħlas kif ukoll il-ġbid ta' kreditu, il-kostijiet tal-użu ta' mezz ta' ħlas kemm għat-tranżazzjonijiet ta' ħlas kif ukoll għall-ġbid ta' kreditu, u kostijiet oħra relatati mat-tranżazzjonijiet ta' ħlas għandhom jiġu inklużi fil-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur sakemm il-ftuħ tal-kont ma jkunx fakultattiv u l-kostijiet tal-kont ikunu ġew identifikati b'mod ċar u separat fil-ftehim ta' kreditu, fil-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jew fi kwalunkwe ftehim ieħor konklużmal-konsumatur.

3. Il-kalkolu tar-rata perċentwali annwali tal-imposta għandu jkun ibbażat fuq is-suppożizzjoni li l-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv għandu jibqa' validu għall-perjodu miftiehem u li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u l-konsumatur se jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont it-termini u sad-dati speċifikati fil-ftehim ta' kreditu jew fil-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

4. Fil-każ ta' ftehimiet ta' kreditu jew ftehimiet għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li jkun fihom klawżoli li jippermettu varjazzjonijiet fir-rata tas-self jew varjazzjonijiet f'ċerti imposti li jinsabu fir-rata perċentwali annwali ta' imposta li jagħmluhom mhux kwantifikabbli fiż-żmien tal-kalkolu, ir-rata perċentwali annwali ta' imposta għandha tiġi kkalkulata fuq is-suppożizzjoni li r-rata tas-self u imposti oħra se jibqgħu fissi fir-rigward tal-livell inizjali u se jibqgħu applikabbli sa tmiem il-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

5. Fejn ikun meħtieġ, is-suppożizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fil-Parti II tal-Anness IV jistgħu jintużaw fil-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' imposta.

   Fejn is-suppożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Parti II tal-Anness IV ma jkunux biżżejjed biex tiġi kkalkulata r-rata perċentwali annwali ta' imposta b'mod uniformi jew ma jibqgħux adattati għas-sitwazzjonijiet kummerċjali fis-suq, il-

Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 45 sabiex temenda dan l-Artikolu u l-Parti II tal-Anness IV biex iżżid is-suppożizzjonijiet addizzjonali meħtieġa għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' imposta jew biex timmodifika dawk eżistenti.

Artikolu 31

Limiti massimi fuq ir-rati tal-imgħax, rata perċentwali annwali ta' imposta u kost totali tal-kreditu lill-konsumatur

1. L-Istati Membri għandhom jintroduċu limiti massimi fuq wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

   (a) ir-rati tal-imgħax applikabbli għal ftehimiet ta' kreditu jew għal servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv;

   (b) ir-rata perċentwali annwali ta' imposta;

   (c) il-kost totali tal-kreditu lill-konsumatur.

2. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu limiti massimi addizzjonali għall-faċilitajiet ta' kreditu rotanti.

KAPITOLU X

OBBLIGI TA' KONDOTTA KUMMERĊJALI U REKWIŻITI GĦALL-PERSUNAL

Artikolu 32

Obbligi ta' kondotta kummerċjali meta jingħata kreditu lill-konsumaturi

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jaġixxu b'mod onest, ġust, trasparenti u professjonali u jqisu d-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi meta jwettqu kwalunkwe waħda mill-attivitajiet li ġejjin:

   (a) il-manifattura ta' prodotti ta' kreditu;

   (b) l-għoti, l-intermedjazzjoni jew l-iffaċilitar tal-għoti ta' kreditu;

   (c) il-provvista ta' servizzi ta' konsulenza fir-rigward tal-kreditu;

   (d) il-provvista ta' servizzi anċillari lill-konsumaturi;

   (e) l-eżekuzzjoni ta' ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

   L-attivitajiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, għandhom ikunu bbażati fuq informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi tal-konsumatur u kwalunkwe rekwiżit speċifiku kkomunikat minn konsumatur u fuq suppożizzjonijiet raġonevoli dwar ir-riskji għas-sitwazzjoni tal-konsumatur matul it-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu jew tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

   L-attivitajiet imsemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu għandhom ikunu bbażati wkoll fuq l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 16, il-paragrafu (3), il-punt (a).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mod li bih il-krediturijhallsu lill-persunal u lill-intermedjarji tal-kreditu tagħhom u l-mod li bih l-intermedjarji tal-kreditu u l-

fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv iħallsu lill-persunal tagħhom ma jxekklux il-konformità mal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jistabbilixxu u japplikaw politiki ta' remunerazzjoni għall-persunal responsabbli għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja, il-krediturijkkonformaw mal-prinċipji li ġejjin b'mod u sal-punt li jkun xieraq għad-daqs, għall-organizzazzjoni interna u għan-natura, għall-kamp ta' applikazzjoni u għall-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom:

   (a) il-politika ta' remunerazzjoni tkun konsistenti ma' u tippromwovi ġestjoni tajba u effettiva tar-riskju u ma tinkoraġġix it-teħid tar-riskju li jaqbeż il-livell ta' riskju ttollerat tal-kreditur;

   (b) il-politika ta' remunerazzjoni tkun konformi mal-istrateġija tan-negozju, l-objettivi, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-kreditur, u tinkorpora miżuri biex jiġu evitati kunflitti ta' interess, b'mod partikolari billi tipprovdi li r-remunerazzjoni ma tkunx kontinġenti fuq l-għadd jew il-proporzjon ta' applikazzjonijiet aċċettati għall-kreditu.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn il-krediturijl-intermedjarji tal-kreditu jew il-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jagħtu servizzi ta' konsulenza, l-istruttura tar-remunerazzjoni tal-persunal involut ma tippreġudikax il-kapaċità tagħhom li jaġixxu fl-aħjar interess tal-konsumatur u ma tkunx kontinġenti fuq il-miri tal-bejgħ. Sabiex jintlaħaq dak l-għan, l-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu wkoll il-kummissjonijiet imħallsa mill-kreditur lill-intermedjarju tal-kreditu.

5. L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu jew jimponu restrizzjonijiet fuq il-ħlasijiet minn konsumatur lil kreditur, intermedjarju tal-kreditu jew fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv qabel il-konklużjoni ta' ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu kollettiv.

Artikolu 33

Rekwiżiti ta' għarfien u ta' kompetenza għall-persunal

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-krediturijl-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jirrikjedu li l-persunal tagħhom ikollu u jżomm aġġornat livell xieraq ta' għarfien u kompetenza fir-rigward tal-manifattura, l-offerta u l-għoti ta' ftehimiet ta' kreditu u servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, it-twettiq ta' attivitajiet ta' intermedjazzjoni tal-kreditu jew il-provvista ta' servizzi konsultattivi jew servizzi ta' finanzjament kollettiv. Fejn il-konklużjoni ta' ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv tinkludi servizz anċillari marbut miegħu, għandhom ikunu meħtieġa għarfien u kompetenza adatta b'rabta ma' dak is-servizz anċillari.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu rekwiżiti minimi ta' għarfien u kompetenza għall-persunal tal-krediturijtal-intermedjarji tal-kreditu u tal-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 tiġi ssorveljata mill-awtoritajiet kompetenti, u li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat li jirrikjedu lill-krediturijlill-intermedjarji tal-kreditu u lill-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jipprovdu l-evidenza li l-awtorità kompetenti tqis li hija meħtieġa biex tippermetti tali superviżjoni.

KAPITOLU XI

EDUKAZZJONI FINANZJARJA U APPOĠĠ LILL-KONSUMATURI F'DIFFIKULTAJIET FINANZJARJI

Artikolu 34

Edukazzjoni finanzjarja

1. L-Istati Membri għandhom jippromwovu miżuri li jappoġġaw l-edukazzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' teħid ta' self responsabbli u l-immaniġġjar tad-dejn, b'mod partikolari fir-rigward ta' ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur. Għandha tingħata informazzjoni ċara u ġenerali dwar il-proċess tal-għoti ta' kreditu lill-konsumaturi sabiex jiġu ggwidati, b'mod partikolari dawk li jieħdu kreditu għall-konsumatur għall-ewwel darba, u speċjalment fuq l-għodod diġitali.

   L-Istati Membri għandhom ixerrdu wkoll informazzjoni dwar il-gwida li l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jagħtu lill-konsumaturi.

   Dan il-paragrafu ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jipprevedi għal edukazzjoni finanzjarja addizzjonali.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta u tippubblika rapport tal-edukazzjoni finanzjarja disponibbli għall-konsumaturi fl-Istati Membri u tidentifika eżempji tal-aħjar prattiki li jistgħu jiġu żviluppati aktar sabiex jiżdied l-għarfien finanzjarju tal-konsumaturi.

Artikolu 35

Arretrati u miżuri ta' tolleranza

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-krediturі jkollhom politiki u proċeduri adegwati sabiex jagħmlu sforzi biex, fejn xieraq, jeżerċitaw tolleranza raġonevoli qabel ma jinbdew il-proċedimenti ta' infurzar. Tali miżuri ta' tolleranza għandhom iqisu, fost elementi oħra, iċ-ċirkostanzi tal-konsumatur u jistgħu jinkludu, fost possibbiltajiet oħra:

   (a) rifinanzjament totali jew parzjali ta' ftehim ta' kreditu;

   (b) modifika tat-termini u l-kundizzjonijiet eżistenti ta' ftehim ta' kreditu, li jistgħu jinkludu fost l-oħrajn:

      (i) estensjoni tat-terminu tal-ftehim ta' kreditu;

      (ii) bidliet fit-tip tal-ftehim ta' kreditu;

      (iii) differiment tal-ħlas ta' parti mill-pagamenti rateali jew tal-pagamenti rateali kollha għal perjodu;

      (iv) bidliet tar-rata tal-imgħax;

      (v) offerta ta' moratorju fuq il-pagamenti;

      (vi) ħlasijiet lura parzjali;

      (vii) kambju tal-munita;

      (viii) kanċellazzjoni parzjali u konsolidazzjoni tad-dejn.

2. Il-lista ta’ miżuri potenzjali fil-paragrafu 1, il-punt (b), hija mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti fid-dritt nazzjonali u ma tirrikjedix li l-Istati Membri jipprevedu dawk il-miżuri kollha fid-dritt nazzjonali.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li, meta l-kreditur ikun permess jiddefinixxi u jimponi imposti fuq il-konsumatur minħabba l-inadempjenza, dawk imposti ma jkunux akbar milli jkun meħtieġ biex jikkumpensaw lill-kreditur għall-kostijiet li jkun ġarrab b’riżultat tal-inadempjenza.

4. L-Istati Membri jistgħu jħallu lill-krediturijimponu imposti addizzjonali fuq il-konsumatur fil-każ ta’ inadempjenza. F’dak il-każ, l-Istati Membri għandhom jintroduċu limitu massimu fuq dawk l-imposti.

5. L-Istati Membri ma għandhomx jipprevjenu lill-partijiet fi ftehim ta’ kreditu milli jaqblu b’mod espliċitu li r-ritorn jew it-trasferiment lill-kreditur ta’ oġġetti koperti minn ftehim ta’ kreditu konness jew bid-dħul mill-bejgħ ta’ tali oġġetti jkun biżżejjed biex jitħallas lura l-kreditu.

Artikolu 36

Servizzi ta’ konsulenza dwar id-dejn

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li servizzi ta’ konsulenza dwar id-dejn ikunu disponibbli għall-konsumaturi.

KAPITOLU XII

KREDITURI U INTERMEDJARJI TA’ KREDITU

Artikolu 37

Ammissjoni, reġistrazzjoni u superviżjoni tal-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-krediturijl-intermedjarji tal-kreditu u l-forniturijtas-servizzi ta’ kreditu ta’ finanzjament kollettiv li mhumiex istituzzjonijiet tal-kreditu kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikunu soġġetti għal proċess ta’ ammissjoni adegwat u għal arranġamenti ta’ reġistrazzjoni u superviżjoni stabbiliti minn awtorità kompetenti indipendenti.

Artikolu 38

Obbligi speċifiċi għall-intermedjarji tal-kreditu

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-intermedjarji tal-kreditu:

(a) jindikaw, fir-reklamar u fid-dokumentazzjoni maħsuba għall-konsumaturi, il-firxa tas-setgħat tagħhom u jekk jaħdmux esklużivament ma’ kreditur wieħed jew aktar jew bħala intermedjarju indipendenti;

(b) jiżvelaw lill-konsumatur kwalunkwe tariffa pagabbli mill-konsumatur lill-intermedjarju tal-kreditu għal servizzi li għandhom jiġu pprovduti;

(c) jilħqu ftehim mal-konsumatur dwar kwalunkwe tariffa msemmija fil-punt (b) fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor qabel il-konklużjoni tal-ftehim ta’ kreditu;

(d) jikkomunikaw kwalunkwe tariffa msemmija fil-punt (b) lill-kreditur, għall-fini tal-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' imposta.

KAPITOLU XIII

ĊESSJONIJIET TA' DRITTIJIET U SOLUZZJONI TA' TILWIM

Artikolu 39

Ċessjoni ta' drittijiet

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumatur, fil-każ ta' ċessjoni lil parti terza tad-drittijiet tal-kreditur skont ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, jew tal-ftehim innifsu, ikun intitolat li jinvoka kontra ċ-ċessjonarju kwalunkwe difiża li kienet disponibbli għalih kontra l-kreditur oriġinali, inkluż tpaċija fejn tali difiża tkun permessa fl-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur oriġinali jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jinforma lill-konsumatur dwar iċ-ċessjoni msemmija fil-paragrafu 1, ħlief meta il-kreditur oriġinali, bi ftehim maċ-ċessjonarju, ikompli jipprovdi l-kreditu fir-rigward tal-konsumatur.

Artikolu 40

Soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jkollhom aċċess għal proċeduri adegwati u effettivi ta' soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim, għas-soluzzjoni ta' tilwim bejn il-konsumaturi u l-krediturі, l-intermedjarji tal-kreditu jew il-forniturі ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv dwar id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti skont din id-Direttiva, bl-użu ta' korpi eżistenti fejn xieraq. Tali proċeduri ta' soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim u l-entitajiet li joffruhom għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti bid-Direttiva 2013/11/UE.

2. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-entitajiet li jwettqu s-soluzzjoni tat-tilwim imsemmija fil-paragrafu 1 biex jikkooperaw sabiex isolvu tilwim transfruntier dwar ftehimiet ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

KAPITOLU XIV

AWTORITAJIET KOMPETENTI

Artikolu 41

Awtoritajiet kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jkollhom is-setgħa li jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva ("awtoritajiet kompetenti") u għandhom jiżguraw li dawn jingħataw setgħat ta' investigazzjoni u ta' infurzar u riżorsi adegwati meħtieġa għat-twettiq effiċjenti u effettiv ta' dmirijiethom.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jew awtoritajiet pubbliċi jew korpi rikonoxxuti mid-dritt nazzjonali jew minn awtoritajiet pubbliċi espressament mogħtija s-setgħa għal dak il-għan bid-dritt nazzjonali. Dawn ma għandhomx ikunu krediturі, intermedjarji tal-kreditu jew fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, il-persuni kollha li jaħdmu jew li ħadmu għall-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll l-awdituri u l-esperti mogħtija struzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti, ikunu marbuta bl-obbligu tas-segretezza professjonali. L-ebda informazzjoni kunfidenzjali li jistgħu jirċievu waqt l-eżerċizzju ta' dmirijiethom ma tista' tiġi żvelata lil kwalunkwe persuna jew awtorità tkun xi tkun, ħlief f'forma fil-qosor jew aggregata, ħlief meta skambju jew trażmissjoni ta' tali informazzjoni tkun espliċitament meħtieġa mid-dritt tal-Unjoni jew mid-dritt nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu waħda minn dawn li ġejjin jew it-tnejn li huma:

   (a) awtoritajiet kompetenti kif definit fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44];

   (a) awtoritajiet minbarra l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-punt (a) dment li l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali jirrikjedu lil dawk l-awtoritajiet jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-punt (a) kull meta jkun meħtieġ sabiex iwettqu dmirijiethom skont din id-Direttiva.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet maħtura bħala kompetenti biex jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 2017/2394.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-ħatra tal-awtoritajiet kompetenti u bi kwalunkwe bidla fihom, u, fejn ikun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda fit-territorju tagħhom, jindikaw kwalunkwe tqassim tad-dmirijiet rispettivi bejn dawk l-awtoritajiet kompetenti. L-ewwel notifika bħal din għandha ssir kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn sentejn mid-data li fiha d-Direttiva tidħol fis-seħħ.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom f'konformità mad-dritt nazzjonali jew:

   (a) direttament taħt l-awtorità tagħhom stess jew taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji; jew

   (b) permezz ta' talba lill-qrati li jkollhom ġuriżdizzjoni biex jagħtu d-deċiżjoni meħtieġa, inkluż, fejn xieraq, b'appell, jekk it-talba għall-għoti tad-deċiżjoni meħtieġa ma tintlaqax.

7. Meta jkun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dmirijiet rispettivi tagħhom ikunu ddefiniti b'mod ċar u li dawk l-awtoritajiet jikkollaboraw mill-qrib sabiex ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet rispettivi tagħhom b'mod effettiv.

---

[44] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

8. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista tal-awtoritajiet kompetenti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mill-inqas darba fis-sena u taġġornaha b'mod kontinwu fis-sit web tagħha.

KAPITOLU XV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 42

Livell ta' armonizzazzjoni

1. Sa fejn din id-Direttiva fiha dispożizzjonijiet armonizzati, l-Istati Membri ma jistgħux iżommu jew jintroduċu fid-dritt nazzjonali tagħhom dispożizzjonijiet diverġenti minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din id-Direttiva.

2. Meta Stat Membru jagħmel użu mill-għażliet regolatorji previsti fl-Artikolu 2(5) u 2(6), fl-Artikolu 8(1), fl-Artikolu 8(2)(c), fl-Artikolu 20(2), fl-Artikolu 26(2) u fl-Artikolu 29(4), huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan kif ukoll bi kwalunkwe bidla sussegwenti. L-Istati Membri għandhom jieħdu wkoll il-miżuri xierqa biex ixerrdu dik l-informazzjoni fost il-krediturі, l-intermedjarji tal-kreditu, il-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u l-konsumaturi nazzjonali.

Artikolu 43

Natura imperattiva ta' din id-Direttiva

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi ma jkunux jistgħu jirrinunzjaw id-drittijiet mogħtija lilhom mill-miżuri nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet adottati sabiex jittrasponu din id-Direttiva ma jkunux jistgħu jiġu evitati b'riżultat tal-mod li bih jiġu fformulati l-ftehimiet.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-konsumaturi ma jitilfux il-protezzjoni mogħtija minn din id-Direttiva bis-saħħa tal-għażla tad-dritt ta' pajjiż terz bħala d-dritt applikabbli għall-ftehim ta' kreditu jew għas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, meta l-ftehim ta' kreditu jew is-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jkollhom rabta mill-qrib mat-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar.

Artikolu 44

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk ir-regoli u dawk il-miżuri lill-Kummissjoni sa [*OP: daħħal id-data - sitt xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni*] u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jkollhom jiġu imposti penali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/2394, huma jinkludu l-possibbiltà li jiġu imposti multi permezz ta' proċeduri amministrattivi jew li jinbdew proċedimenti legali sabiex jiġu imposti multi, jew it-tnejn li huma, fejn l-ammont massimu ta' tali multi jkun mill-inqas 4 % tal-fatturat annwali tal-kreditur, tal-intermedjarju tal-kreditu jew tal-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv fl-Istati Membri kkonċernati minn azzjoni ta' infurzar kordinata.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-awtorità kompetenti tista' tiżvela lill-pubbliku kwalunkwe penali amministrattiva li tiġi imposta għal ksur tal-miżuri adottati skont din id-Direttiva, sakemm tali żvelar ma jippreġudikax serjament is-swieq finanzjarji jew jikkawża dannu sproporzjonat lill-partijiet involuti.

Artikolu 45

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 30(5) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn xx xx xxxx. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tul ta' żmien identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 30(5) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandu jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Mal-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tibgħat notifika dwaru simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 30(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 46

Rieżami u monitoraġġ

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq, kull ħames snin u għall-ewwel darba ħames snin mid-data ta' applikazzjoni, evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. L-evalwazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 2(2), il-punt c, u fil-Parti

II tal-Anness IV, u tal-perċentwali użati għall-kalkolu tal-kumpens pagabbli fil-każ ta' ħlas lura antiċipat kif imsemmi fl-Artikolu 29, fid-dawl tax-xejriet ekonomiċi fl-Unjoni u tas-sitwazzjoni fis-suq ikkonċernat.

2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja wkoll l-effett tal-eżistenza tal-għażliet regolatorji msemmija fl-Artikolu 42 dwar is-suq intern u l-konsumaturi.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta r-riżultati tal-evalwazzjoni u l-valutazzjoni msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjati, jekk xieraq, bi proposta leġiżlattiva.

Artikolu 47

Tħassir u dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Id-Direttiva 2008/48/KE titħassar b'effett minn [*OP: daħħal id-data - sitt xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni*]. Madankollu, fir-rigward tar-relazzjonijiet, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, bejn il-konsumaturi u l-krediturijew l-intermedjarji tal-kreditu jew il-forniturijtas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li jikkwalifikaw bħala impriżi mikro, żgħar u medji kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45], id-Direttiva 2008/48/KE għandha tkompli tapplika sa [*OP: daħħal id-data - 18-il xahar mill-iskadenza tat-traspożizzjoni*].

Id-Direttiva 2008/48/KE għandha tkompli tapplika wkoll għal kuntratti ta' kreditu eżistenti fi [*OP: daħħal id-data - sitt xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni*] sa [*it-terminazzjoni tagħhom*].

Madankollu, l-Artikoli 23 u 24, l-Artikolu 25(1), it-tieni sentenza, l-Artikolu 25(2) u l-Artikoli 28 u 39 ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-ftehimiet kollha ta' kreditu bla skadenza fissa eżistenti fi [*OP: daħħal id-data — sitt xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni*].

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness V.

Artikolu 48

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard, minn [*OP: daħħal id-data - 24 xahar mid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva*], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn [*OP: daħħal id-data — sitt xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni*].

   Madankollu, fir-rigward tar-relazzjonijiet, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, bejn il-konsumaturi u l-krediturijew l-intermedjarji tal-kreditu jew il-forniturijtas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li jikkwalifikaw bħala impriżi mikro, żgħar u medji kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/34/UE, l-

[45] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

Istati Membri għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn [*OP: daħħal id-data - 18-il xahar mill-iskadenza tat-traspożizzjoni*].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-dritt nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 49

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 50

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*